# RAPPORT ANNWALI 2016 u 2017
# IL-MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET GĦAT-TFAL U S-SOLIDARJETÀ SOĊJALI

## Introduzzjoni Ġenerali

Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet għat-tfal u Solidarjetà Soċjali huwa impenjat biex itejjeb il-kwalità tal-ħajja permezz tal-għoti ta':

- benefiċċji soċjali suffiċjenti għall-individwi u l-familji fil-bżonn;
- servizzi ta' kwalità ta' assistenza soċjali;
- akkomodazzjoni xierqa sabiex tingħata spinta lill-komunitajiet lokali;
- kura xierqa u fit-tul ta' servizzi ta' kwalità għall-anzjani b'konċentrazzjoni qawwija ta' anzjanità attiva u ż-żamma ta' dawn in-nies fil-komunità għall-itwal żmien possibbli;
- il-promozzjoni u ż-żamma ta' opportunitajiet indaqs għall-persuni b'diżabbiltà.

Dawn ta' fuq jiġu pprovduti permezz ta' sinerġija, *networking* kompetenti, koperazzjoni u komunikazzjoni tajba bejn id-dipartimenti u d-direttorati tal-Ministeru konċernat, prinċipalment: is-Servizzi Korporattivi, l-Imnaġġjar tar-Riżorsi Umani, id-Dipartiment għas-Sigurtà Soċjali, id-Dipartiment tal-Benefiċċju Frodi & Investigazzjoni fi ħdan id-Diviżjoni għall-Osservanza u Investigazzjonijiet, id-Dipartiment tal-Standards fil-Ħarsien Soċjali, il-Politika Soċjali, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi, Dipartiment għall-Anzjani u Kura fil-Komunità, id-Direttorat tal-Governanza Finanzjarja u Ppjanar, id-Direttorat tas-Simplifikazzjoni Burokratika flimkien mal-infrastruttura meħtieġa tal-IMU. Fl-impenn tagħha biex ittejjeb il-koeżjoni soċjali, is-solidarjetà u l-inklużjoni soċjali għal kulħadd, il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet għat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali kontinwament iffittex li jtejjeb il-firxa ta' servizzi li huwa joffri bil-għan sabiex b'mod effiċjenti u effettiv jindirizzaw il-bżonnijiet kontinwi u emerġenti tal-pajjiż.

## DIRETTORAT TAS-SERVIZZI KORPORATTIVI

### Amministrazzjoni Ġenerali

#### Safar

Matul is-sena 2017 ipproċessajna 159 safra lejn l-Ewropa kif ukoll lejn l-Istati Uniti, il-Ġordan u l-Armenia. Fosthom kien hemm 17-il safra fuq delegazzjonijiet Ministerjali jew delegazzjonijiet tas-Segretarji Parlamentari.

Filwaqt illi fis-sena ta' qabel ipproċessajna 162 safra lejn l-Ewropa kif ukoll lejn l-Istati Uniti. Fosthom kien hemm 10 safriet fuq delegazzjonijiet Ministerjali u 11–il safra fuq delegazzjonijiet tas-Segretarju Parlamentari. F'Ġunju kien hemm delegazzjoni mill-Kambodja li kienet mistiedna Malta mill-Ministru.

Safar ieħor li ħadet ħsieb din is-sezzjoni kien relatat mad-Dipartimenti u Direttorati fi ħdan dan il-Ministeru.

#### Restawr ta' Palazzo Ferreria

Fis-sena 2016 ingħatat offerta għar-restawrar tal-faċċata ta' Palazzo Ferreria. Ix-xogħlijiet ta' restawr bdew lejn l-aħħar ta' Ottubru 2016. Il-proġett ġie maqsum fi tnejn, ix-xogħol fuq l-ewwel nofs tal-faċċata.

Fit-2017 tlesta u ġie inawgurat il-proġett tar-restawr tal-faċċata ewlenija ta' *Palazzo Ferreria*, jiġifieri dik li tagħti għal fuq Triq ir-Repubblika, fis-6 ta' Settembru ta' din is-sena. Inħarġet sejħa għall-offerti biex tiġi rrestawrata l-faċċata fuq Triq l-Ordinanza. Dan it-tieni proġett inbeda f'nofs Ġunju tal-2017 u għandu jitlesta f'Mejju tal-2018. Il-proġett ġie maqsum fi tliet partijiet u x-xogħol għaddej fuq l-

ewwel fażi tal-faċċata. Qiegħda wkoll tiġi mfassla offerta ġdida għar-restawr tal-faċċata fi Triq Nofsinhar u oħra sabiex tinxtegħel il-faċċata ewlenija.

**Manutenzjoni**
Matul is-sena 2017 sar refurbishment tal-Uffiċċju Distrettwali l-ġdid ta' Ħal-Balzan fejn inbena ċint bil-kantun fil-bitħa, saru tikħil u tibjid, *toilets*, *trunking* u dwal, kċina, bibien ġodda, *partitions* (*gypsum boards*), *parquet* u saru wkoll rampi sabiex il-fond ikun aċċessibbli minn persuni b'diżabbiltà.

Sar ukoll refurbishment tal-uffiċini wżati mis-Segretarju Parlamentari għall-Akkomodazzjoni Soċjali f'Palazzo Ferreria, liema xogħol kien jikkonsisti f'tikħil u tibjid, *gypsum boards*, inbidlu d-dwal u saret installazzjoni ta' internet data.

Fis-sena ta' qabel (2016) kien sar xogħol ta' manutenzjoni u tibdil ta' għamara f'diversi uffiċini, fosthom. Sar ukoll tibdil totali ta' appartament fi Triq Nofs in-Nhar, il-Belt. Dan l-appartament jagħmel parti minn Palazzo Ferreria. Tneħħew il-*wires* tal-elettriku u l-komunikazzjoniji li kienu neżlin mal-faċċata. Dawn tpoġġew b'mod pulit u temporanju sakemm jitlesta r-restawr kollu.

Għall-aħħar tas-sena nbeda l-proċess ta' bdil ta' *toilets* f'Palazzo Ferreria, liema proċess se jitkompla matul is-sena 2018.

**Fergħa tal-Kuntratti u Xiri**
Din il-Fergħa ħadmet biex jinħarġu u jingħataw diversi kuntratti / kwotazzjonijiet u jinxtraw oġġetti u servizzi għall-Ministeru, is-Segretarju Parlamentari, is-Segretarji Permanenti, kif ukoll Dipartimenti fi ħdan il-Ministeru, kif u meta kien il-bżonn.

Dan sar skont il-liġi u ir-regolamenti tal-*procurement* biex waqt il-proċessi jkunu iggarantiti t-transparenza, il-ġustizzja u r-responsabbiltà. Sakemm kien possibbli dejjem intużat l-*Electronic Public Procurement System* (Epps) fil-ħruġ, fl-evalwazzjoni u fl-għoti tal-offerti tat-tenders.

Fost il-kuntratti li ħarġet din il-fergħa, hemm dawk li kienu ffinanzjati mill-UE bħall-'*FEAD' Project* ESF 4.234 *u 'The Meeting Place' Project* ERDF 08.031.

Il-proġett tar-Restawr tal-binja sħiħa ta' dan il-Ministeru Palazzo Ferreria għadu għaddej u f'din is-sena inħarġu żewġ tenders biex isir ix-xogħol meħtieġ fuq żewġ faċċati oħra.

Biex isir dan kollu jinvolvi ħafna u ħafna ppjanar biex jintlaħqu l-bżonnijiet tad-Dipartiment b'mod sħiħ, b'hekk ma jsirx infiq żejjed u nippjanaw għall-futur.

Fit-2016 ġew fis-seħħ ir-regolamenti l-ġodda tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku, l-istaff kollu ta' din is-sezzjoni attenda taħriġ neċessarju sabiex ix-xogħol li jsir ikun aġġornat u kif mitlub minn din il-leġislazzjoni ġdida.

| **Deskrizzjoni** | **Ammont 2016** |
|---|---|
| 'Green Public Procurement' vettings | 175 |
| Kuntratti Dipartimentali | 7 |
| Kuntratti tad-Dipartiment tal-Kuntratti | 1 |
| Kwotazzjonijiet | 152 |

| | |
|---|---|
| LPOs bid-DAS | 1,071 |
| Stampar u talbiet oħra relatati | 91 |
| Talbiet b'email għall-istokk | 1,378 |
| Talbiet għall-istokk ta' kull 4 xhur | 108 |
| Talbiet tal-affarijiet tal-manutenzjoni | 167 |
| Timbri ordnati diversi (Prezz Totali) | €2,426.41 |

**Trasport**
Fuq bażi regolari, is-sezzjoni tat-trasport tiġġenera rapporti fuq il-vetturi mis-sistema tal-*Fleet Management* biex tanalizza l-ispiża kemm fuq tiswijiet kif ukoll fuq kemm jintuża karburant. Din is-sezzjoni tieħu ħsieb ukoll biex tiġbor ir-risposti għall-Mistoqsijiet Parlamentari fuq bażi finanzjarja, kif ukoll tieħu ħsieb it-tiswijiet f'każ ta' inċidenti u tara li jiġu osservati l-proċeduri kollha neċessarji fejn tidħol *insurance* u rapporti ta' stħarriġ mal-Pulizija. Is-sezzjoni tat-trasport tieħu ħsieb ukoll il-manutenzjoni u t-tiġdid tal-linċenji tal-karozzi tal-MFSS. Tagħmel l-arranġamenti neċessarji biex isiru s-servizzi meħtieġa tal-VRT. *Carriage requirements* jiġu ċċekkjati kull xahar mal-formoli ta' kull vettura, u mdaħħla f'programm biex jinħareġ total għall-Ministeru kif ukoll għad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

| **Deskrizzjoni** | **Ammont** |
|---|---|
| | |
| Talbiet għall-*fuel* (karburant) | €8,373.68 |
| Tiġdid ta' liċenzji | 19 |
| Tiġdid tas-sħubija għat-*towing* | 19 |
| Siwi tal-Karozzi | 12 |
| Servizz għall-Karozzi | 18 |
| Inċidenti | 2 |

**Mħażen**
Dan l-uffiċċju jipprepara x-xogħol li jkun ordnat lilu mill-ħafna sezzjonijiet tad-Dipartiment, jordna ukoll stokk biex fejn hu possibbli jinżamm livell sodisfaċenti għall-qadi ta' kuljum tad–Dipartiment. Dan jigi ppreparat u kull filgħodu, jingħata lil tal-*carriage* biex jitqassam kif jkun hemm bżonn. Tibdil ta' oġġetti jsir mill-aktar fis biex jibqa' għaddej ix-xogħol ta' kuljum. L-*istock take* ta' kull sen' jintbagħat lis-Segretarju Permanenti u lill-Awditur Ġenerali.

Isir ukoll skont il-bżonn, eżercizzji biex jitbattlu l-imħażen tal-*'unserviceable items'* u jintremew oġġetti li m'għadhomx tajbin biex jintużaw bis-sejħa ta' bord. Matul din is-sena saru erba' bordijiet tal-istħarriġ ta' dan it-tip li t-total tagħhom kien ta' ftit iżjed minn €20,000. L-imħażen li kellna ttieħdu u baqa' maħżen żgħir wieħed biss. Hemm bżonn ta' mill-anqas ieħor.

## <u>SEZZJONI TAR-RIŻORSI UMANI</u>

Id-Direttorat għall-Immaniġjar tar-Riżorsi Umani fi ħdan il-Ministeru sar jifforma parti mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi lejn l-aħħar tas-sena 2016. Is-sezzjoni hi ċ-ċentru ta' kull attività relatata mar-riżorsa umana u *people management*. Fost oħrajn jipprovdi sapport u pariri lis-Segretarju Permanenti, lid-Dipartimenti u Direttorati, organizzazzjonijiet u entitajiet li jaqgħu fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali, fosthom il-Faċilità għal Kura fit-Tul

San Vinċenz u d-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Komunità. In-numru ta' impjegati jammontaw għall-aktar minn 2,300. Jassigura wkoll li *policies* u proċeduri tas-Servizz Pubbliku u leġislazzjoni relevanti jiġu mħarsa. Barra minn hekk, is-Sezzjoni tassisti b'mod regolari klijenti interni u esterni billi jipprovdi sapport u informazzjoni fuq firxa wiesgħa ta' materji relatati mal-HR jew kif ikun mitlub mill-gvern ċentrali. Is-sezzjoni tikkordina attivatijiet ta' natura korporattiva u tara li tilħaq miri fl-implimentazzjoni ta' *policies* u direttivi li jinħarġu mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, mill-*People and Standards Division (PSD)* jew mill-istess Ministeru. Il-viżjoni tas-Sezzjoni hi li tixpruna *policies* u prattiċi ta' HR li jippromovu il-benesseri tal-impjegati u li ttejjeb l-effiċjenza u s-servizzi mogħtija mill-impjegati u lill-impjegati.

**Reklutaġġ**

Is-sezzjoni tiffaċilita l-kumpilazzjoni tal-pjani tal-HR fid-dawl tad-Direttivi 9 u 10. Minħabba l-iżvilupp kontinwu tas-setgħat delegati fil-proċessi tar-reklutaġġ u minkejja li s-sezzjoni baqgħet bl-istess ammont limitat ta' riżorsi umani, baqgħet issostni, testendi l-għajnuna u tikkordina skont kif mitlub jew meħtieġ bl-aħjar mod anke billi titlob pariri jew linji gwida minn awtoritajiet kompetenti biex jiġu mħarsa *policies* u regolamenti maħruġa b'mod ċentrali.

Fit-2016 daħlu fis-seħħ Direttivi 9 u 10 dan fisser illi kien hemm ħafna xogħol preparatorju x'isir u taħriġ. Id-direttorat ħass li jibqa' jsostni b'mod kontinwu il-proċessi tal-għażla li kienu ġew delegati anki għaliex b'hekk il-proċess seta' jkun aktar rigoruż u wieħed seta' ma jkollux l-esperjenza meħtieġa. Matul l-2016 id-Direttorat ħareġ total ta' 47 sejħa għall-applikazzjoni

Tul l-2017 kien hemm 54 sejħa għal mili ta' vakanzi skont kif approvati fl-HR Plan kif jidher fit-tabella hwan taħt.

| **Sejħiet Pubbliċi** | **Sejħiet fis-Servizz Pubbliku** |
|---|---|
| • 14<br>o 7 mal-MFH<br>o 7 fl-MFSS/MFCS | • 40<br>o 8 fl-AACCD<br>o 4 fl-MFCS<br>o 2 DSWS<br>o 2 DCS<br>o 14 SVP (1 minnhom mal-AACCD)<br>o 3 sector wide<br>o 7 mal-MFH |

Kif jidher mit-tabella, is-sezzjoni ħadmet mill-qrib u kkolaborat mal-Ministeru tas-Saħħa fejn kien hemm sejħiet għall-applikazzjoni biex jimtlew vakanzi li jolqtu liż-żewġ ministeri.

B'mod intern, is-sezzjoni tat is-sapport meħtieġ lid-direttorati u d-dipartimenti li jaqgħu taħt l-istess dekasteru tul il-proċess kolllu biex jimtlew vakanzi eżistenti. Dan jinkludi wkoll sapport lil Bordijiet tal-Għażla minkejja kull diffikultà.

Ma' dawn wieħed irid iżid il-proċess segwit f'każ ta' ingaġġ ta' persuni f'pożizzjoni ta' fiduċja li jirrikjedi kemm kollaborazzjoni intra kif ukoll inter-ministerjali. Is-sezzjoni qieset li l-parametri u l-proċessi kienu segwiti biex ma jkunx hemm problemi la finanzjarji, la proċedurali u lanqas ta' natura oħra fit-tali ingaġġ.

Fil-każ ta' promozzjonijiet u *progressions*, is-sezzjoni ikkollaborat bis-sħiħ kemm b'mod ċentrali mal-PSD, kif ukoll b'mod intern biex l-impjegati fid-dekasteru jieħdu dak li ħaqqhom fil-ħin anke fid-dawl ta' Direttiva 8.

Is-sezzjoni tieħu ħsieb ukoll li tikkonkludi l-proċess tal-għażla billi wara li jiġi ppubblikat ir-riżultat ta' sejħa għall-applikazzjonijiet skont kif delegat, joħroġ l-ittra tal-ħatra applikabbli skont is-sejħa biex ikun konformi mar-regolamenti speċjalment fejn jidħlu *time-frames*.

Ġew ipproċessati wkoll 194 *Vacancy Requests Forms* f'isem l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru kif jidher fit-tabella murija hawn taħt:-

| **Isem l-entità** | **Numru ta' *vacancy forms* ipproċessati** |
|---|---|
| – CfC | – Xejn |
| – CRPD (former KNPD) | – 5 |
| – HA | – 14 |
| – FSWS | – 92 |
| – Aġenzija Sapport | – 83 |

Tali proċess hu segwit b'mod rigoruż skont regolamenti u linji gwida mill-RRAG, il-Ministeru tal-Finanzi u fl-aħħar u mhux lanqas skont kif mitlub mid-Direttiva 7.

**Rekords**

Is-sezzjoni hi responsabbli ukoll għaż-żamma tar-rekords tal-impjegati. Dawn jinkludu l-aġġornar tar-rekords tal-attendenza ta' madwar 536 impjegat minn total ta' 567 membri tal-istaff, rekords tal-*vacation leave* u *sick leave* tal-567 membru, applikazzjonijiet għall-miżuri favur il-bilanċ bejn xogħol u familja/ħajja skont *policie*s interni u ċentrali, assistenza fl-ipproċessar tal-Performance Appraisals, li jintlaqgħu applikazzjonijiet b'rispons għal sejħiet u x-xogħol kollu anness skont kif spjegat fl-SOP, l-aġġornar tal-*Personal Records Sheets*, l-aġġornar u l-ħruġ tar-rekords tas-servizz (GP 47) kif suppost u fil-ħin u l-ipproċessar u l-kumpilazzjoni ta' informazzjoni meħtieġa għal tweġibiet parlamentari fost l-oħrajn. Tali informazzjoni tinżamm b'mod kunfidenzjali kif meħtieġ imma li hi aċċessibbli għal membri tal-istaff li jeħtieġ jaħdem b'din l-informazzjoni. Il-prinċipju ta' kunfidenzjalità hu meqjus bħala wieħed mill-aktar importanti fil-twettiq tad-dmirijiet tal-istaff fi ħdan is-sezzjoni. Minbarra r-rekords tal-impjegati, id-direttorat jirrekordja wkoll proċessi interni kif rikjest minn natura tax-xogħol. Ir-rekords huma miżmumin b'mod elettroniku li jassigura li l-immaniġjar tad-data tkun aktar kordinat u effiċjenti. Fid-diffikultajiet li s-sezzjoni tiltaqa' magħhom isib l-assistenza u l-intervent tal-IMU għalkemm hemm lok għal titjib sabiex l-informazzjoni miġbura tkun rekorjata b'mod sigur għal meta tkun meħtieġa.

Ma' dawn wieħed irid iżid it-tfassil tal-iStandard Operating Procedures (SOPs) bil-miktub skont inizjattiva intra-ministerjali u li bihom wieħed jista' jintegra fis-sezzjoni b'mod aktar faċli. Minħabba tibdil f'diversi proċessi u l-aġġornar kontinwu fl-istess, dawn għadhom qed ikunu żviluppati.

**Dixxiplina**

Is-sezzjoni hi nkarigata ukoll mill-amministrazzjoni ta' proċeduri tad-dixxiplina. Sa fejn possibbli issir emfasi fuq *people management* b'mod professjonali billi nippruvaw inrawwmu kultura ta' prattiċi tajba u nqajmu kuxjenza dwar il-ħarsien ta' proċeduri u regolamenti. Proċeduri dixxiplinarji jittieħdu skont parametri u regolamenti stabbiliti mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skont Direttiva 11. Is-sezzjoni tassisti wkoll lid-Dipartimenti u Direttorati fi ħdan il-Ministeru biex dawn ir-regolamenti jiġu mħarsa u segwiti skont kif stipulat.

**Salarji u Ħlas dovut lill-impjegati**

Funzjoni importanti oħra fir-responsabbiltà tad-direttorat hi l-ipproċessar, il-komputazzjoni u l-immaniġjar tad-data tal-impjegati fuq il-*payroll*. Is-Sezzjoni ġabret ukoll informazzjoni varja u ħadmet fuq diversi Mistoqsijiet Parlamentari konnessi mal-ħlas tal-impjegati msemmija. Dan ix-xogħol dejjem sar professjonalment, b'mod effiċjenti u effikaċi u b'konformità mad-Direttiva 8.

Xogħol ieħor ta' importanza kbira li twettaq minn dan l-Uffiċċju kien l-aġġornament tal-*Personal Record Sheets (PRSs)* b'mod elettroniku. Il-*PRS* li kull impjegat għandu waħda ġiet kontinwament aġġustata b'kull ċaqlieq fid-*data* u r-remunerazzjoni tal-ħaddiema. Rekords oħra bħal *databases* tal-*allowances* ġew ukoll kontinwament aġġornati.

Dan l-Uffiċċju ikkompila u ħareġ l-*FS3s* tal-membri tad-diversi bordijiet li fl-2017 kienu jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Wara li tlestew, dawn intbagħtu kemm lill-membri msemmija kif ukoll lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni.

Din is-Sezzjoni żammet ukoll kuntatt u ħadmet mill-qrib mat-Taqsima tal-Finanzi ta' dan il-Ministeru. Hija nżammet mgħarrfa u aġġornata bil-komputazzjoni tal-ħlas tal-pagi, bin-nefqa fl-*allowances, overtime, bonuses*, taxxa, bolla u kull remunerazzjoni oħra.

Ix-xogħol ta' din is-Sezzjoni sar fi sfond ta' kordinament kontinwu mat-Teżor f'Għawdex u mat-Taqsima Ċentrali tas-Salarji tal-Gvern fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Dan kien element kruċjali fil-ħidma ta' din is-sezzjoni u serva biex l-aġġustamenti u emendi fil-pagi ħarġu korretti u kemm jista' jkun fil-ħin.

**L-istaff tad-Direttorat**
Kif ingħad fir-rapport tas-sena 2016 kien hemm tibdil sostanzjali fl-istruttura tas-Sezzjoni anke għaliex il-funzjoni tal-HR għaddiet taħt id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi skont sejħa għall-applikazzjonijiet li saret f'Settembru 2016. Minkejja d-diffikultajiet u ż-żmien ta' transizzjoni is-Sezzjoni baqgħet kommessa li tkompli toffri l-istess servizz li kienet tagħti qabel. Ma' dan wieħed irid iżid li fl-aħħar erba' xhur kien hemm tibdil fit-tmexxija u l-istaff kellu jaġġusta ruħu għal sitwazzjoni differenti. Irid jingħad ukoll li kien hemm tibdil fil-legislatura li allura ħalliet impatt mhux ftit fl-ammont ta' xogħol involut. Meta wieħed jikkunsidra dan kollu, wieħed ma jistax ma jirrimarkax li kull ma jmur tinħass il-ħtieġa ta' ngaġġ ta' staff addizzjonali biex l-istandard tas-servizz mogħti jinżamm. Minkejja kollox is-sezzjoni tagħmel ħilitha biex tkompli ttejjeb is-servizz li tagħti u tieħu ħsieb li taġġorna ruħha kemm billi tkun parteċipi f'seminars u fora li jsiru u kemm billi tattendi taħriġ li jkun organizzat. Fil-ħin limitat li jifdal il-*management* jara li jiltaqa' mal-istaff biex jindirizza problemi tax-xogħol li jiltaqgħu magħhom kif ukoll jipprovdi sapport skont il-bżonn. L-istaff minn naħa tiegħu jara li kemm jista' jkun ikun hemm *outreach approach* lejn id-diversi sezzjonijiet, direttorati u dipartimenti biex ukoll jgħin għall-armonija fuq il-post tax-xogħol.

**Taħriġ u Żvilupp**
Is-sezzjoni komplliet tinkoraġġixxi kultura ta' tisħiħ fl-organizzazzjoni mibnija fuq taħriġ u żvilupp billi tiffacilita aċċess għal programmi ta' taħriġ. Fejn possibbli anke b'mod intern fis-sezzjoni nippruvaw li nieħdu inizjattivi bħal *train the trainer* biex ikun massimizzat il-benefiċċju tat-taħriġ li jingħata.

***Employee Support Programme***
Tul 2016 u 2017, is-sezzjoni kompliet tippromwovi dan is-servizz kull meta nħasset il-ħtieġa jew kull meta seta' jkun identifikat li dan seta' jkun ta' benefiċċju għal individwi jew grupp ta' individwi. Għalkemm l-istaff tas-sezzjoni ma kienx involut direttament f'inizjattivi li ttieħdu fi ħdan dan il-grupp, jagħraf il-bżonn li proġetti bħal dan ikunu utillizzati kemm għal benefiċċju tal-individwu u anke tal-organizzazzjoni u għaldaqstant kompla sa fejn jista' jippromwovi l-benefiċċji li dan il-programm jestendi lejn min jagħmel użu minnu.

**Sezzjoni tal-Finanzi**
Is-Sezzjoni tal-Finanzi hija responsabbli mill-ammistrazzjoni tad-Dħul, tal-Ispiża Rikurenti u tal-Ispiża Kapitali għall-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali (Vot 33 – Sena 2016), għad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (Vot 34 – Sena 2016) u għad-Dipartiment tal-Benefiċċji Soċjali (Vot 35 – Sena 2016). Dawn il-Voti huma maqsmin kif murija fit-Tabella b.

**Tabella B**

| | |
|---|---|
| **Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali (Vot 33)** | **Dan il-Vot jinkludi il-Ministeru, is-Segretarjat Parlamentari għall-Persuni b'Disabbiltà u Anzjanità Attiva, għall-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti u għas-Sezzjoni tal-Frodi u Investigazzjoni tal-Benefiċċji.** |
| **Dipartiment tas-Sigurità Socjali (Vot 34)** | **Dan il-Vot jinkludi it-taqsimiet l-oħra li ma' jaqawx taħt il-Vot 33. Dan jinkludi l-ammistrazzjoni tad-diviżjonijiet l-oħra kif ukoll uffiċċji distrettwali.** |
| **Dħul u Spiza tal-Benefiċċji Soċjali (Vot 35)** | **Dan il-Vot jinkludi il-beneffiċċji imħallsa u d-dħul relatat mas-Sigurità Soċjali.** |

Din is-sezzjoni wkoll tikkordina u tagħti assistenza fejn ikun meħtieġ lil tliet Dipartimenti l-oħra, li huma: id-Dipartiment għall-iStandards fil-Ħarsien Soċjali (Vot 36 – Sena 2016), id-Dipartiment tal-Anzjani u Servizzi fil-Komunità (Vot 37 – Sena 2016) u d-Dipartment fuq l-Ammistrazzjoni tal-Pensjoni tat-Teżor (Vot 24 – Sena 2016). Dan tal-aħħar ingħaqad mall-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Socjali matul din is-sena.

Fl-aħħarnett, din is-Sezzjoni tagħti kontribuzzjonijiet u assistenza teknika lill-entitijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali kif muri f'Tabella C.

**Tabella Ċ**

| ENTITA | Kontribuzzjoni |
|---|---|
| **Agenzija Appoġġ** | **€5,598,078** |
| **Awtorità tad-Djar** | **€3,500,933** |
| **Agenzija Sedqa** | **€3,291,663** |
| **Kummissjoni għad-drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà** | **€920,000** |
| **Kummissarju għat-Tfal** | **€125,400** |
| **Fondazzjoni għal Servizzi fil-Ħarsien Soċjali** | **€88,000** |

**Ipproċessar tal-Pagamenti**

Is-Sezzjoni tal-Finanzi għamlet pagamenti kif kien approvat mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi u mis-Segretarju Permanenti. Il-Pagamenti saru b'ċekk jew b'depożitu bankarju. It-tabella numru Ċ turi n-numru taċ-ċekkijiet/depożiti bankarji u l-ammonti mħallsa rispettivament li saru matul is-sena finanzjarja 2016 taħt Vot 33 u Vot 34. It-tabella turi wkoll ammont li tħallas fi flus kontanti u transferimenti ta' ħlas bejn dipartiment u ieħor.

**Tabella D: Statistika fuq Pagamenti**

| Isem tad-Dipartiment | Numru tat-Transazzjonijiet | Ammont ta' Pagamenti f'€ |
|---|---|---|
| **Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Socjali** | | |
| - **Ċekkijiet maħruġa** | **4,130** | **12,881,983** |
| - **Depożiti Bankarji** | **505** | **32,448,077** |
| - **Flus Kontanti** | **-** | **10,968** |
| - **Transferimenti ta' ħlas bejn dipartiment u ieħor** | **151** | **3,641,791** |

**Tabella E: Statistika fuq Pagamenti**

| Isem tad-Dipartiment | Numru tat-Transazzjonijiet | Ammont ta' Pagamenti f'€ |
|---|---|---|
| **Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali** | | |
| - **Ċekkijiet maħruġa** | **2,885** | **1,386,316** |
| - **Depositi Bankarji** | **152** | **540,308** |
| - **Transferimenti ta' ħlas bejn dipartiment u ieħor** | **156** | **4,317,418** |

Il-pagamenti individwali fuq il-Vot 35, Dipartiment tal-Benefiċċji Soċjali saru ħafna minnhom minn Sezzjoni oħra tad-Dipartiment hekk imsejħa IMU u DAMP. Dan minħabba l-volum kbir ta' beneffiċjarji u l-importanza li jsiru fil-ħin stipulat. L-ipproċessar tal-pagamenti hu b'mod awtomatiku kemm jista' jkun. Madankollu is-sezzjoni tal-Finanzi fuq dan il-Vot ħadmet ħafna mill-qrib mat-Teżor u mall-Uffiċċju tal-Baġit biex tassigura li jkun hemm allokazzjoni biżżejjed biex il-pagamenti jsiru fil-ħin u kif stipulat. Għaldaqstant l-istatistika tal-pagamenti fuq dan il-Vot tidher taħt is-sezzjoni tal-IMU u DAMP. Din is-sezzjoni għamlet ukoll pagamenti oħra b'ċekk, b'depositi bankarji u trasferriment ta' ħlas lid-Dipartimenti oħra.

**Rikonċiljazzjoni**
Din is-Sezzjoni ġiet inwaqqfa għax il-pagamenti (cekkijiet jew *'Direct Debits'*) tas-Sigurità Soċjali ma' jsirux mit-Tezor bħal pagamenti oħra imma jsiru mill-Ministeru stess minn żewg kontijiet bankarji apposta. Għaldaqstant inħasset il-ħtieġa li t-transazzjonijiet li jgħaddu minn dan il-kont jiġu analizzati. Jekk pagamenti jibqgħu ma' jissarfux wara sentejn dawn jiġu mogħtija lura lit-Teżor. Din is-Sezzjoni wkoll tieħu ħsieb il-ħlasijet lill-'*Arms'* fuq il-beneffiċċju relatat mall-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

**Rapporti**
Din is-sezzjoni hija magħmula minn diversi rapporti li huma rikjesti minn l-Uffiċċju tal-Baġit, it-Teżor, l-Awditur Ġenerali u entitijiet oħra. Dawn ir-rapporti huma ta' rutina u dejjem intbagħtu fil-ħin kif stipulat minnhom. Din is-sezzjoni tinkludi ukoll rapporti ġenerati internament biex jiġu użati għal rapportaġġ intern jew għall-Mistoqsijiet Parlamentari.

**Rapporti rikjesti mid-Direttorat tal-Baġit**
Hemm diversi rapporti li jiġu rikjesti mill-Uffiċċju tal-Baġit. Dawn jinkludu:

- Rapporti fuq l-andament tal-Baġit;
- Rapporti ta' analiżi fuq il-pagi;
- Rapporti fuq l-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali;
- Rapporti dwar id-dħul mill-Bolla.

F'dan ir-rigward, il-Ministeru, id-Dipartiment tas-Sigurità Soċjali u d-Dipartiment fuq id-Dħul u l-Ħruġ mis-Sigurità Soċjali rnexxielhom iżommu mal-miri finanzjarji kif stabiliti mill-Uffiċċju tal-Baġit.

L-introduzzjoni tal-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali introduċiet rapport fuq il-bilanċ tad-debituri u kemm tnaqqsu minnhom sal-aħħar tas-sena. Skont l-Appendice I tal-Estimi Finanzjarji, il-Ministeru kellu jnaqqas dan il-bilanċ b' €2,310,344. Din il-mira intlaħqet matul din is-sena.

**Rapporti rikjesti mit-Teżor**

- Rapporti tal-*'Accrual Accounting';*
- Previżjonijiet fuq il-Ħlasijiet li ser isiru matul ix-xahar;
- Analiżi dwar ċaqliq sostanzjali fuq id-dħul u l-ħruġ;
- Rapport fuq il-bilanċi fil-kontijiet bankarji tad-Dipartiment;
- Rapport dwar l-Arretrati *(Dawn jiġu awditjat mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali).*

Matul din is-sena, ir-Rapport dwar l-Arretrati talab informazzjoni fuq kemm minn dawn l-Arretrati kienu preskritti, kemm intbagħtu ittri uffiċjali jew mhux uffiċjali lid-debituri biex jitħallas l-ammont dovut u kemm ammont ta' debituri tressqu quddiem il-qorti fejn l-ammonti dovuti baqgħu ma' tħallsux. Din l-informazzjoni ġiet ippovduta b'kordinament bejn id-Dipartiment tas-Sigurità Soċjali u is-sezzjoni tal-Finanzi.

Matul din is-sena sar ukoll sforz biex il-kummenti tar-rapport tal-awditur ġew analizzati flimkien mal-MITA u b'sodifazzjon instabet soluzzjoni għan-nuqqasijiet li kellu dan il-Ministeru fir-rappurtaġġ.

**Rapporti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni**
Minħabba li l-pagamenti mis-Sigurtà Socjali ssir lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, b'kodinament mat-Teżor imma jiġi muri għall-iskop ta' rappurtaġġ finanzjarju fuq id-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, id-Dipartiment tat-Taxxi Interni jitlob informazzjoni fuq id-dħul ta' kull xahar u d-dħul tas-sena. Dan ir-rapurtaġġ isir b'mod regolari u kif mitlub.

**Rapporti lill-Uffiċċju tal-Istatistika**
Dan l-uffiċċju jitlob rapporti fuq in-nefqa li ngħatat lin-nies barranin bħal meta jingħataw pensjonijiet lill-barranin. Din l-informazzjoni tintuża għar-rapport tal-bilanċ kummerċjali. Dan l-uffiċċju jitlob informazzjoni fuq in-nefqa tal-benefiċċji soċjali. Matul 2016, dawn ir-rapporti intbagħtu kull kwart tas-sena.

## DIPARTIMENT TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) li jipprovdi għall-pagamenti tal-benefiċċji taħt l-iskemi kemm dawk kontributorji kif ukoll mhux kontributorji. B'xi mod jew ieħor dawn l-iskemi jolqtu l-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin. Il-ħidma tad-Dipartiment tiżgura li jingħata sapport finanzjarju lil dawk is-sezzjonijiet tal-komunità li huma l-aktar vulnerabbli u li għandhom bżonn l-aktar għajnuna fosthom dawk bi dħul baxx, il-morda, l-anzjani u dawk li m'għandhomx xogħol.

**Nefqa Totali**

In-nefqa totali fuq benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali matul is-sena 2016 laħqet is-somma ta' €900.69 miljun li turi żieda ta' €32.3 miljun fuq is-sena ta' qabel, fejn irid jingħad li matul is-sena kien hemm 14-il pagament minflok 13-il pagament għall-Pensjonijiet tal-Invalidità kif ukoll dawk Pensjoni Minima Nazzjonali filwaqt li għas-sena 2017 in-nefqa laħqet is-somma ta' €936.88 miljun li turi żieda ta' €36.19 fuq is-sena ta' qabel.

It-tabella li jmiss turi n-nefqa totali li tħallset kemm taħt l-iskema tal-benefiċċji kontributorji kif ukoll taħt l-iskema tal-benefiċċji mhux kontributorji, skont it-tip ta' benefiċċju mħallas taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) tal-Liġijiet ta' Malta.

| **Tip ta' Benefiċċju** | **2015 ATTWALI** | **2016 ATTWALI** | **2017 ATTWALI** |
|---|---|---|---|
| | EUR | EUR | EUR |
| Pensjonijiet Relatati mal-Irtirar | 444,805,598 | 479,228,190 | 508,938,015 |
| Pensjonijiet Relatati mal-Invalidità | 24,331,923 | 24,869,631 | 22,010,302 |
| Pensjonijiet Relatati mar-Romol | 118,917,739 | 125,251,566 | 133,805,745 |
| Benefiċċji Relatati mal-Korriment | 1,562,827 | 1,806,973 | 1,718,430 |
| Benefiċċji Relatati ma' Diżimpjieg | 1,682,290 | 1,293293 | 881,949 |
| *Allowance* tat-Tfal | 41,662,470 | 40,824,545 | 39,678,545 |
| Benefiċċju tal-Maternità | 3,327,017 | 3,403,442 | 3,469,604 |
| Benefiċċju tal-Mard | 6,412,857 | 6,307,172 | 6,094,732 |
| *Allowance* tal-Orfni | 83,485 | 80,356 | 117,120 |
| Għotja taż-Żwieġ | 880,668 | 895,637 | 849,470 |
| Bonus | 66,195,240 | 69,068,249 | 71,782,342 |
| TOTAL (1) | 709,862,114 | 753,029,054 | 789,346,254 |
| Pensjonijiet Relatati mal-Età/Vista Batuta | 23,519,964 | 23,550,405 | 26,967,332 |
| Pensjonijiet Relatati ma' Diżabilità | 14,057,726 | 15,703,520 | 17,884,699 |
| Għajnuna Soċjali | 75,936,609 | 69,036,765 | 61,077,383 |
| *Allowance* għal Tfal b'Diżabilità | 1,271,479 | 1,428,217 | 1,452,500 |
| Għajnuna Medika | 18,239,016 | 18,308,356 | 18,410,979 |
| Bonus | 10,280,121 | 9,649,516 | 9,408,960 |
| *Allowance* Supplimentari | 7,374,837 | 7,735,588 | 8,988,038 |
| Benefiċċju għal Waqt l-Impjieg | xejn | 2,258,569 | 2,445,987 |
| TOTAL (II) | 158,515,882 | 147,670,939 | 147,535,878 |
| **GRAND TOTAL (1) + (II)** | **868,377,995** | **900,699,993** | **936,882,132** |

**<u>Skema Kontributorja</u>**

Id-dħul totali miġbur bis-saħħa tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318) matul is-sena 2016, kien ta' €804,388,725 li huwa żieda ta' €64,805,686 fuq is-sena ta' qabel, filwaqt li matul is-sena 2017 kien ta' €875,053,633 li huwa żieda ta' €70,664,908 fuq is-sena ta' qabel. Dawn il-figuri kienu mqassmin kif jidher f'dan it-tabella hawn taħt:

| Tip ta' Kontribuzzjoni | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|
| Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali | €489,675,187 | €535,616,403 | €585,994,660 |
| Kontribuzzjoni Addizzjonali | €5,070,259 | €2,180,561 | €1,978,974 |
| Kontribuzzjoni tal-Istat | €244,837,593 | €266,591,762 | €28,708,000 |
| Total | €739,583,039 | €804,388,725 | €875,053,633 |

**Pensjonijiet Kontributorji**

Skont kif jidher mit-tabella iżjed 'l isfel in-numru ta' persuni li kienu qegħdin jirċievu Pensjoni Kontributorja matul is-sena 2016 kien ta' 88,447 filwaqt li għas-sena 2017 dan żdied għal 91,947. Bħal fis-snin imgħoddija reġa' kien hemm żieda fin-numru ta' pensjonanti u fil-fatt iż-żieda netta għas-sena 2017 fuq 2016 kienet ta' 3.96%. Bħala riżultat tad-diskors tal-baġit għas-snin 2016 u 2017, il-pensjonanti kollha ġew mogħtija r-rata sħiħa taż-żieda tal-għoli tal-ħajja li kienet ta' €1.75 fil-ġimgħa. Bħal fis-snin imgħoddija, żewġ terzi (€1.17) ġew miżjuda mar-rata tal-pensjoni ta' kull ġimgħa u t-terz l-ieħor li jammonta għal €0.58c tħallas flimkien mar-rata ta' kull ġimgħa tal-pensjoni.

Bħal fis-snin preċedenti d-dħul pensjonabbli massimu għal skopijiet tas-Sigurtà Soċjali ġie għal darboħra miżjud bl-ammont taż-żieda mogħti għall-għoli tal-ħajja sabiex laħaq l-ammont ta' €17,933 u €18,024 rispettivament.

| **Tip ta' Pensjoni** | **2015** | **2016** | **2017** |
|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Irtirar | 7,104 | 7,088 | 7,363 |
| Pensjoni tal-Irtirar Miżjuda | 1,030 | 927 | 880 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali tal-Irtirar | 8,763 | 9,182 | 9,644 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali Mnaqqsa | 88 | 97 | 104 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Irtirar Miżjuda | 2,956 | 2,914 | 2,865 |
| Pensjoni taż-Żewġ Terzi | 43,557 | 45,534 | 48,316 |
| Pensjoni tal-Invalidità | 299 | 246 | 207 |
| Pensjoni tal-Invalidità Miżjuda | 137 | 123 | 106 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invalidità | 4,371 | 4,218 | 3,932 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invalidità Mnaqqsa | 6 | 6 | 3 |
| Pensjoni għar-Romol li għandhom Pensjoni tas-Servizz | 291 | 280 | 304 |
| Pensjoni Minima Nazzjonali għar-Romol | 7,723 | 7,782 | 7,712 |
| Pensjoni ta' Superstiti *(Early Survivor's)* | 1,701 | 1,834 | 1,844 |
| Pensjoni ta' Superstiti | 7,445 | 7,927 | 8,387 |
| Pensjoni għall-Korriment fuq ix-Xogħol | 283 | 274 | 260 |
| *Allowance* tal-Orfni | 17 | 15 | 20 |
| **TOTAL** | **85,771** | **88,447** | **91,947** |

**Talbiet ġodda għal Pensjoni**

Matul is-sena 2016 is-sessjoni tal-pensjonijiet fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kompliet tipproċessa talbiet ġodda ta' pensjonijiet għall-Irtirar, għar-Romol u għall-Invalidità. Fil-fatt in-numru ta' talbiet ġodda għal Pensjoni għal min jirtira kien ta' 3,067 li jirrappreżenta tnaqqis ta' 868 talba ġdida fuq is-sena 2015. In-numru ta' talbiet ġodda għal Pensjoni għar-Romol kien ta' 981 li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 85-il talba ġdida fuq is-sena 2015, filwaqt illi n-numru ta' talbiet ġodda għal Pensjoni għall-Invalidità kien ta' 463 li jirrappreżenta żieda ta' 15 talba ġdida fuq is-sena 2015.

Matul is-sena 2017 in-numru ta' talbiet ġodda ta' pensjonijiet għall-Irtirar, għar-Romol u għall-Invalidità kien ta' 4,338, 1,439, u 449 rispettivament li b'kollox jirrappreżenta żieda ta' 254 fuq is-sena 2016.

**Reviżjonijiet tal-pensjoni**

Matul is-snin 2016 u 2017 saru wkoll reviżjonijiet marbuta mal-pensjonijiet għall-Irtirar, għar-Romol u għall-Invalidità bis-saħħa tal-ftehim kollettivi għall-impjegati fis-settur pubbliku u tas-settur privat. Barra minn hekk, permezz tal-miżura tal-pensjonijiet tas-servizz saru ukoll reviżjonijiet sabiex jiġu injorati €200 għal kul sena mill-pensjoni tas-servizz u li bis-saħħa tagħha total ta' madwar 4,250 pensjonant ibbenefikaw minn rata ogħla ta' pensjoni.

**Reviżjonijiet oħra**

Bis-saħħa ta' waħda mill-miżura mħabbra fil-badġit għas-sena 2016 kompla ix-xogħol ta' reviżjonijiet oħra ta' każijiet li ġew imqabbla mal-istruttura tas-salarji tal-Gvern u sal-aħħar tas-sena bbenefikaw b'kollox 3,540-il pensjonant. Reviżjonijiet oħra li nħaddmu matul is-sena 2016 kienu ta' pensjonanti li qegħdin f'Istituzzjoni Statali għall-Anzjani fejn bħal fis-snin imgħoddija tiġi riveduta r-rata ta' tnaqqis mill-pensjoni li tkun dovuta lill-Istituzzjoni.

**Miżuri ġodda fil-pensjonijiet kontributorji - 2016**

**Livell Minimu Garantit ta' Pensjoni kontributorja**

Matul is-sena 2016 il-livell minimu ta' pensjoni kontributorja ġie ggarantit għal mhux inqas minn €140 fil-ġimgħa, inkluż il-bonus għall-għoli tal-ħajja lil dawk il-pensjonanti b'medja massima ta' kontribuzzjonijiet. B'kollox, matul is-sena 2016 ibbenefikaw minn din iż-żieda madwar 18,636-il pensjonant li kienu jirċievu pensjoni kontributorja minima.

**Pensjoni sħiħa lil persuni romol li għandhom dritt għal pensjoni f'isimhom**

Persuni romol li għandhom dritt għal pensjoni tal-Irtirar f'isimhom bdew jirċievu ir-rata ta' pensjoni kontributorja sħiħa li kien jirċievi żewġhom matul ħajtu. B'kollox ibbenfikaw madwar 2,761-il persuna armla jew armel.

**Reviżjoni tal-pensjoni għal persuni li kienu impjegati u li bdew jaħdmu għal rashom**

Persuni li bdew il-ħajja tax-xogħol tagħhom bħala impjegati u li fl-aħħar tal-karriera tax-xogħol tagħhom bdew *self-employed* u li minħabba f'hekk ġew eliġibbli għal pensjoni kontributorja għall-Irtirar baxxa bdew jirċievu rata għola ta' pensjoni bis-saħħa ta' reviżjoni tal-pensjoni li nħadmet fuq is-snin li kienu impjegati fihom.

**Kontribuzzjonijiet ikkreditati**

Matul is-sen 2016 saret ukoll reviżjoni fil-pensjoni ta' diversi persuni sabiex jiżdidulhom in-numru ta' kontribuzzjonijiet ikkreditati u b'hekk żdiedet ir-rata tal-pensjoni. Oħrajn li ma kellhomx dritt għal pensjoni kontributorja saritilhom reviżjoni ukoll u bis-saħħa ta' kontribuzzjonijiet ikkreditati, issa ġew eliġibli għal pensjoni kontributorja.

**Pensjoni diferita**

Miżura oħra li daħlet fis-seħħ kienet immirata lejn persuni li għalkemm ikollhom dritt jibdew jirċievu pensjoni għall-Irtirar ta' 61, jagħżlu li jibqgħu jaħdmu u ma jirċevux il-pensjoni hekk illi meta eventwalment jagħżlu li jibdew jirċievu tali pensjoni, ir-rat ta' pensjoni dovuta tiżdied b'5% għal dawk li jiddiferu b'sena, 10.5% għal dawk li jiddeferu b'sentajn, 16.5% għal dawk li jiddeferu bi tliet snin, u 23% għal dawk li jiddeferu b'erba' snin.

**Miżura ġdida fil-Pensjonijiet - 2017**

Għas-sena 2017, bis-saħħa ta' miżura mħabbra fil-baġit, minbarra ir-revizjonijiet ta' kull sena relatati maż-żieda tal-għoli tal-ħajja, ingħatat ukoll żieda ta' €4.00 fil-ġimgħa lil persuni miżżewġin li jirċievu il-Pensjoni Minima Nazzjonali.

**Benefiċċji *Short Term***

**Ipproċessar ta' talbiet ġodda**
Matul is-sena 2016 u 2017, is-sezzjoni tal-Benefiċċji *Short-term* (STB) f'Għawdex kompliet bl-ipproċessar ta' talbiet ġodda għal Benefiċċji tal-Mard, Benefiċċji tal-Qgħad u Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol. It-tabella iżjed 'l isfel turi tnaqqis fin-numru ta' talbiet reġistrati fis-snin imsemmija fir-rigward ta' Benefiċċji għal Diżimpjieg, għal Benefiċċju Miżjud għal Diżimpjieg u għall-Għotja għaż-Żwieġ filwaqt illi turi żieda fit-talbiet għal Benefiċċji għal Mard. Sadanittant kien hemm żieda fil-Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol mis-sena 2015 għas-sena 2016, u tnaqqis mis-sena 2017 għas-sena 2016.

Bħal fis-snin preċedenti, is-sezzjoni f'Għawdex għal darboħra rnexxielha toħroġ ir-reviżjonijiet annwali tal-*Allowance* Supplimentari fil-ħin. In-numru totali ta' talbiet għall-*Allowance* Supplimentari riveduti fis-sena 2016 kienu jammontaw għal 26,086 li minnhom 22,863 kienu reviżjonijiet li jaċċertaw dritt għas-sena 2017 filwaqt illi 3,223 kienu talbiet minħabba bidla fl-istatus għas-sena 2016. It-talbiet riveduti għas-sena 2017 kien ta' 29,486 li minnhom 23,783 kienu reviżjonijiet li jaċċertaw dritt għas-sena 2018 filwaqt illi 5,703 kienu talbiet minħabba bidla fl-istatus għas-sena 2017.

Matul is-snin 2016 u 2017 is-sezzjoni kompliet ukoll bl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-Benefiċċju tal-Enerġija fejn daħlu total ta' 1,254 u 1020 applikazzjoni ġdida rispettivament, li ġew evalwati fejn it-tnaqqis relattiv kien direttament magħmul minn kontijiet tal-ARMS Ltd. Pagamenti oħra li nħarġu lill-istituzzjonijiet tal-karità kienu jammontaw għal 664 fis-sena 2016 u 663 fis-sena 2017. Is-sezzjoni ħadet ukoll azzjoni fuq 106 każ fis-sena 2016 u 81 każ fis-sena 2017 li ġew riferuti mid-Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji matul is-snin imsemmija.

Inħarġu wkoll Eżenzjonijiet ta' Ċertifikati għal *Carer* matul is-sena 2016 li ammontaw għal 123, u 168 għas-sena 2017.

| **Benefiċċji *Short term*** | **Numru ta' Talbiet** | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta'Benefiċċju** | **2015** | **2016** | **2017** |
| Benefiċċju tal-Mard | 129,133 | 129,750 | 132,716 |
| Benefiċċju għal Diżimpjieg | 12,566 | 8,631 | 3,348 |
| Benefiċċju Speċjali għal Diżimpjieg | 548 | 343 | 191 |
| Benefiċċju għal Korriment fuq ix-Xogħol | 3,039 | 3,136 | 3,135 |
| Għotja taż-Żwieġ | 3,494 | 3,410 | 3,257 |
| **TOTAL** | **148,780** | **145,270** | **142,647** |

| Tip ta' Ċertifikat Mediku | 2015 | 2016 | 2017 |
|---|---|---|---|
| Bidu/Tmiem (anqas minn 4 ijiem) | 81,499 | 82,022 | 84,434 |
| Bidu/Tmiem (minn 4 sa 6 ijiem) | 28,279 | 28,055 | 29,394 |
| Bidu (Miftuħ) | 19,355 | 19,673 | 18,888 |
| Intermedju | 87,942 | 85,104 | 80,142 |
| Tmiem | 17,104 | 17,005 | 16,579 |
| **TOTAL** | **234,179** | **231,859** | **229,437** |

***Allowances* tat-Tfal u l-Benefiċċji oħra tal-Familja**

***Allowance* għat-Tfal**

Matul is-snin 2016 u 2017 is-sezzjoni tal-*Allowance* għat-Tfal f'Għawdex irrivediet ir-rata tal-każijiet li kienu qegħdin jitħallsu sabiex jiġu stabbiliti r-rati l-ġodda għall-*Allowance* għat-Tfal għas-sena benefiċjarja ġdida.

Fl-2016, total ta' 27,217 benefiċjarju kienu mħallsa l-inqas rata (CAFR) permezz tal-proċess awtomizzat filwaqt li 15,616-il benefiċjarju tħallsu rata bbażata fuq it-test tad-dħul biex b'kollox tħallsu total ta' 42,833 benefiċjarju. Fil-fatt it-tabelli iżjed 'l isfel, bħal fis-snin preċedenti juru tnaqqis fin-numru ta' benefiċjarji li jitħallsu rata bbażata fuq it-test tad-dħul filwaqt illi juru żieda ta' benefiċjarji li qegħdin jirċievu l-inqas rata.

Fis-sena 2017, total ta' 26,215 benefiċjarju kienu mħallsa l-inqas rata (CAFR) permezz tal-proċess awtomizzat filwaqt li 16,666 benefiċjarju tħallsu rata bbażata fuq it-test tad-dħul biex b'kollox tħallsu total ta' 42,881 benefiċjarju. Għaldaqstant, fis-sena 2017 kienet irreġistrata żieda fil-benefiċjarji totali meta mqabbla mal-benefiċjarji fis-sena 2016 u dan seħħ minħabba li n-numru ta' benefiċjarji li jirċievu l-inqas rata naqas filwaqt li dawk li jirċievu rata skont it-test tad-dħul żdiedu.

| **Numru ta' Familji li bbenifikaw mill-*Allowance* għat-Tfal skont it-Test tal-Mezzi** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' *Allowance*** | **2015** | **2016** | **2017** |
| (a) *Allowance* għat-Tfal biss: | | | |
| (i) Wild wieħed eliġibbli | 9,654 | 8,928 | 9,550 |
| (ii) Żewġ ulied eliġibbli | 5,373 | 4,960 | 5,310 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| (iii) Tliet ulied eliġibbli | 1,463 | 1,333 | 1,385 |
| (iv) Erba' ulied jew iżjed eliġibbli | 423 | 395 | 421 |
| **TOTAL** | **16,913** | **15,616** | **16,666** |

| **Numru ta' Familji li bbenefikaw mill-inqas rata ta' *Allowance* għat-Tfal** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' *Allowance*** | **2015** | **2016** | **2017** |
| (i) Wild wieħed eliġibbli | 13,667 | 14,534 | 13,947 |
| (ii) Żewġ ulied eliġibbli | 10,351 | 10,660 | 10,336 |
| (iii) Tliet ulied eliġibbli | 1,731 | 1,777 | 1,706 |
| (iv) Erba' ulied jew iżjed eliġibbli | 252 | 246 | 226 |
| TOTAL | **26,001** | **27,217** | **26,215** |

| **Numru ta' familji li jirċievi *Allowance* għal Tfal b'Diżabbiltà** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Benefiċċju** | **2015** | **2016** | **2017** |
| *Allowance* għal Tfal b'Diżabbiltà | 1,166 | 1,312 | 1,363 |
| **TOTAL** | 1,166 | 1,312 | 1,363 |

| **Numru ta' familji li irċievew Benefiċċju tal-Maternità u Benefiċċju għal-*Leave* tal-Maternità** | | | |
|---|---|---|---|
| **Tip ta' Benefiċċju** | **2015** | **2016** | **2017** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Benefiċċju għal-*Leave* tal-Maternità | 1,496 | 1,662 | 1,914 |
| Benefiċċju tal-Maternità | 2,663 | 2,478 | 2,421 |
| **TOTAL** | **4,159** | **4,140** | **4,335** |

**Benefiċċju tal-Maternità**
Matul is-sena 2016 u 2017 waslu total ta' 2,934 talbiet għall-Benefiċċju tal-Maternità (MB) u 7 talbiet kienu relatati ma' addozzjoni.

***Leave* tal-Maternità Benefiċċju**
Matul l-istess snin it-talbiet għall-Benefiċċju għal-*Leave* tal-Maternità (MLB) kien ta' 2,948 filwaqt illi ġew ipproċessati wkoll 15-il talba relatati ma' addozzjoni.

***Allowance* għal Tfal b'Diżabilità**
Matul is-sena 2016 u 2017 waslu wkoll 615 applikazzjoni ġdida għal dan il-benefiċċju. 440 minn dawn it-talbiet ġew aċċettati filwaqt illi 144 ġew rifjutati mill-Bord Mediku. Matul l-istess snin kien hemm ukoll 557 talba minn benefiċjarji kurrenti sabiex issir reviżjoni mill-Bord Mediku. It-total ta' benefiċjarji DCA sa tmiem is-sena 2017 kien ta' 1,363.

***Foster Care Allowance***
Matul is-sena 2016 u 2017 kien hemm 133 talba ġdida għal *Allowance* għall-*Foster Care*. It-total tal-benefiċjarji FCA (istituzzjonijiet/djar/familji li jiffosterjaw) għas-sena 2017 jammonta għal 428.

**Sezzjoni Ġbir ta' Benefiċċji Mħallsa Żejda**
Is-sezzjoni inkarigata mix-xogħol sabiex jinġabru ħlasijiet ta' benefiċċji żejda matul is-snin imsemmija kompliet issegwi u tirkupra pagamenti żejda jew pendenti mill-benefiċjarji debituri varji. Twettaq ukoll xogħol meħtieġ fir-Reġistru Pubbliku biex jinstabu testmenti u werrieta tad-debituri mejtin. Debituri li jaslu għal ftehim li jħallsu d-dejn b'rati fix-xahar huma wkoll immonitorjati perjodikament. L-Uffiċjal Legali fi ħdan l-istess sezzjoni jipprovdi pariri lis-sezzjoni kontra individwi li deliberatament jonqsu li jaslu għal ftehim ta' ħlas b'lura.

Matul is-snin 2016 u 2017 is-sezzjoni bagħtet total ta' 10,374 ittra ta' intimazzjoni, wettqet 343 tfittxijiet fir-Reġistru Pubbliku u minn Nutar Pubbliku u 967 *causa mortis* mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Is-sezzjoni kienet kważi kompletament responsabbli għall-irkupru ta' €4,596,736. L-Uffiċjal Legali ħareġ ukoll 211 Ittra Ġudizzjarja u 94 Rikors għal notifika wara żmien legali ta' Ittri Ġudizzjarji.

**<u>Skema tal-Pensjonijiet mhux Kontributorji</u>**
In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Pensjoni tal-Età mhux Kontributorja naqsu b'1.51 punti perċentwali matul is-sena 2015 u b'3.40 punti perċentwali matul is-sena 2017 fuq is-sena 2016. Dan it-tnaqqis kontinwu jindika illi aktar persuni qiegħdin ikunu eliġibbli għall-Pensjonijiet Kontributorji milli għall-Pensjonijiet mhux Kontributorji.

Il-miżura introdotta fil-*Baġit* 2015, fejn persuni b'diżabbiltà setgħu jibbenefikaw mill-Assistenza għal Diżabbiltà Severa/Vista Batuta u l-paga minn xogħol ma tiġix magħduda fit-test tal-mezzi, kompliet iżżid pożittivament in-numru ta' benefiċjarji. Fil-fatt in-numru ta' benefiċjarji tal-Assistenza għal Diżabbiltà Severa u l-Assistenza għal persuni b'Vista Batuta matul is-sena 2016 żdiedu b'8.92 punti perċentwali fuq is-sena 2015 filwaqt li fl-2017 żdiedu b'6.15 punti perċentwali fuq is-sena 2016.

In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Pensjoni tal-Wens matul is-sena 2016 naqsu bi 23.88 punti perċentwali fuq is-sena 2015 u għalhekk matul is-sena 2016 saru studji sabiex jiġi msaħħaħ dan ix-xorta ta' benefiċċju. Għal dan il-għan, is-sena 2017 rat ukoll riforma fl-*allowances* għal *carers,* fejn ġiet introdotta l-*Allowance* Miżjuda għal Carer b'parametri aktar vantaġġjużi sew għal *carer* u kif ukoll għall-pazjent. L-*Allowance* Miżjuda għal *Carer* issostitwiet dik li qabel konna nsejħulha Pensjoni tal-Wens. Fil-fatt ir-riforma minnufih tat il-frott, minħabba li n-numru ta' benefiċjarji żdied minn 102 persuni għal 514-il persuna.

Matul is-sena 2017 ġiet imnedija wkoll riforma fl-Assistenzi għal Diżabbiltà, u f'dan ir-rigward ġew introdotti żewġ assistenzi ġodda. L-introduzzjoni tal-Assistenza Miżjuda għal Diżabbiltà Severa kienet suċċess u f'dan ir-rigward bdew jibbenefikaw minnha 243 benefiċjarju. Ġiet introdotta wkoll l-Assistenza għal Diżabbiltà u 79 persuna bdew jibbenefikaw minn din ix-xorta ta' assistenza.

| **Tip ta' Pensjoni / *Allowance*** | **2016** | **2017** | **+ or -** |
|---|---|---|---|
| Pensjoni tal-Età | 5,360 | 5,179 | -181 |
| Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta | 320 | 347 | 27 |
| Assistenza għal Diżabbiltà Severa | 3,098 | 3,295 | 197 |
| Asssitenza Miżjuda għal Diżabbiltà Severa | N/A | 243 | 243 |
| Assistenza għal Diżabbiltà | N/A | 79 | 79 |
| Pensjoni tal-Wens | 102 | 0 | -102 |
| *Allowance* Miżjuda għal *Carer* | N/A | 514 | 514 |
| Għajnuna Soċjali *Carer* | 309 | 0 | -309 |
| *Allowance* għal *Carer* | N/A | 298 | 298 |
| **TOTAL** | **9,189** | **9,955** | **766** |

**Għajnuna Soċjali, Għajnuna għal Mard, Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji u Għajnuna Supplimentari**

Wara li esperjenzajna tnaqqis drastiku fin-numru ta' persuni li bbenfikaw mill-Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg matul is-snin 2015 u 2016, dan it-tnaqqis pożittiv kompla matul is-sena 2017. Fil-fatt il-benfiċjarji matul is-sena 2017 naqsu b'45.23 punti perċentwali fuq is-sena 2016, filwaqt li matul is-sena 2016 naqsu b'26.18 punti perċentwali fuq is-sena 2015. Waħda mir-raġunijiet ta' dan it-tnaqqis hija l-introduzzjoni u t-tisħiħ tal-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji *f'baġits* suċċessivi, 2014 u 2015. Barra minn hekk l-introduzzjoni tal-*In Work Benefit* għenet ukoll għal dan it-tnaqqis pożittiv.
Għat-tielet sena konsekuttiva, wara l-esperjenza pożittiva tas-snin 2015 u 2016 fejn in-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Għajnuna Soċjali kien naqas b'mod drastiku, din it-*trend* baqgħet tiġi sostnuta wkoll matul is-sena 2017. Fil-fatt il-benefiċjarji tal-Għajnuna Soċjali matul is-sena 2017 naqsu b'5.64 punti perċentwali fuq is-sena 2016 meta t-tnaqqis kien ta' 10.63 punti perċentwali fuq is-sena 2015.

In-numru ta' persuni li bbenefikaw mill-Għajnuniet għal Mard matul is-snin 2017 u 2016 komplew jonqsu b'1.61 punti perċentwali fuq is-sena 2016 u b'2.80 punti perċentwali fuq is-sena 2015. Filwaqt illi l-benefiċjarji tal-Għajnuna Supplimentari matul is-sena 2017 żdiedu b'4.42 punti perċentwali fuq is-sena 2016. Din iż-żieda hija dovuta għat-twessigħ tal-parametri fl-Għajnuna Supplimentari.

Is-*Subsidiary Unemployment Assistance* tingħata lil dawk il-persuni li jitolbu l-ażil u jingħataw l-istatus ta' Protezzjoni Sussidjarja. Dan il-benefiċċju jissejjaħ *core benefit* skont l-Avviżi Legali fir-

rigward. Wara li f'Novembru tas-sena 2014 kienet ittieħdet id-deċiżjoni li l-benefiċjarji ta' din ix-xorta ta' assistenza jibdew jitħallsu taħt *benefit type Subsidiary Unemployment Assistance*, in-numru ta' benefiċarji jistgħu jiġu kkomparati ma' sena sħiħa. In-numru ta' benefiċarji ta' dan il-benefiċċju matul is-sena 2016 naqsu b'5.10 punti perċentwali fuq is-sena 2015. Filwaqt li n-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2017 naqsu b'19.24 punti perċentwali fuq is-sena 2016.

L-iskema tat-Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji ġiet introdotta matul is-sena 2014, u kompliet tiġi msaħħa matul is-sena 2015. Iż-żieda fil-benefiċjarji li rajna mis-sena 2014 għas-sena 2015 hija nota pożittiva għaliex dan ifisser illi l-persuni li qiegħdin jibbenefikaw minn din l-iskema bdew jipparteċipaw fid-dinja tax-xogħol u għalhekk ma baqgħux jiddependu mill-benefiċċji soċjali. In-numru ta' benefiċjarji matul is-sena 2016 kompla jesperjenza żieda ta' 32.42 punti perċentwali fuq is-sena 2015. Barra minn hekk, in-numru ta' benefiċjarji għas-sena 2017 kompla jiżdied u ra żieda ta' 15.81 punti perċntwali fuq is-sena 2016. Diversi studji qiegħdin ukoll jindikaw illi l-maġġoranza ta' persuni li tterminaw it-tliet snin ta' benefiċċju żammew l-impjieg tagħhom u ma reġgħux irrikorrew għal xi xorta ta' benefiċċju soċjali. Dawn iż-żidiet qiegħdin isaħħu l-argument tal-prinċipju *'Making Work Pay'*.

| **Tip ta' Benefiċċju Soċjali** | **2016** | **2017** | **+or-** |
|---|---|---|---|
| Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg | 3,482 | 1,907 | -1,575 |
| Għajnuna Soċjali * | 9,849 | 9,294 | -555 |
| Għajnuna għal Mard | 12,917 | 12,717 | -200 |
| Għotja għal Ħalib | 69 | 60 | -9 |
| Għajnuna dwar il-Lebbra | 29 | 28 | -1 |
| Għajnuna dwat it-Tuberkolożi | 0 | 0 | 0 |
| Għajnuna Supplimentari | 24,151 | 25,219 | 1,068 |
| *Subsidiary Unemployment Assistance* | 2,308 | 1,864 | -444 |
| Tnaqqis Gradwali tal-Benefiċċji | 3,112 | 3,604 | 492 |
| **TOTAL** | **55,917** | **54,693** | **-1,224** |

* Għajnuna Soċjali tfisser SA/SUP/DAD

**Miżuri ġodda fil-Benefiċċji mhux Kontributorji - 2016**

**Żieda fil-benefiċċju ta' Diżabbiltà**

Minn Jannar 2016 ġiet introdotta żieda fil-benefiċċju għal Diżabbiltà lil dawk li jilħqu l-età ta' sittin sena. Dan ifisser illi d-Direttorat Benefiċċji mhux Kontributorji b'mod awtomatiku jżid l-ammont ta' benefiċċju fil-ġimgħa b'€5.16 sabiex ikun ekwivalenti għar-rata fil-ġimgħa li titħallas bħala Pensjoni tal-Età. Dan fisser ukoll simplifikazzjoni u tħaddim ta' governanza tajba mid-Dipartiment tas-Sigurtà Socjali fil-konfront ta' dawk eliġibbli. Matul l-2016 b'kollox gawdew minn din il-miżura 288 benefiċarju.

**Żieda fl-Għajnuna Soċjali**

Minn Jannar 2016, ġiet introdotta sistema fejn l-intitolament tal-Għajnuna Soċjali ma jitnaqqasx meta l-ulied jibdew jaħdmu. B'hekk 1900 benefiċjarju ma tnaqqsulhomx €16.30 fil-ġimgħa meta wild li jkun jgħix mal-ġenituri jibda jaħdem.

**Żieda fid-DAD (Drug Addicts *Allowance*)**

Mill-1 ta' Jannar 2016, din l-*allowance* żdiedet minn €23.29 fil-ġimgħa għal €30.00 fil-ġimgħa.

**Tneħħija ta' restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar (Għajnuna Soċjali u Pensjoni tal-Età)**

Minn Jannar 2016, benefiċarji tal-Għajnuna Soċjali jistgħu jsiefru għal tmint ijiem f'sena kalendarja f'pajjiż fl-Ewropa waqt li benefiċarji tal-Pensjoni tal-Età jistgħu jżuru lil qraba tagħhom fi New Zealand, l-Awstralja u l-Kanada għal massimu ta' tliet xhur f'sena kalendarja. Dawk il-benefiċċarji tal-Għajnuna Soċjali u Pensjoni tal-Età jistgħu jsiefru għal xahar f'pajjiż barra mill-Ewropa.

**Intitolament għall-Assistenza Medika**

Minn Jannar 2016, ġuvintur jew xebbiet li jkunu jbatu minn marda terminali jew isofru minn dipressjoni bi psikosi jew *bi-polar* u jkunu qiegħdin jgħixu mal-ġenituri fejn xi wieħed mill-ġenituri jkun pensjonant, jistgħu jibbenefikaw mill-Assistenza Medika.

**Introduzzjoni ta' *Unit* ġdida fi ħdan id-Direttorat Benefiċċji mhux Kontributorji**

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jieħu bis-serjetà l-evalwazzjonijiet li jintbagħtu minn żmien għal żmien mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali.

Għaldaqstant, fi Frar tal-2016 ġiet imwaqqfa l-*Business Intelligence Unit* sabiex b'kollaborazzjoni mat-*Tax Compliance Unit* jibdew jiġu evalwati l-applikazzjonijiet ġodda li jirċievi dan id-Direttorat.

Kull applikazzjoni ġdida għall-Għajnuna Soċjali u Assistenza Medika qiegħda issa tiġi skrutinizzata fil-fażi inizjali tagħha permezz tal-evalwazzjoni tat-*Tax Profile* tal-applikant konċernat. It-tabella hawn riprodotta tagħti stampa ċara tan-numru ta' applikazzjonijiet li ġew skrutinizzati għall-perjodu minn Frar 2016 sa Diċembru 2017.

Din is-sistema preventiva qiegħda sservi sabiex jiġu evitati frodi potenzjali fil-fażi inizjali tal-applikazzjoni u mhux wara li l-persuna jkun ingħata l-benefiċċju konċernat.

| Benefiċċju | Applikazzjonijet Ġodda/ Każijiet oħra | Total 2016 | Total 2017 |
|---|---|---|---|
| AP | Applikazzjonijiet Ġodda | 6 | 5 |
| | Każijiet oħra | 14 | 47 |
| SA | Applikazzjonijiet Ġodda | 418 | 502 |
| | Każijiet oħra | 38 | 62 |
| SUP | Applikazzjonijiet Ġodda | 240 | 261 |
| | Każijiet oħra | 6 | 2 |
| DAD | Applikazzjonijiet Ġodda | 7 | 2 |
| | Każijiet oħra | 0 | 0 |
| BLD | Applikazzjonijiet Ġodda | 0 | 1 |
| | Każijiet oħra | 0 | 0 |
| SUA | Applikazzjonijiet Ġodda | 654 | 551 |
| | Każijiet oħra | 6 | 0 |
| SAF | Applikazzjonijiet Ġodda | 27 | N/A |
| | Każijiet oħra | 0 | 0 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| CRA | Applikazzjonijiet Ġodda | N/A | 62 |
| | Każijiet oħra | N/A | 0 |
| PW | Applikazzjonijiet Ġodda | 27 | 2 |
| | Każijiet oħra | 1 | 0 |
| SKA | Applikazzjonijiet Ġodda | 879 | 1279 |
| | Każijiet oħra | 13 | 18 |
| MG | Applikazzjonijiet Ġodda | 25 | 29 |
| | Każijiet oħra | 0 | 0 |
| SDA / HP | Applikazzjonijiet Ġodda | 0 | 2 |
| | Każijiet oħra | 1 | 3 |
| SHP | Applikazzjonijiet Ġodda | 1 | 0 |
| | Każijiet oħra | 1 | 0 |
| UA /UAT | Applikazzjonijiet Ġodda | 390 | 424 |
| | Każijiet oħra | 12 | 12 |
| **Total** | | **2766** | **3264** |

**Miżuri ġodda fil-Benefiċċji mhux Kontributorji - 2017**

**Riforma fil-benefiċċji għal Diżabbiltà**

Ir-riforma tiffoka fuq tliet livelli ta’ Assistenza:

- **Assistenza Miżjuda għal Diżabbiltà Severa** – Din l-Assistenza ġiet introdotta b’effett minn Jannar 2017, fejn persuna b’diżabbiltà, li tkun tbati minn kundizzjoni elenkata fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, hija totalment dipendenti (Barthel Index 0 – 4) u ma tistax taħdem għandha dritt għal ħlas ta’ €120.00 fil-ġimgħa. Il-kalkolu tat-test tal-mezzi huwa eskluż f’din ix-xorta ta’ assistenza.

- **Assistenza għal Diżabbiltà Severa** – B’effett minn Jannar 2017, dik li qabel kienet magħrufa bħala Pensjoni għal Diżabbiltà bdiet tissejjaħ Assistenza għal Diżabbiltà Severa. Tajjeb jingħad illi ma nbidel xejn mill-prattiċi li huma wżati, sew bħala applikazzjoni, assessjar tat-test tal-mezzi fil-ġimgħa kif ukoll l-evalwazzjoni quddiem il-bord mediku.

- **Assistenza għal Diżabbiltà** – Din l-Assistenza ġiet introdotta b’effett minn Jannar 2017. Simili għall-Assistenza għal Diżabbiltà Severa, isir il-kalkolu tat-test tal-mezzi fil-ġimgħa u jistgħu japplikaw dawk il-persuni li jsofru paralisi totali permanenti jew malfunzjoni gravi totali permanenti sew jekk inhi kawżata b’amputazzjoni jew mod ieħor ta’ driegħ jew riġel wieħed.

**Riforma fil-Benefiċċji għal *Carers***

B’effett mis-sena 2017 il-Pensjoni tal-Wens inbidlet *f’Allowance* Miżjuda għal *Carers* u titħallas bir-rata ta’ €140.00 fil-ġimgħa. Sabiex persuna tkun eliġibbli għall-*Allowance* Miżjuda għal *Carer*, trid tkun qiegħda tieħu ħsieb qarib b’dipendenza għolja fl-istess residenza. Id-dipendenza titkejjel fuq Barthel Index jew Mini-Mental State Examination. F’din ix-xorta ta’ *allowance* ma jsirx it-test tal-mezzi.

B'effett mis-sena 2017 is-*Social Assistance Carers* inbidlet *f'Allowance* għal *Carers* u titħallas sa rata massima ta' €90.00 fil-ġimgħa. Sabiex persuna waħedha (*single*) tkun eliġibbli għall-*Allowance* għal *Carer*, trid tkun qiegħda tieħu ħsieb qarib b'dipendenza medja fl-istess residenza. Id-dipendenza titkejjel fuq Barthel Index jew Mini-Mental State Examination. F'din ix-xorta ta' *allowance* isir il-kalkolu tat-test tal-mezzi.

**Żieda fil-Pensjoni tal-Età**

B'effett minn Jannar 2017 ġiet miżjuda r-rata fil-ġimgħa b'€4.00 minbarra l-COLA għall-persuni miżżewġin.

**Riforma fl-Għajnuna Medika bla Ħlas**

Persuni li jibbenefikaw mill-Assistenza Miżjuda għal Diżabbiltà Severa qiegħdin jikkwalifikaw għall-Għajnuna Medika bla Ħlas b'mod awtomatiku.

Filwaqt li d-dħul mill-impjieg mhux qiegħed jiġi kkunsidrat fl-assessjar tal-Għajnuna Medika bla Ħlas għal dawk il-persuni li jirċievu Assistenza għal Diżabbiltà Severa.

Barra minnhekk, l-eliġibilità għall-Għajnuna Medika bla Ħlas qed tiġi mġedda għal sena lill-persuni b'diżabbiltà u mhux aktar għal tliet xhur.

Fl-Għajnuna Medika bla Ħlas żdiedu wkoll il-parametri tat-test tal-kapital, minn €9,320 għal €14,000 għal persuni waħedhom (single) u minn €16,310 għal €23,300 għal persuni miżżewġin.

**Uffiċċji Distrettwali tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali**

Il-għan ewlieni tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) huwa dak li joffri kemm assistenza, kif ukoll informazzjoni dwar dak kollu li joffri d-Dipartiment lill-komunità kollha. Dan is-servizz jingħata minn ġewwa 23 Uffiċċju Distrettwali mferxin madwar Malta u Għawdex.

L-imsemmija uffiċini qegħdin fil-Birgu, f'Birkirkara, fil-Fgura, fil-Ħamrun, f'Ħal Luqa, f'Ħal Lija (wara l-għeluq tal-uffiċċju f'Ħal Balzan), fil-Marsa, fil-Mosta, fl-Imsida, fin-Nadur (Għawdex), fin-Naxxar, f'Raħal il-Ġdid, f'Ħal Qormi, fir-Rabat, fir-Rabat Għawdex, f'Tas-Sliema, fil-Qawra, f'San Ġwann, fil-Belt Valletta, f'Ħaż-Żabbar, f'Ħaż-Żebbuġ, fiż-Żejtun u fiż-Żurrieq. Mill-1 ta' Ottubru 2017, l-uffiċċju tal-Fgura beda jiftaħ il-ġurnata kollha bħall-uffiċċji l-oħra u għalhekk, il-Marsa u San Ġwann biss qegħdin jiftħu bħala uffiċċju satellita fil-ħinijiet ta' filgħodu.

Il-parti kbira tax-xogħol imwettaq minn dawn l-Uffiċini Distrettwali huwa li jgħinu lill-pubbliku fis-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet ta' benefiċċji kontributorji u mhux kontributorji, applikazzjonijiet ta' pensjonijiet, kif ukoll ħruġ ta' Numri tas-Sigurtà Soċjali liċ-ċittadini Maltin kif ukoll lil dawk il-persuni barranin wara li jkun sar ivverifikar tad-dokumenti pprovduti.

Sal-aħħar ta' Settembru 2016, fl-uffiċini distrettwali kienet issir ir-reġistrazzjoni ta' dawk il-persuni li kienu qegħdin ifittxu x-xogħol mal-Jobsplus. B'effett mit-3 ta' Otturbru 2016, il-magni tar-reġistrar tneħħew mill-uffiċini distrettwali, deċiżjoni li ttieħdet minn Jobsplus, l-entità responsabbli mill-istess reġistrazzjoni. Darba fil-ġimgħa wkoll persuni li għandhom l-istatus ta' *Subsidiary Protection* imorru jiffirmaw fuq formola PA139 sabiex dawn ikomplu jirċievu l-Għajnuna Soċjali dovuta lilhom. Minn dawn kien hemm medja ta' madwar 1,137 persuna li marru jiffirmaw biex imbagħad jitħallsu l-benefiċċju dovut.

L-Uffiċini Distrettwali tal-Qawra, il-Belt Valletta, l-Imsida u l-Birgu, jinsabu fiċ-Ċentri LEAP, fejn ġewwa dawn iċ-Ċentri, flimkien ma' entitajiet oħra bħal Jobsplus, l-Aġenzija Appoġġ joffru s-servizzi

tagħhom. L-għan tal-proġett LEAP huwa dak li jiġi mogħti servizz sħiħ u kkordinat taħt l-istess saqaf għall-persuni ta' dak ir-reġjun.

Madwar 623,000 fis-sena jitolbu għajnuna mill-uffiċini distrettwali fejn il-parti l-kbira minnhom marru personalment fl-Uffiċini Distrettwali jitolbu xi tip ta' servizz, waqt li oħrajn ġew mogħtija għajnuna permezz ta' telefonata li jkunu għamlu jew permezz ta' ittra elettronika li jkunu bagħtu huma stess. Dan ifisser li medja ta' 103 persuni kuljum f'kull distrett għamlet xi talba għal xi tip servizz.

Matul is-sena 2017, ta' min jirrimarka li madwar 6,000 persuna rrikorrew fl-uffiċċji distrettwali b'konnessjoni mal-iskema li kienet imnedija għal dawk il-persuni li qabel ma daħlu uffiċjalment fis-serevizz pubbliku wara s-16 ta' Jannar 1979 għamlu xi żmien jaħdmu f'dipartiment tal-Gvern wara s-16 ta' Jannar 1979.

**Servizz mill-Kunsilli Lokali**

Is-servizz ta' *Customer Care* li d-Dipartiment joffri mhux marbut jew aħjar limitat li jingħata biss mid-Dipartiment. Għal dawn l-aħħar snin dan is-servizz qed jiġi mogħti wkoll fi ġranet partikolari mill-Kunsilli Lokali. Kunsilli li jgawdu minn dan is-serivzz huma Birżebbuġa, il-Mellieħa, il-Gudja, Ħal Safi, Ħal Kirkop, is-Siġġiewi, is-Swieqi, u x-Xewkija, Ta' Sannat u l-Qala f'Għawdex.

**DSS u Servizz.gov**

Matul is-sena 2016, seħħet bidla importanti għaliex fiha Servizz.gov u DSS bdew jagħtu servizz flimkien mill-Uffiċini Distrettwali ta' Ħal Qormi u l-Birgu. Dan kollu seħħ wara li Servizz.gov talbu lill-ħaddiema tal-uffiċini tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex joqogħdu għal *skills profiling* immexxi minnhom, fejn mir-riżultati jidher li ħafna mill-ħaddiema marru tajjeb. Tajjeb wieħed jinnota iżda li dan l-*iskills profiling* ma ġiex mitmum.

Ovvjament din l-integrazzjoni kienet titlob spazju ikbar sabiex il-ħaddiema tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u Servizz.gov jaħdmu taħt l-istess saqaf. Għalhekk fil-każ ta' Ħal Qormi kien hemm il-bżonn ta' uffiċini ġodda minn fejn wieħed jaħdem. Minħabba f'hekk mxejna min-naħa ta' San Bastjan għan-naħa ta' San Ġorġ, fejn illum għandna uffiċċju li jixraq kemm lill-ħaddiema kif ukoll lill-klijenti. Fl-uffiċċju distrettwali tal-Birgu sar ukoll xogħol ta' tisbiħ.

Tajjeb wieħed jinnota li minħabba dan it-tibdil il-ħinijiet li fihom il-pubbliku qed jinqeda issa nbidel u saru li matul il-ġimgħa mit-08.00 sas-13.00 u s-Sibtijiet mit-08.00 sas-13.30.

Matul is-sena 2017, it-telefonati lill-uffiċċji distrettwali bdew ikunu jkunu mwieġba mis-servizz.gov permezz tal-*freephone* 153 biex b'hekk il-pubbliku li jmur f'dawn l-uffiċċji jkun jista' jinqeda aħjar. L-intenzjoni tat-tmexxija ta' dan id-Dipartiment hi li dejjem intejbu s-servizzi lill-klijenti. Matul is-sena 2017, dan is-servizz irċieva 220,388 telefonata u li minnhom irnexxielu jirrispondi 171,278, jiġifieri 78% tat-telefonati kienu mwieġba.

**Servizz minn fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin**

Sabiex jitnaqqsu t-tbatijiet finanzjarji tal-priġunieri li jkunu waslu biex jiskontaw is-sentenza tagħhom, uffiċjali mid-Dipartiment imorru l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin fuq bażi regolari ħalli mhux biss jimlew l-applikazzjonijiet iżda wkoll isegwu l-istess applikazzjoni matul il-proċess tagħha. Din il-proċedura qed iseħħ sabiex meta l-priġunier joħroġ mill-Faċilità jkollu flus biex jgħix.

**Is-*Set up* tal-Uffiċini Distrettwali**

L-iskop li d-Dipartiment jagħti l-aqwa servizz u informazzjoni korretta mhumiex kollox. Id-Dipartiment jemmen li dan is-servizz għandu jingħata f'ambjent diċenti. L-ambjent ma jservix biss sabiex il-pubbliku jkollu post xieraq fejn jirċievi s-servizz, iżda għax jemmen ambjent sabiħ fuq il-post tax-xogħol jagħti kuraġġ ukoll lill-impjegat li jaħdem fih. Kif ġie spjegat iżjed qabel din is-sena sar xogħol ta' tisbiħ u ftuħ ta' uffiċini ġodda, il-Birgu u Ħal Qormi rispettivament.

**Applikazzjonijiet Online**

Matul dan iż-żmien, tajna bidu għall-applikazzjonijiet online tal-pensjonijiet tar-Romol, tal-Irtirar, kif ukoll tal-Invalidità, iżda minbarra dawn, internament, tajna bidu għas-Service Request Functionality (PA109) online. Għalissa l-PA109 għadha qed tiġi mitbugħa u tiġi mibgħutha bħala *hard copy*, iżda l-iskop ta' din l-applikazzjoni huwa iżjed vast għaliex din sejra sservi wkoll bħala statistika uffiċjali għall-uffiċċji distrettwali, apparti wkoll li wieħed jista' wkoll jislet l-informazzjoni li jixtieq, eżempju liema servizz qed jirrikorru għalih il-klijenti.

**Parteċipazzjonijiet matul programmi fuq il-media u seminars**

Matul is-sena 2016 id-Diretturi, Assistenti Diretturi, Kapijiet ta' Taqsimiet u Kordinaturi Reġjonali attendew għal diversi programmi kemm fuq ir-Radju (RTK, Radio Malta 2) kif ukoll fuq it-Televiżjoni bħal (Niskata, TVPM, Familja Waħda u Fliving). L-iskop wara dawn il-programmi huwa sabiex ninfurmaw lill-pubbliku x'servizzi joffri d-Dipartiment. It-talba mill-pubbliku sabiex id-dipartiment jipparteċipa fi programmi simili qiegħda dejjem tikber.

Sabiex kulħadd iżomm ruħu aġġornat ma' dak kollu li qed jiġri fid-Dipartiment, kif ukoll sabiex jitjieb is-servizz, id-Dipartiment jorganizza seminars u numru ta' laqgħat sabiex iżomm lill-impjegati aġġornati fejn matul dawn il-laqgħat/korsijiet ikun hemm drabi fejn jingħataw *hands on training*. Id-Dipartiment jibgħat lill-ħaddiema għall-korsijiet organizzati mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (ISP) li jkopru diversi temi, li l-istess ħaddiema jafu jiġu bżonn waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

**Appelli lill-Uffiċċju tal-Arbitru**

Skont l-artiklu 108 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, jista' jsir appell lill-Arbitru dwar kull deċiżjoni tad-Direttur fuq xi punt ta' liġi jew prinċipju ta' importanza. It-tabella hawn taħt turi statistika tal-appelli quddiem l-Arbitru.

**Appelli quddiem l-arbitru**

| Numru ta' appelli biex jinqatgħu | 2016 | 2017 |
|---|---|---|
| (i) appelli ta' snin preċedenti | 1082 | 1006 |
| (ii) appelli li daħlu fis-sena kurrenti | 867 | 861 |
| (iii) appelli differiti | 189 | 153 |
| Total (A) | 2138 | 2020 |

| Numru ta' appelli solvuti | 2016 | 2017 |
|---|---|---|
| (i) deċiżi kontra l-appellant | 225 | 186 |
| (ii) deċiżi favur l-appellant | 73 | 55 |
| (iii) ċeduti mill-appellant | 171 | 195 |
| (iv) kanċellati | 47 | 24 |
| (v) revokati mid-Dipartiment | 152 | 161 |

| | | |
|---|---|---|
| (vi) sine die | 39 | 25 |
| (vii) eżawriti/respinti/desert | 47 | 33 |
| Total (B) | 754 | 679 |

| Appelli Pendenti | | |
|---|---|---|
| Total (A) + (B) | 1384 | 1341 |

**Appelli quddiem l-Arbitru - Pensjoni tal-Invalidità**

| Numru ta' appelli biex jinqatgħu | 2016 | 2017 |
|---|---|---|
| (i) appelli ta' snin preċedenti | 79 | 55 |
| (ii) appelli li daħlu fis-sena kurrenti | 71 | 53 |
| (iii) appelli differiti | 4 | 12 |
| Total (A) | 154 | 120 |

| Numru ta' appelli solvuti | 2016 | 2017 |
|---|---|---|
| (i) deċiżi kontra l-appellant | 5 | 7 |
| (ii) deċiżi favur l-appellant | 39 | 30 |
| (iii) ċeduti mill-appellant | 6 | 7 |
| (iv) kanċellati | 25 | 14 |
| (v) revokati mid-Dipartiment * | 12 | 6 |
| (vi) sine die | 0 | 0 |
| (vii) eżawriti/respinti/desert | 4 | 0 |
| Total (B) | 91 | 64 |

* talba milqugħa mill-MDP qabel is-smigħ tal-appell tal-arbitru

| Appelli Pendenti | 2016 | 2017 |
|---|---|---|
| Total (A) + (B) | 63 | 56 |

**Staff**

Matul is-sena 2016, in-numru tal-istaff tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali naqas meta tqis in-numru li kien hemm fis-sena ta' qabel, inklużi staff mill-RSSL (ex-IPSL) u ERL, skont din it-tabella ta' hawn taħt:

| | **31.12.2015** | **31.12.2016** |
|---|---|---|
| Gradi fis-Servizz Ġenerali | 257 | 252 |
| Industrijali/Messaġġiera | 36 | 28 |
| RSSL | 10 | 12 |
| ERL | 3 | 4 |
| **Total** | **306** | **296** |

**Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali**

Matul is-snin 2016 u 2017, it-Taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU) fi ħdan id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) kompliet taġixxi bħala l-punt ta' referenza fi ħdan id-DSS għall-affarijiet internazzjonali; kemm dawk b'dimensjoni tal-Unjoni Ewropea (UE) u anke fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet bilaterali ratifikati minn Malta tul is-snin. L-IRU hija responsabbli

kemm għall-parti operazzjonali tal-implimentazzjoni tat-tali ftehimiet kif ukoll għall-aspett ta' politika. F'dan il-kuntest, is-snin 2016 u 2017 kienu snin produttivi oħra għall-IRU li kompliet taħdem fuq numru ta' kompiti importanti kif hawn imniżżel aktar 'l isfel.

**Talbiet għall-Pensjoni pproċessati mill-IRU**

Il-maġġoranza tal-każijiet li ħadet ħsiebhom l-IRU huma każijiet dwar pensjonijiet (tal-Irtirar, tar-Romol u tal-Invalidità). F'dawn l-aħħar snin, in-numru ta' pensjonanti li joqogħdu barra kiber ħafna (total ta' 7,390 pensjonant sal-31.12,2017) u għaldaqstant id-dimensjoni internazzjonali tad-DSS żdiedet u qiegħda ssir dejjem iktar relevanti tul is-snin. F'dan ir-rigward, id-dritt għall-moviment ħieles b'konsegwenza tas-sħubija ta' Malta fl-UE hu fattur determinanti. Għaldaqstant hemm probabbiltà kbira li din it-tendenza tkompli tikber fil-futur.

Skont l-aħħar statistika rrappurtata hawn isfel, fis-snin 2016 u 2017 l-IRU pproċessat in-numru ta' talbiet għall-pensjoni fejn:

- in-numru ta' talbiet li daħlu tirreferi għat-talbiet li waslu minn persuni li joqogħdu barra minn Malta
- in-numru ta' talbiet li ħarġu tirreferi għal talbiet minn persuni li joqogħdu lokalment li qegħdin jitolbu pensjoni minn barra

| **Pajjiż** | **2016** | | **2017** | |
|---|---|---|---|---|
| | **Li daħlu** | **Li ħarġu** | **Li daħlu** | **Li ħarġu** |
| L-UE | 70 | 137 | 303 | 169 |
| L-Awstralja | 156 | 206 | 191 | 161 |
| Il-Kanada | 3 | 71 | 55 | 61 |
| Oħrajn | 14 | 0 | 9 | 1 |
| **Totali** | **243** | **414** | **558** | **392** |

**Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament (u tal-Ħajja)**

Minħabba n-numru dejjem jikber ta' pensjonanti li joqogħdu barra, id-Dipartiment jimplimenta sistema ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament bħala salvagwardja kontra każijiet li jistgħu jkunu qarrieqa. Din is-sistema qed tipprovdi d-DSS bl-għodda neċessarja biex iżomm kuntatt ma' pensjonanti li ma jgħixux Malta li magħhom id-Dipartiment m'għandux komunikazzjoni diretta, biex jivverifika li l-pensjonanti għadhom ħajjin, u kif ukoll biex iżomm rekord aġġornat bid-dettalji tal-qraba.

Permezz ta' din is-sistema, l-IRU hija f'pożizzjoni li tkun taf bit-tibdiliet sinifikanti fiċ-ċirkostanzi ta' kull pensjonant. Formola ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament tintbagħat bil-posta fl-indirizz tal-pensjonant kull sena, li għandu/ha j/tirritornaha bl-informazzjoni neċessarja dwar kull tibdil fl-indirizz u/jew l-istatus u informazzjoni dwar il-qarib li l-IRU għandha tikkuntattja fil-każ ta' bżonn. Iċ-Ċertifikat għandu jkun iċċertifikat u ttimbrat minn xhud uffiċjali. Tali sistema qed tkun utli f'każijiet ta' mwiet mhux irrappurtati ta' pensjonanti għax qed tnaqqas in-numru ta' pagamenti ta' pensjonijiet li mhumiex dovuti.

Dawn li ġejjin huma n-numru ta' Ċertifikazzjoni ta' Verifika tal-Intitolament maħruġa mill-IRU matul l-2016 u l-2017:

| **Pajjiż** | **2016** | | **2017** | |
|---|---|---|---|---|
| | **Ammont** | **Każijiet Sospiżi** | **Ammont** | **Każijiet Sospiżi** |
| Il-Kanada | 859 | 46 | 865 | 31 |
| L-Awstralja (Pensjonanti mhux reċiproċi) | 300 | 21 | 273 | 32 |
| Ir-Renju Unit (Pensjonanti mhux reċiproċi) | 908 | 62 | 130 | 7 |
| Ir-Renju Unit (Pensjonanti reċiproċi) | 771 | 61 | 823 | 48 |
| L-UE (minbarra R-Renju Unit) | 313 | 33 | 360 | 25 |
| Il-Bqija tad-Dinja | 78 | 15 | 107 | 33 |
| **Totali** | **3229** | **238** | **2558** | **176** |

Minbarra din is-sistema ta' ċertifikazzjoni msemmija, l-IRU għandu ftehim mar-Renju Unit fejn din l-informazzjoni dwar il-pensjonanti komuni li joqogħdu kemm f'Malta u kemm fir-Renju Unit tiġi skambjata aktar spiss b'mod elettroniku.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-obbligi li joħorġu mir-Regolamenti tal-UE dwar il-kordinazzjoni tas-sigurtà soċjali (883/2004 u 987/2009), l-IRU kellha twessa' l-mandat tagħha biex tipprovdi għall-pagamenti tal-benefiċċji għall-mard, benefiċċju tal-qgħad, kwistjonijiet ta' assigurazzjoni, aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, u mard relatat max-xogħol li jinvolvu element transkonfinali, waqt li jagħtu gwida ta' politika lis-sezzjoni tal-*Allowance* tat-Tfal fi ħdan id-DSS meta jkun hemm każijiet li jikkonċernaw il-benefiċċji tal-familija u ta' maternità.

Fid-dawl tar-responsabbiltaijiet imsemmija hawn fuq, matul din is-sena l-IRU pproċessat it-talbiet li ġejjin:

| | **2016** | **2017** |
|---|---|---|
| **Formola** | **Ammont** | |
| **U1 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċji tal-Qgħad)** | 614 | 973 |
| **U004 (Dokument Elettroniku Standard għall-komunikazzjoni tal-Informazzjoni dwar is-Salarju)** | 345 | 446 |
| **U017 (Dokument Elettroniku Standard għall- Komunikazzjoni tar-Rekord tal-assikurazzjoni – Ħaddiem Transkonfinali** | 339 | 446 |
| **U009 (Dokument Elettroniku Standard għall-konferma tar-reġistrazzjoni)** | 101 | 93 |

| | | |
|---|---|---|
| **U013(Dokument Elettroniku Standard għall-konferma mensili tar-reġistrazzjoni)** | 85 | 84 |
| **E104 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għall-Benefiċċji tal-Mard)** | 328 | 499 |
| **E205 (Ċertifikat ta' Assigurazzjoni għal Raġunijiet ta' Pensjoni)** | 421 | 417 |
| **E210 (Notifika tad-Deċiżjoni Dwar Talba għal Pensjoni)** | 57 | 71 |

**Determinazzjoni tal-Leġislazzjoni Applikabbli**

Waħda mir-responsabbiltajiet tal-IRU hi d-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli f'każijiet meta l-ħaddiema jkunu f'sitwazzjoni transkonfinali. Ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u Nru 987/2009 jipprovdu serje ta' dispożizzjonijiet biex tiġi determinata liema hija l-leġislazzjoni applikabbli f'każijiet bħal dawn.

Mit-talbiet mibgħuta lill-IRU għad-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli, it-Taqsima pproċessat kemm talbiet ta' individwi li jaħdmu f'pajjiżi oħra tal-UE l-iktar permezz ta' kollokament, kif ukoll ta' persuni li jgħixu f'pajjiż tal-UE iżda ġie determinat li huma suġġetti li jħallsu l-kontribuzzjonijiet fl-Iskema Maltija. Matul is-sena 2016, it-taqsima rċeviet 699 applikazzjoni f'dan ir-rigward. Wara li saret l-analiżi ta' dawn it-talbiet kollha skont ir-regoli applikabbli, ġie deċiż li 590 applikazzjoni għandhom ir-rekwiżiti kollha meħtieġa sabiex jiġu aċċettati u għalhekk inħarġu total ta' 590 formola A1 (Ċertifikat dwar il-liġi tas-Siġurtà Soċjali li tapplika) għal kull każ li kien aċċettat kif mitlub mil-liġi. Il-kumplament tal-applikazzjonijiet li kienu jammontaw għal 109 ġew rifjutati minħabba li ma kienux jissodisfaw il-kriterji mitluba mil-liġi. Matul is-sena 2017, it-taqsima rċeviet numru rekord ta' 1388 applikazzjoni f'dan ir-rigward. Wara li saret l-analiżi ta' dawn it-talbiet kollha skont ir-regoli applikabbli, ġie deċiż li dawn l-applikazzjonijiet għandhom ir-rekwiżiti kollha meħtieġa sabiex jiġu aċċettati u għalhekk inħarġu total ta' 1388 formola A1 kull każ li kien aċċettat kif mitlub mil-liġi.

Barra minn hekk, b'rabta mal-obbligi ta' assigurabbiltà msemmija hawn fuq li jitwettqu mill-IRU, matul l-aħħar sentejn din it-Taqsima kienet involuta f'diversi laqgħat ma' kumpaniji barranin u lokali, partikolarment kumpaniji fis-settur marittimu u tal-avjazzjoni, u individwi oħra biex jiddiskutu kwistjonijiet ta' sigurtà soċjali, li joħorġu mir-Regolamenti tal-UE msemmija hawn fuq. L-IRU wettqet ir-riċerka neċessarja u analizzat il-każijiet ippreżentati. Wara li sar dan l-eżerċizzju, il-partijiet interessati u l-entitajiet involuti ngħataw il-pariri xierqa, fir-rigward tal-pożizzjoni ta' assigurazzjoni tal-individwi impjegati jew li jaħdmu għal rashom li se jkunu impjegati fi Stat Membru tal-UE ieħor u ċittadini tal-UE li se jkunu involuti f'attività ta' impjieg f'Malta.

**Ħruġ ta' Numri tas-Sigurtà Soċjali permezz tas-sistema online**

Matul l-2016 u l-2017, kompliet il-ħidma fuq l-applikazzjoni online għall-ħruġ ta' numri tas-Sigurtà Soċjali. Matul l-2016, total ta' 10,803 applikazzjoni waslu permezz tas-sistema online. Il-maġġoranza tal-applikazzjonijiet, b'kollox 9,654 kienu mingħand persuni ta' nazzjonalità barranija waqt li 1,102 applikazzjoni kienu mingħand ċittadini Maltin. Ħames applikazzjonijiet biss kienu rifjutati minħabba informazzjoni ħażina jew minħabba li t-talbiet ma ssodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà. 42 applikazzjoni oħra, li daħlu fl-aħħar ġranet tas-sena, baqgħu pendenti u ġew ipproċessati fis-sena sussegwenti. Matul l-2017, ġew ipproċessati total ta' 11,051 applikazzjoni permezz tas-sistema online.

**Numru ta' domandi li trattat l-IRU**

L-IRU hija responsabbli wkoll milli tittratta domandi mill-pubbliku. Matul din is-sena, l-IRU rċeviet kważi 8,000 domanda mingħand il-pubbliku ġenerali li waslu għand it-Taqsima jew personalment jew

fil-maġġoranza tagħhom permezz ta' email (7,343). Domandi oħra waslu wkoll permezz ta' ittri jew permezz tas-servizz.gov.

**Trasferiment tad-Drittijiet għall-Pensjoni**
Kompitu ieħor importanti mwettaq mill-IRU hu l-ipproċessar ta' talbiet minn impjegati ta' istituzzjonijiet tal-UE li jkunu ħallsu l-kontribuzzjonijiet tagħhom fis-sistema tas-sigurtà soċjali Maltija, u kif previst mir-Regolament tal-Kunsill 259/68 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej, huma offruti l-possibbiltà li jittrasferixxu d-drittijiet għall-pensjoni akkumulati fl-iskema Maltija għall-iskema tal-UE. Fis-snin 2016 u 2017, ġew ipproċessati l-applikazzjonijiet li ġejjin:

| | **Applikazzjonijiet riċevuti** | **Każijiet trasferiti** | **Każijiet irtirati** | **Każijiet pendenti** |
|---|---|---|---|---|
| **2016** | 4 | 2 | 0 | 2 |
| **2017** | 11 | 5 | 2 | 4 |

Il-każijiet trasferiti kienu jammontaw għal €23,224.87 fl-2016 u €162,514.26 fl-2017 liema ammonti ġew trasferiti fl-iskema tal-UE.

**Rifużjoni ta' Benefiċċju tal-Qgħad lill-pajjiż tar-Residenza**
L-artiklu 65 tar-Regolament (KE) 883/2004 jipprovdi għal rifużjoni ta' Benefiċċju tal-Qgħad imħallsa lil persuni li, wara perjodu ta' xogħol f'Malta, minflok talbu għall-benefiċċju tal-qgħad minn Malta, irritornaw lura għall-pajjiż tar-residenza tagħhom u għamlu talba hemmhekk. F'każijiet bħal dawn, biex ikun hemm bilanċ fl-ispiża, il-pajjiż fejn saret l-attività tax-xogħol huwa obbligat jirrifondi lill-pajjiż tar-residenza l-ekwivalenti ta' 3 xhur benefiċċju (li jista' jitla' għal 5 xhur) bir-rata tal-benefiċċju lokali.

Matul is-sena 2016, l-IRU irċeviet 24 talba u wara li kull każ ġie evalwat skont il-kriterji pprovduti fil-liġi, 13-il talba biss ġiet aċċettata u b'hekk ġew imħallsa total ta' € 10,494.82 lil diversi pajjiżi tal-UE. Matul is-sena 2017, waslu 116 talba u wara li kull każ ġie evalwat skont il-kriterji pprovduti fil-liġi, 54 talba biss ġiet aċċettata u b'hekk ġew imħallsa total ta' € 30,647.72 lil diversi pajjiżi tal-UE.

**Xogħol ta' politika mwettaq fl-2016 u 2017**
Minbarra l-impenji operattivi, l-IRU hija involuta wkoll b'mod attiv fil-qasam tat-tfassil ta' linji politiċi relatati mal-qasam tal-kordinament tas-sigurtà soċjali fl-UE kif ukoll aspetti internazzjonali oħra ta' sigurtà soċjali. Membri tal-IRU rrappreżentaw lil Malta f'diversi laqgħat fuq livell tal-UE, b'mod partikolari l-Kummissjoni Amminstrattiva għall-Koordinament tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali, Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill, Gruppi ta' Ħidma u Forums ta' Riflessjoni oħra, laqgħat tal-MISSOC u bħala esperti tan-netwerk FRESSCO. Apparti mill-attendenza ghall-laqgħat, il-parteċipazzjoni f'dawn il-gruppi tinvolvi wkoll il-kumpilazzjoni ta' statistika u informazzjoni fuq bażi annwali u f'ċertu każijiet bi frekwenza kontinwa (FRESSCO u MISSOC).

Is-sena 2016 kienet waħda movimentata ferm fil-qasam tad-dimensjoni Ewropea. Dan minħabba r-referendum dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni. Fil-bidu tas-sena 2016 l-Istati Membri kollha kienu impenjati f'negozjati intensivi biex jiġu mfassla arranġamenti ġodda f'każ li l-poplu Ingliż jiddeċiedi li jibqa' fl-Unjoni. L-IRU kienet mitluba tagħti kontribut ewlieni f'dawn in-negozjati minħabba l-fatt li s-sigurtà soċjali kien wieħed mis-suġġetti l-aktar sensittivi f'dawn in-negozjati. L-IRU pprovdiet serje ta' dokumenti ta' analiżi u informazzjoni dwar dan is-suġġett u saħansitra rappreżentant tal-IRU kien parti mid-delegazzjoni li flimkien mal-Prim Ministru, innegozjaw il-pakkett ta' miżuri waqt il-Kunsill tal-Ewropa li sar fi Frar ta-2016 fi Brussell.

Ukoll fi Frar 2016, l-IRU orgnizzat f'Malta laqgħa konġunta tal-Grupp ta' Ħidma dwar kwistjonijiet ta' posting u tal-Bord tal-Konċiljazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni Amministrattiva, fejn madwar 30 delegat mill-Istati Membri tal-UE iltaqgħu f'Malta biex ifasslu rakkomandazzjonijiet ta' bdil fir-Regolament (KE) 883/2004 u anke biex jiġu diskussi każijiet ta' konċiljazzjoni bejn l-Istati Membri. L-IRU kienet responsabbli kemm mill-organizzazzjoni loġistika u kif ukoll mit-tmexxija ta' dawn il-laqgħat li seħħu fuq jumejn.

F'Novembru tat-2016, rappreżentanti tal-IRU flimkien ma' rappreżentanti mill-MITA ħadu sehem f'laqgħa bilaterali teknika mal-awtorità Ġermaniża kompetenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali, fuq talba tal-istess awtorità, fid-dawl tar-rwol ta' Malta fit-tmexxija tal-Kunsill Ewropew fl-2017. Matul din il-laqgħa ġew diskussi diversi oqsma bħal pjan ta' ħidma tal-Presidenza Maltija, l-iżviluppi fil-proġett tal-EESSI, u l-prospetti biex jintlaħaq ftehim bilaterali dwar skambju ta' informazzjoni fuq pensjonanti Ġermaniżi li jgħixu f' Malta u pensjonanti Maltin li jgħixu l-Ġermanja. L-għan ta' dan it-tip ta' ftehim hu li jkun hemm iktar kontroll fuq pensjonanti li ma jgħixux fil-pajjiż biex jiġu evitati każi ta' frodi ta' benefiċċju. Malta diġà tħaddan ftehim simili mar-Renju Unit kif ukoll mal-Awstralja. Matul is-sena 2016 l-IRU kienet involuta b'mod attiv fil-preparamenti kontinwi għall-Presidenza tal-Kunsill tal-UE fl-2017, fejn rappreżentanti tal-IRU kienu responsabbli għal-laqgħat tal-Kummissjonijiet Amminstrattivi u Tekniċi kif ukoll għall-organizzazzjoni tal-laqgħa tan-netwerk MISSOC. Għal dan il-għan, ġew impjegati żewġ 'Senior Policy Officers' li ffukaw speċifikament fuq il-ħidma waqt il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE. Impjegati tal-IRU rċevew saħansitra taħriġ intensiv dwar proċeduri operattivi relatati mal-laqgħat sabiex ikun hemm immaniġjar xieraq ta' tali laqgħat waqt il-Presidenza. Matul is-sena twettqu l-arranġamenti loġistiċi u finanzjarji kollha relatati mal-organizzazzjoni tal-laqgħa tan-netwerk MISSOC. Tfassal il-pjan dettaljat tax-xogħol li ħa jsir fi ħdan il-Kummissjonijiet Amministrattivi u Tekniċi li jinkludi l-frekwenza tal-laqgħat, is-suġġetti li ħa jiġu diskussi waqt il-Presidenza Maltija u pjan ta' ħidma biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

Matul dawn is-sentejn, kompliet l-azzjoni legali fil-qrati Maltin imnedija minn uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej minħabba l-mod kif jiġi implimentat it-Trasferiment tad-Drittijiet għal Pensjoni preskritt taħt ir-Regolament tal-Kunsill 259/68. L-IRU kienet assenjata l-kompetenza f'dan ir-rigward peress li tali trasferimenti jaqgħu taħt il-mandat tagħha kif irrappurtat iktar kmieni. Fl-2016, kien hemm 4 seduti fil-Qorti ta' Malta dwar dan il-każ u 3 seduti oħra fit-2017. Is-sentenza dwar dan il-każ hija mistennija tul l-2018. Madanakollu dan jista' jitkompla wara l-2018 ukoll f'każ ta' appell mill-partijiet.

**Presidenza tal-Kunsill tal-UE 2017**

Matul il-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-UE (Jannar - Ġunju 2017), l-IRU kellha r-responsabbiltà li tissorvelja x-xogħol fil-qasam tas-sigurtà soċjali li jseħħ fiċ-ċentru tal-Ewropa, jiġifieri fi Brussell . Membri tal-persunal tal-IRU kienu involuti, b'mod parallel, fix-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (SQWP) fil-Kunsill, kif ukoll fil-proċedimenti tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-kordinazzjoni tas-sigurtà soċjali.

Il-Grupp ta 'Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali (SQWP) tlaqqa' 10 darbiet taħt il-Presidenza Maltija biex jiddiskuti r-reviżjoni tar-Regolament (UE) 883/2004 u 987/2009. Malta kienet l-ewwel Presidenza li ħadmet fuq dan il-fajl u ffukat il-ħidma tagħha fuq l-oqsma tat-Trattament Ugwali u tal-Leġislazzjoni Applikabbli. Il-Presidenza Maltija, permezz tal-persunal tal-IRU, irrevediet it-test ta' kompromess tliet darbiet abbażi tad-diskussjonijiet u tar-rispons tal-Istati Membri. Id-delegazzjonijiet tal-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea nnifisha ferħu lill-Presidenza Maltija tax-xogħol tagħha iktar u iktar fid-dawl tal-fatt li l-oqsma inkwistjoni kienu kontroversjali għall-aħħar.

L-istess persunal tal-IRU kien involut ukoll fil-ħidma tal- Kummissjoni Amministrattiva għall-kordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. Din il-ħidma kienet tinvolvi t-tmexxija ta' żewġ laqgħat plenarji tal-Kummissjoni Amministrattiva kif ukoll żewġ laqgħat straordinarji oħra: waħda tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Kollokament tal-Ħaddiema u laqgħa oħra konġunta bejn il-Membri tal-

Kummissjoni Amministrattiva u tal-Kummissjoni Teknika li fiha ġew diskussi l-kwistjonijiet pendenti rigward il-proġett tal-EESSI.

Barra minnhekk, il-persunal tal-IRU kien responsabbli mill-organizzazzjoni sħiħa tal-laqgħa tan-Netwerk MISSOC li saret f'Malta bejn l-10 u 13 ta' Mejju 2017 fejn madwar 100 delegat kienu impenjati f'laqgħa ta' jumejn liema diskussjonijiet iffukaw fuq oqsma relatati mal-benefiċċji tal-qgħad u kif dawn qed jiġu żviluppati biex jilqgħu għall ħtiġijiet tal-ħaddiema fid-dinja tal-lum.

**Proġett EESSI**
L-IRU hija responsabbli wkoll mit-twettiq tal-proġett tal-EESI li permezz tiegħu kull komunikazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali bejn l-Istati Membri ser tibda ssir b'mod elettroniku. Dan il-proġett, li fih huwa wkoll involut il-Ministeru tas-Saħħa, kien eliġibbli għal fondi mill-'Connecting Europe Facility' u għaldaqstant involva ħafna xogħol biex tfasslet l-applikazzjoni għal dawn il-fondi. L-applikazzjoni intlaqgħet pożittivament u l-ħidma kompliet biex jiġi ppreżentat pjan dettaljat tal-proġett li mistenni jibda f'Ġunju 2017. L-IRU bbenefikat minn madwar nofs miljun Euro għat-twettiq ta' dan il-proġett li mistenni jitwettaq fuq 24 xahar.

Is-sena 2017 kienet waħda impenjattiva għall-aħħar fir-rigward tal-istess proġett. Inħarġu diversi sejħiet sabiex jiġi ffurmat it-tim li ser ikun qed jaħdem fuq dan il-proġett. Illum it-tim jinkorpora 'Project Administrator', u 'Technical Administrator' u fil-ġranet li ġejjin ser jidħlu fir-rwol tagħhom il-'Project Executive' u t-'Technical Coordinator'. Saru wkoll diversi laqgħat ma' uffiċjali tat-Teżor u tal-Uffiċċju tal-*Baġit* sabiex tinstab l-aħjar proċedura finanzjarja li biha għandha titħaddem il-kollaborazzjoni bejn l-MFCS u l-Ministeru tas-Saħħa dan bi ħsieb sabiex jiġu eliminati proċeduri żejda u li jżidu l-burokrazija. Inħarġu wkoll diversi *tenders* sabiex jiġu identifikati kuntratturi li għandhom il-ħiliet rikjesti sabiex jassistu fix-xogħol involut f'dan il-proġett skont it-terminu taż-żmien kif stipulat fil-*Grant Agreement*. Nistgħu ngħidu li matul din is-sena sar ix-xogħol preparatorju sabiex fis-sena 2018 il-proġett jidħol fil-fażi tal-implimentazzjoni.

**Is-Sezzjoni tad-*Data Audit Management and Processing (DAMP Unit)***
Bħal kull sena, is-sezzjoni ġġenerat proċessi skont l-iskeda għal kull benefiċċju biex setgħu jinqabdu l-każijiet kollha li jkunu nħadmu minn kull sezzjoni fi ħdan id-Dipartiment sabiex jinħareġ il-pagament dovut. Minbarra pagamenti, is-sezzjoni ħarġet ukoll korrispondenza li jew tkun indirizzata lill-benefiċjarju\a jew inkella biex tavża lill-pubbliku b'informazzjoni jew inċentivi relatati mal-*baġit*. It-tabella ta' hawn taħt tindika l-ammonti globali ta' pagamenti u korrispondenza li nħarġu fis-snin 2016 u 2017:

Il-valur indikat huwa dak li kien ipproċessat skont l-istess data tal-proċess li ma tirriflettix id-data tal-pagament.

| | **Ammont** | | **Valur** | |
|---|---|---|---|---|
| | **2016** | **2017** | **2016** | **2017** |
| Total ta' ċekkijiet maħruga | 455,798 | 394,611 | €168,810,193.24 | €158,472,163.00 |
| Total ta' pagamenti bankarji | 1,536,663 | 1,582,644 | €707,407,183.58 | €767,324,965.93 |
| Total ta' pagamenti lill-istituzzjonijiet | | | €33,686,277.85 | €34,434,014.46 |
| Total ta' korrispondenza maħruġa | 832,970 | 881,517 | | |
| Total ta' ittri invit Għaqal id-Dar | 13,785 | 8,601 | | |
| Total ta' ittri tal-FEAD | 11,600 | 10,544 | | |
| Total ta' ittri informattivi dwar il-*Baġit* | 93,857 | 99,701 | | |

**Benefiċċju tal-Enerġija**
Is-Sezzjoni kompliet ukoll bl-ipproċessar tal-Benefiċċju tal-Enerġija fejn matul is-sena 2016 ġew iġġenerati 100 proċess li minnhom nqabdu 113,374 pagament filwaqt li fis-sena 2017 ġew iġġenerati 103 proċessi b'110,421 pagament. Dawn il-pagamenti eventwalment ġew mnaqqsa mill-kontijiet rispettivi tal-ARMS Ltd. Il-proċess jinkludi ttestjar mis-sezzjoni DAMP kif ukoll mis-sezzjoni tal-Benefiċċju tal-Enerġija qabel ma jinħarġu l-pagamenti.

**Proċessar ta' applikazzjonijiet jew reġistrazzjoni**
Fis-sena 2016 ġew ipproċessati applikazzjonijiet li jinkludu 3,868 applikazzjoni ġdida għall-pensjoni u nħarġu 145 notifika għall-pensjoni tar-romol filwaqt li fis-sena 2017 ġew maħruġa 165 notifika għall-penzjoni tar-romol (l-ammont jeskludi notifiki li nħarġu mill-uffiċċji distrettwali). Minn Ottubru 2016, dawk kollha li jgħalqu s-16-il sena, beda jinħarġilhom b'mod awtomatiku ċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tas-Sigurtà Soċjali. Il-proċess kompla matul is-sena 2017, b'rata ta' ftit iktar minn 350 reġistrazzjoni kull xahar. In-numru tar-reġistrazzjoni tas-Sigurtà Soċjali jinħareġ biss lill-persuni li jagħlqu s-16-il sena u li jkollhom residenza lokali u permanenti.

F'Settembru tal-2017 bdiet tinħareġ b'mod awtomatiku l-Karta r-Roża lil dawk il-benefiċjarji li l-validità tkun ħa tiskadi – kull xahar il-proċess jiġġenera madwar 500 karta roża li eventwalment jiġu pprintjati u impustati lill-benefiċjarji rispettivi. B'dan il-mod, id-Dipartiment qed ikun proattiv u fl-istess ħin jonqsu l-benefiċjarji biex iġeddu l-karta r-roża mid-distretti biex il-ħin ikun utilizzat aħjar għal benefiċċju tal-klijenti tad-Dipartiment.

**Statistika**
Is-Sezzjoni pprovdiet ukoll statistika relatata ma' mistoqsijiet parlamentari jew biex tgħin fid-deċiżjonijiet marbuta mal-*baġit* kif ukoll statistika fuq benefiċju\i partikolari matul is-sena.
Statistika oħra kontinwa li ġiet iġġenerata tinkludi l-qalba tal-pagamenti marbuta mal-benefiċju minn ċekkijiet għall-pagamenti bankarji.

## DIRETTORAT GĦALL-OSSERVANZA TA' BENEFIĊĊJI (DOB)

**Diviżjoni għall-Osservanza u Investigazzjonijiet**
Id-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji fi ħdan id-Diviżjoni għall-Osservanza u Investigazzjonijiet kien sa Diċembru 2017 magħruf bħala Dipartiment għall-Investigazzjoni ta' Frodi ta' Benefiċċji (BFID).

Id-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji (DOB) huwa fdat bir-responsabbiltà li jinvestiga kull rapport fejn jiġi allegat li hemm nuqqas ta' osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji soċjali, imħallsa taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318).

Filwaqt li dan id-Direttorat jaħdem mill-qrib ħafna mad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS), dan ma jagħmilx parti mid-DSS iżda huwa Direttorat separat. Id-DOB juża r-riżorsi kollha tiegħu biex jinvestiga fid-dettall kull rapport li jirċievi fejn hu allegat nuqqas ta' osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji soċjali u jasal għall-konklużjonijiet tiegħu fuq dak li jkun sab wara li jkun investiga l-każ sew.

F'każijiet fejn l-eżitu tar-Rapport Investigattiv ikun li l-benefiċjarju/a mhux qiegħed/qiegħda, fil-fehma tad-DOB, jitħallas/titħallas skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, ir-Rapporti bir-rakkomandazzjonijiet tad-DOB, jiġu mgħoddija lid-DSS biex jiddeċiedi x'għandu jsir f'kull każ. Id-DSS wara li jwettaq ħidmietu fuq dawn il-każijiet jirreferi lura r-riżultat ta' kull każ lid-DOB.

**Sorsi ta' Informazzjoni**
Bħal fis-snin li għaddew, ir-rapporti ta' każijiet fejn hu allegat li m'hemmx osservanza fit-teħid ta' benefiċċji soċjali skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jaslu għand id-DOB b'diversi mezzi u minn diversi sorsi, fosthom mingħand il-pubbliku u mid-DSS. Il-pubbliku huwa konxju tal-

operat effettiv tad-DOB u għaldaqstant kompla sena wara sena jissottometti numru ta' rapporti, li l-parti l-kbira minnhom ikunu anonimi. Dawn ir-rapporti jaslu fid-Direttorat l-iktar permezz tat-telefon, inkluż il-*freephone* (80072345), permezz tal-email (benefitscompliance@gov.mt), permezz ta' ittri u ta' midja oħra. Il-paġna tal-internet tad-DOB tipprovdi wkoll il-faċilità lil min ikun jixtieq jissottometti rapport għall-investigazzjoni *online* kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Matul is-sena 2016, id-Direttorat nieda wkoll paġna tal-*Facebook* tiegħu li toffri wkoll l-opportunità lill-pubbliku biex jirraporta każijiet fejn allegatament hemm nuqqas ta' osservanza fil-ħlas tal-benefiċċji soċjali skont il-provvedimenti tal-Att dwar Sigurtà Soċjali. L-*istaff* tad-DSS kompla matul is-snin iwassal numru sostanzjali ta' Talbiet għall-Investigazzjoni fuq it-*Template* li jipprovdi d-DOB. Id-Direttorat jagħmel ukoll użu mill-informazzjoni finanzjarja li tiġi mtella' fuq is-Sistema Amministrattiva Benefiċċi Soċjali (SABS) li hija sistema komputerizzata operata mid-DSS. Din l-informazzjoni li tinkiseb minn istituzzjonijiet finanzjarji lokali tintuża biex id-DOB isegwi mill-qrib l-iżvilupp li jkun hemm f'kull każ fejn il-benefiċjarji ta' benefiċċji mhux kontributorji jkollhom kapital li jeċċedi t-test tal-mezzi.

**Kordinazzjoni**

Matul is-snin 2016 u 2017, id-DOB kompla jsaħħaħ l-operat tiegħu billi kkordina ma' numru ta' dipartimenti u entitajiet governattivi kif ukoll mas-settur privat sabiex jiġbor kull informazzjoni li tkun ikkunsidrata kruċjali biex jiġu konklużi l-investigazzjonijiet tiegħu. Kompla jaħdem ukoll fuq inizjattivi biex jidentifika sorsi oħra ta' fejn jista' jkun hemm nuqqas ta' osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

**Operat**

Id-DOB, permezz tal-Ispettorat tiegħu wettaq 3,693 spezzjoni fuq is-sit matul is-snin 2016 u 2017. Mill-ispezzjonijiet fuq is-sit u mill-investigazzjonijiet kollha magħmula minn dan id-Direttorat, 1,643 każ ġew konlużi matul dawn is-sentejn. Mill-każijiet kollha investigati matul l-istess perjodu, instab li 1,051 każ kienu mħallsa skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap 318).

Il-DOB irrakkomanda lid-DSS 554 każ fejn irriżulta li ma kienx hemm osservanza fil-ħlas tal-benefiċċji skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, sabiex dawn jiġu sospiżi jew riveduti skont il-każ u sabiex kull ħlas li kien imħallas żejjed jinġabar lura. Sa l-aħħar ta' Diċembru 2017, id-DOB kien irċieva jew ġabar informazzjoni sħiħa jew parzjali mingħand id-DSS fuq 1,247 każ li kienu jkopru 1,932 benefiċċju soċjali (ara t-tabella). Uħud minn dawn il-każijiet kellhom iktar minn benefiċċju wieħed li kien qed jiġi mħallas. Sa l-aħħar tas-sena 2017, id-DOB kien għadu qed jistenna informazzjoni sħiħa jew parzjali mingħand id-DSS fuq 2,012-il każ.

Mill-informazzjoni li d-DOB irċieva jew ġabar mingħand id-DSS fuq każijiet li kienu ġew investigati minnu, huwa stmat li matul dawn is-sentejn ġew iffrankati €8,077,620.

| **Benefiċċji li ma kinux imħallsa skont il-provvedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali** | |
|---|---|
| Pensjoni tal-Invalidità | 13 |
| *Allowance* Supplimentari | 131 |
| *Allowance* tat-Tfal | 234 |
| Assistenza għall-Mard | 364 |
| Assistenza Soċjali | 415 |
| Assistenza għall-Qgħad | 134 |
| Pensjoni tal-Età | 170 |
| Assistenza Soċjali – Ġenitur Singlu | 200 |

| | |
|---|---|
| Assistenza Soċjali - *Carers* | 3 |
| Pensjoni tal-Wens | 1 |
| Benefiċċju Speċjali tal-Qgħad | 20 |
| Pensjoni għal Diżabbiltà (mhux kontributorja) | 3 |
| Benefiċċju għall-Enerġija | 175 |
| Assistenza għall-Qgħad *Tapering* | 23 |
| Assistenza għall-Qgħad Sussidjarja | 28 |
| Suppliment tat-Tfal | 13 |
| *In-work benefit* | 3 |
| *Senior Citizen Grant* | 2 |
| **Total** | **1932** |

Sal-aħħar tas-sena 2017, il-DOB kien għad baqagħlu 267 każ għall-investigazzjoni jew biex jiġu konklużi.

Huwa stmat li matul il-perjodu 2006 u 2017, id-Direttorat għall-Osservanza ta' Benefiċċji, permezz tal-operat tiegħu, għen biex ġew iffrankati €44,004,418. Dan sar b'*Cost/Savings ratio* ta' €7.85:€100.

## DIPARTIMENT STANDARDS FIL-ĦARSIEN SOĊJALI

Fl-2016 u 2017, id-Dipartiment Standards fil-Ħarsien Soċjali wettaq l-irwol ta' regolatur u għaldaqstant kellu l-inkarigu li:

- Jiżgura li l-istandards varati jkunu implimentati biex jissodisfaw lil min qed juża s-servizz;
- Jagħmel monitoraġġ u jassessja standards ta' servizzi tal-ħarsien;
- Jiżgura konformità u li l-iżviluppi neċessarji qegħdin jiġu rrealizzati;
- ssir investigazzjoni ta' lmenti kif meħtieġ.

### Attivitajiet Ewlenin

**Ir-regolamentazzjoni tas-servizzi taċ-*child care***
F'Ġunju 2016, id-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali temm il-ħidma tiegħu fil-kamp tar-regolamentazzjoni tas-servizzi taċ-*child care* skont l-Istandards Nazzjonali għall-Faċilitajiet tat-Tfal ta' Matul il-Jum. Din il-ħidma mxiet fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni. Sabiex ikun żgurat kontinwazzjoni u konsistenza fil-ħidma regolatorja, id-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali ħadem qatigħ mal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex il-ħaddiema fi ħdan il-Ministeru jitħarrġu fil-proċessi tar-regolamentazzjoni taċ-*child care*.

**L-istandards għad-Djar Residenzjali tat-tfal u l-*Foster Care***
Fl-2016, id-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali kompla l-ħidma tiegħu fi ħdan dawn is-setturi sabiex jiżgura l-implimentazzjoni tal-istandards fi ħdan is-servizzi f'dan is-settur. Dan sar permezz ta' *tools* li ġew maħluqa, żjajjar fi ħdan is-servizzi u anke permezz tal-organizzazzjoni ta' *seminars* għall-persuni involuti fit-tmexxija tas-servizzi.

Fl-2017, filwaqt li d-dipartiment kompla l-ħidmiet tiegħu f'dan is-settur, ħadem speċifikament fuq l-istandards relatati mal-kwalifiki tal-ħaddiema li jaħdmu fid-djar residenzjali kif ukoll fuq żvilupp ta' metodoloġiji differenti biex wieħed ikun jista' jivverifika jekk id-djar residenzjali jkunux jilħqu livell tal-istandard meħtieġ. Barra minn hekk, saret ħidma fuq sistema ta' rappurtaġġ fejn dak kollu li ġie vverifikat fid-djar residenjali ġie rappurtat formalment kemm b'mod kwalitattiv u kwantitattiv.

**L-istandards Nazzjonali għas-Servizzi Residenzjali għall-Persuni b'Diżabbiltà**
Fl-2016, fir-rigward ta' dawn l-istandards, id-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali beda l-ħidma tiegħu sabiex jintroduċi l-istandards fis-settur u jara li dawn jiġu implimentati. Id-dipartiment beda joħloq *tools* sabiex ikun jista' jieħu idea tat-tħaddim tas-servizzi bħalissa biex b'hekk jibda jintroduci l-istandards. Dan qed isir permezz ta' żjajjar lil min qiegħed jipprovdi s-servizz u anke permezz ta' kuntatti ma' *stakeholders* u esperti li jistgħu jgħinu lid-dipartiment f'dan il-proċess inkluż il-Kummissarju tad-data. Fil-fatt, fil-11 ta' April 2017, saret laqgħa mal-Kummissarju tad-data fejn ingħatat rakomandazzjoni li tibda tiġi utilizzata l-*psudonomyzation technique*.

Fil-bidu tas-sena 2017, id-dipartiment fassal pjan ta' ħidma fir-rigward ta' dawn l-istandards. L-Assessuri fit-Taqsima tal-Assessjar fi ħdan id-dipartiment għamlu *orientation visits* ma' min qed jipprovdi s-servizzi kif ukoll eżerċizzju relatat mal-kwalifika tal-ħaddiema li jaħdmu fis-servizzi Residenzjali għall-Persuni b'Diżabbiltà. L-għan ta' dan l-eżerċizzju huwa li jsir *workforce mapping* sabiex jiġi stabbilit xi taħriġ u livell ta' kwalifika li l-ħaddiema li qed jaħdmu fi ħdan is-settur għandhom li jikkontribwixxu għall-kwalità fis-servizzi.

Minn Awwissu 2017, id-dipartiment beda jiżviluppa *assessment tools* sabiex l-Assessuri jkunu jistgħu jiġbru informazzjoni dwar kull servizz u kif dan jopera fejn tidħol l-implimentazzjoni tal-istandards.

F'Dicembru 2017, id-dipartiment organizza serje ta' laqgħat ta' informazzjoni dwar l-Istandards Nazzjonali għas-servizzi Residenzjali għall-Persuni b'Diżabbiltà mal-ħaddiema li jaħdmu fis-servizzi residenzjali.

**Adozzjonijiet**

**Akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-adozzjoni**
Matul l-2016, l-Awtorità Ċentrali bl-assistenza tal-*Welfare Services Assessment Unit*, reġgħet akkreditat ħames aġenziji tal-adozzjoni għall-perjodu 2016-2018 sabiex dawn tal-aħħar joffru lill-ġenituri adottivi prospettivi, is-servizz relatati mal-proċess tal-adozzjoni.

**Koperazzjoni ma' Pajjiżi Terzi**
Fl-2016, f'dak li għandu x'jaqsam ma' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-adozzjoni, l-Awtorità Ċentrali Maltija ħadet ħsieb li jissaħħu r-relazzjonijiet mal-pajjiżi li jibagħtu t-tfal, l-Islovakkja u r-Russja. Ġie ffirmat ftehim mal-Kambodja dwar l-aġenziji u saru diskussjonijiet mal-Indja u l-Portugall filwaqt li fl-2017, intlaħaq ftehim maċ-Ċili, l-Kolombja, l-Latvja u l-Polonja.

**Talbiet Ġenerali Varji**
F'dawn is-sentejn l-Awtorità Ċentrali assistiet numru ta' klijenti, fosthom: ġenituri adottivi prospettivi Maltin li jgħixu barra minn Malta; ġenituri adottivi prospettivi barranin li jixtiequ jadottaw minn Malta.

**Talbiet diversi minn għand aġenziji akkreditati biex joffru servizzi ta' adozzjoni, każijiet ta' *relative adoptions* u talbiet minn għand il-*media*.**

***Tracing of Birth Families***
Matul l-2016 u l-2017, l-Awtorità Ċentrali assistiet numru ta' persuni li ġew adottati fi snin preċedenti, u li llum għandhom iżjed minn 18-il sena, sabiex jippruvaw isibu l-ġenituri bijoloġiċi tagħhom.

**Statistika**
L-Awtorità Ċentrali ġabret mingħand l-aġenziji tal-adozzjoni l-istatistika relatata mal-istadji differenti matul il-proċess tal-adozzjoni għas-sena 2016 u 2017 hekk kif rikjest mill-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni. Inġabret ukoll statistika simili mingħand ir-Reġistru Pubbliku, kif stabbilit fil-ftehim li ntlaħaq bejn iż-żewġ entitajiet.

**L-istandards Nazzjonali għall-Proċess tal-Adozzjoni tat-Tfal**
F'Settembru 2017, l-Istandards Nazzjonali għall-Proċess tal-Adozzjoni tat-Tfal ġew varati għall-konsultazzjoni pubblika mid-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali fi ħdan il-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

***Fostering***
Flimkien mal-*Welfare Services Assessment Unit*, l-Awtorità Ċentrali bdiet il-proċess sabiex terġa' takkredita ż-żewġ *units* fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ li joffru servizzi relatati ma' *fostering*, kemm dak ġeneriku, kif ukoll dak speċjalizzat.

**Ħtif tat-Tfal u Aċċess Trans-Konfinali**
Matul l-2016 u l-2017, l-Awtorità Ċentrali ttrattat diversi każijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħtif tat-tfal kif ukoll każijiet ta' aċċess kemm każijijiet *outgoing* u *incoming*.
L-Awtorita' Ċentrali kompliet taħdem ukoll fuq każijiet li nfetħu fl-2015.

***Cross-Border Family Maintenance***
Matul l-2016 u l-2017, l-Awtorità Ċentrali ttrattat diversi każi f'dak li għandu x'jaqsam ma' *Cross Border Family Maintenance* u kif ukoll każijiet *outgoing* u *incoming.*

**Protezzjoni tat-Tfal Trans-Konfini**
Matul is-sena fl-2016, l-Awtorità Ċentrali rċeviet żewġ talbiet għall-informazzjoni fir-rigward tal-Konvenzjoni tal-Ajja tal-1996. Dawn ikunu rikjesti għal rapporti soċjali u ekonomiċi tal-familja involuta.

**Laqgħat f'Pajjiżi Barranin**
Uffiċċjali fi ħdan l-Awtorità Ċentrali pparteċipaw fil-*Working Group* li sar f'*The Hague* fir-rigward ta' *Preventing and Addressing Illicit Practices in Intercountry Adoption.* Fuq stedina tal-Awtorità Ċentrali tar-Repubblika Slovakka, membri fi ħdan l-Awtorità Ċentrali Maltija taw preżentazzjoni bit-titlu ta' *The return of children in cross-border child abduction*: *The best interest of the child – a psycho-social perspective",* waqt il-*Fourth Bratislava Conference.* Saru wkoll laqgħat mal-Awtoritajiet Ċentrali u dwar *Brussels IIa*

**Il-Presidenza tal-Unjoni Ewropea**
Matul il-perjodu Jannar u Ġunju 2017, fiż-żmien ta' meta Malta kellha l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea, id-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali pparteċipa fil-laqgħa tal-*European Justice Network* li saret f'Malta. Dawn il-laqgħat li jsiru kull sena, ġeneralment fil-pajjiż li jkollu l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea jġibu flimkien il-membri tal-*Judical Network* u esperti oħra li jaħdmu fil-qasam tal-*Family Maintenance Regulation*. Tabilħaqq, id-Dipartiment ipparteċipa fil-kompetenza tiegħu bħala l-Awtorità Ċentrali għal dan ir-Regolament**.**

Fl-istess perjodu Malta ippresediet il-grupp ta' ħidma li huwa risponsabbli għar-*Recast tal-Brussels II Regulation* u għaldaqstant id-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali fil-kompetenza tiegħu bħala l-Awtorità Ċentrali għal dan ir-Regolament, kien parti minn *team* ta' Malta fil-gruppi ta' ħidma li saru fi Brussell.

***Malta IV Process***
Id-Dipartiment għal Standards fil-Ħarsien Soċjali b'kollaborazzjoni ma' uffiċjali għolja tal-*Hague Conference on Private International Law* organizza l-*Malta IV Process*.

Din il-konferenza li tittella' f'Malta kull erba' snin kienet organizzata fil-*Grand Hotel Excelsior* bejn it-2 u l-5 ta' Mejju 2016.

L-għan ewlieni tal-*Malta IV Process* hu li jinkoraġġixxi djalogu bejn dawk il-pajjiżi li huma firmatarji tal-Konvenzjoni tal-Ajja dwar l-aspettattivi tal-ħtif Internazzjonali tat-tfal u l-Protezzjoni tat-tfal, u dawk il-pajjiżi li mhumiex firmatarji tal-Konvenzjoni tal-Ajja fejn is-sistemi legali tagħhom huma influwenzati jew inkella msejsa fuq il-Liġi tax-*Sharija* bil-għan li dawn tal-aħħar isiru firmatarji tal-Konvenzjoni.

88 parteċipant minn madwar id-dinja flimkien ma' tletin parteċipanti Maltin attendew għal din il-Konferenza.

***Retention policy* u Protezzjoni tad-Data**
Matul l-2016, uffiċċjali tal-Amministrazzjoni ltaqgħu ma' uffiċċjali tad-*Data Protection Unit* u l-Arkivji Nazzjonali sabiex tkun tista' titfassal *policy* dwar iż-żamma ta' dokumenti tad-dipartiment.

Fl-2017, l-Arkivji Nazzjonali għamlu kuntatt mad-dipartiment fejn kien hemm qbil li l-Arkivji kellhom jieħdu *sample* tal-kategoriji tal-*files* tad-Dipartiment. Il-proċess ġie ffinalizzat fit-18 ta' Ottubru 2017.

Fil-bidu ta' 2017 saret laqgħa msejħa mill-Kummissarju tad-Data sabiex jibda jkun hemm għarfien dwar il-GDPR. Fil-fatt, l-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti ħa l-inizjattiva sabiex joħloq *workshops* dwar dan. L-ewwel laqgħa ssejħet nhar il-Ġimgħa, l-1 ta' Diċembru, 2017.

***Job Shadowing***
F'2017, għadd ta' impjegati kellhom l-opportunità li jagħmlu *job shadowing* barra minn Malta. Il-*job shadowing* ittratta fuq diversi oqsma fl-ispettorat fil-Ħarsien Soċjali. Il-pajjiżi barranin li offrew din l-opportunità kienu l-Isvizzera, l-Isvezja, l-Latvia u n-Norveġja.

## ID-DIRETTORAT ĠENERALI (POLITIKA SOĊJALI)

**Ir-rwol tad-Direttorat**
Id-Direttorat Ġenerali (Politika Soċjali) huwa impenjat biex itejjeb il-qagħda soċjali fuq livell nazzjonali, filwaqt li b'mod partikolari jiffoka fuq il-prospetti ta' dawk in-nies li huma meqjusa vulnerabbli. Fl-impenn kontinwu tiegħu sabiex jilħaq dan il-għan, id-Direttorat jaħdem mill-qrib ma' diversi Ministeri, Dipartimenti u entitajiet sabiex jiżviluppa metodi komprensivi li jindirizzaw il-ħtiġijiet u x-xewqat tas-soċjetà bl-aktar mod effettiv possibbli. F'dan il-kuntest, id-Direttorat dejjem ifittex illi l-valuri tal-politika soċjali jiġu riflessi bl-aktar mod ċar f'*policies* f'oqsma oħra u li t-tfassil tal-*policies* ikun msejjes fuq informazzjoni xjentifika u empirika.

**Ix-xogħol li sar matul is-snin 2016 u l-2017**
Matul l-2016 u l-2017, id-Direttorat issokta bil-ħidma tiegħu sabiex jaqdi r-responsabbiltajiet ewlenin tiegħu billi:
- ħadem mill-qrib ma' Ministeri, Dipartimenti u entitajiet oħra;
- ipparteċipa f'konferenzi lokali kif ukoll f'laqgħat Ewropej;
- ħa sehem attiv f'kumitati u gruppi ta' ħidma;
- analizza dokumenti u rapporti li jittrattaw temi ta' natura soċjali;
- investa fl-iżvilupp tal-impjegati tiegħu.

**Xogħol ma' Ministeri, Dipartimenti u Entitajiet Oħra**
Fl-impenn tiegħu biex jissorvelja l-implimentazzjoni tal-*Politika Strateġika Nazzjonali għal Tnaqqis fil-Faqar u għal Inklużjoni Soċjali (2014-2024)*, matul l-2016 u l-2017 id-Direttorat kompla jlaqqa' l-grupp inter-ministerjali sabiex jaġġorna ruħu dwar il-progress milħuq fl-implimentazzjoni ta' miżuri li jindirizzaw l-94 azzjoni strateġika li joħorġu mis-sitt oqsma li tippreżenta din il-politika. Ta' min jgħid illi sal-aħħar ta' Diċembru 2017, daħlu fis-seħħ total ta' 333 miżura li bejniethom indirizzaw 89 azzjoni strateġika. B'riżultat tal-ħidma ta' dan il-grupp, f'Novembru 2017 ġie ppubblikat ir-rapport

"Implementation and Evaluation Report 2014-2016" li jipprovdi rendikont tal-miżuri li ġew implimentati matul it-tliet snin imsemmija flimkien ma' analiżi tar-riżultati miksuba. Dan huwa l-ewwel rapport tax-xorta tiegħu minn mindu ġiet mnedija din il-Politika Strateġika Nazzjonali. Minn dan ir-rapport ħareġ ċar l-impenn tal-Gvern fil-ġlieda kontra il-faqar u ir-riżultati tajbin miksuba f'dan ir-rigward.

Matul l-2016, permezz tal-Kumitat Inter-ministerjali Amministrattiv fuq id-Diżabbiltà (Inter-minsterial Administrative Committee on Disability - IACD), id-Direttorat ħadem ukoll mill-qrib mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol kif ukoll mal-Ministeru għas-Saħħa sabiex tiġi introdotta sistema aktar ħolistika u kordinata f'dak li jirrigwarda l-assessjar ta' klijenti, l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' kura fit-tul u l-għoti ta' servizzi fil-qasam tad-diżabbiltà. Din is-sistema l-ġdida daħlet fis-seħħ fl-2017 meta beda l-ħidma tiegħu bord inter-ministerjali, interdixxiplinarju u professjonali (Inter-ministerial Inter-disciplinary Professional Board on Disability - IIPBD). Il-ħidma ta' dan il-Bord wasslet biex f'Diċembru 2017 sar l-ewwel assessjar ta' klijent bis-sistema l-ġdida.

Matul l-istess snin, id-Direttorat kompla bix-xogħol tiegħu fuq il-Politika Nazzjonali għat-Tfal. L-abbozz ta' din il-politika ġie mniedi għal konsultazzjoni pubblika f'Settembru 2016. Wara li d-Direttorat analizza l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijet li daħlu mill-konsultazzjoni u kellu diskussjoni ma' xi Ministeri u entitajiet oħra, iffinalizza l-*policy* li sussegwentement ġiet imnedija fl-20 ta' Novembru 2017.

Minbarra din il-kollaborazzjoni inter-ministerjali kontinwa, id-Direttorat issokta wkoll ifittex l-għajnuna tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika li dejjem ipprovda pariri siewja u informazzjoni f'waqtha rigward l-iżjed data riċenti u indikaturi saljenti. Permezz ta' din il-ħidma mill-qrib mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, id-Direttorat dejjem kellu data riċenti u ta' min jorbot fuqha sabiex tintuża għall-iżvilupp ta' *policies*, il-moniteraġġ ta' progress fil-qasam soċjali u t-tħejjija ta' rapporti u analiżi għal skopijiet nazzjonali u Ewropej.

Fi ħdan il-Ministeru, id-Direttorat ħadem mill-qrib ma' Dipartimenti u entitajiet oħra, b'mod partikolari fil-kumpilazzjoni ta' miżuri biex jiġu inklużi fil-Programm Nazzjonali ta' Riforma u fl-ippjanar ta' miżuri u inizjattivi li jikkontribwixxu għal titjib fil-prospetti tal-benessere soċjali, l-aktar ta' dawk l-iżjed vulnerabbli fis-soċjetà.

**Konferenzi Lokali u Fora Ewropej**

Matul l-2016 u l-2017, id-Direttorat kompla jżomm ruħu aġġornat mal-iżviluppi fil-qasam tal-politika soċjali u baqa' jikkontribwixxi f'dibattiti li jiffukaw fuq dan il-qasam billi attenda diversi fora nazzjonali u Ewropej. Minbarra l-kordinament kontinwu mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, id-Direttorat attenda wkoll seminars u konferenzi nazzjonali organizzati mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza, mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, mill-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjetà, mill-Forum kontra l-Faqar, u mill-Fondazzjoni mid-Dlam għad-Dawl. Konferenzi u seminars bħal dawn li jittrattaw diversi realtajiet soċjali, jesponu bl-aktar mod ċar l-isfidi soċjali kurrenti u jipprovdu l-isfond adattat għall-preżentazzjoni u d-diskussjoni ta' riżultati mnissla minn riċerka flimkien ma' proposti ta' azzjoni li jindirizzaw il-ħtiġijiet attwali.

Fuq livell Ewropew, id-Direttorat kompla jirrappreżenta lill-Ministeru fuq l-*Indicators Sub Group* (ISG) u fuq il-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali (Social Protection Committee - SPC) filwaqt li attenda wkoll *Peer Reviews* Ewropej li trattaw temi soċjali bħal Timijiet Soċjali fil-Komunità u Faqar fost is-*Single Mothers*. Il-parteċipazzjoni tad-Direttorat f'fora bħal dawn mhux biss jipprovdi tagħrif f'materji ta' statistika u politika soċjali iżda jgħin ukoll l-iżvilupp ta' *policies* u l-ippjanar ta' servizzi soċjali li jindirizzaw il-bżonnijiet ewlenin. Minbarra dawn il-laqgħat u kumitati, matul l-2017, meta Malta kellha l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, id-Direttorat kien rappreżentat f'diversi konferenzi u laqgħat.

**Kumitati u Gruppi ta' Ħidma**
B'għarfien sħiħ tal-fatt li l-qasam tal-politika soċjali huwa kumpless u dinamiku u li jestendi lil hinn mid-dikasteru tal-Ministeru responsabbli mill-familja, id-drittijiet tat-tfal u s-solidarjetà soċjali, id-Direttorat jilqa' b'apprezzament inviti minn Ministeri oħra sabiex jifforma parti minn kumitati u gruppi ta' ħidma tagħhom. Għaldaqstant, matul l-2016 u l-2017 id-Direttorat kien rappreżentat fuq *Education for All Stakeholders Dialogue* u fuq il-Kumitat Inter-ministerjali dwar *Healthy Schools* li ġew imwaqqfa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol kif ukoll fuq it-Tim tal-Istrateġija għall-Intitolament u fuq *l-Advisory Council on Healthy Lifestyles* kordinati mill-Ministeru għas-Saħħa.

Fuq livell ta' amministrazzjoni ġenerali, id-Direttorat attenda u pparteċipa b'mod sħiħ fil-Kumitat tat-Tmexxija kif ukoll fil-Kumitat ta' Strateġija u Ppjanar tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-tfal u Solidarjetà Soċjali. Billi jlaqqgħu flimkien id-diriġenti kollha tal-Ministeru, dawn il-laqgħat iżidu l-għarfien u jiffaċilitaw id-diskussjoni u b'hekk jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' miżuri u inizjattivi li jippromwovu l-benessere soċjali fl-aħjar interess tas-soċjetà kollha iżda b'mod partikolari tal-gruppi vulnerabbli.

**Analiżi ta' Dokumenti u Rapporti**
Matul l-2016 u l-2017, id-Direttorat kompla jipprovdi rapporti tekniċi f'dak li jirrigwarda talbiet għal analiżi ta' impatt soċjali, dokumenti nazzjonali, Ewropej u internazzjonali. Dawn l-analiżi mhux biss jippromwovu d-dimensjoni soċjali ta' proġetti u dokumenti, iżda jagħtu wkoll vuċi lill-Ministeru f'firxa wiesgħa ta' suġġetti li b'mod dirett jew indirett jimpattaw fuq materji ta' natura soċjali. Barra minn hekk, it-tħejjija ta' rapporti u s-sottomissjonijiet analitiċi jagħtu l-opportunità lil Malta biex taqsam is-suċċessi tagħha ma' oħrajn u biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' dokumenti u strateġiji li jmorru lil hinn mix-xenarju nazzjonali.

**Żvilupp tal-Impjegati**
Ir-riżorsa umana hija għodda ewlenija meta wieħed jiġi biex jifhem il-bżonnijiet tan-nies u biex jiżviluppa *policies* u strateġiji li jindirizzaw dawn il-ħtiġijiet b'mod effettiv. B'għarfien sħiħ ta' dan, id-Direttorat bis-saħħa jemmen fit-tisħiħ tal-għerf, kapaċitajiet u abiltajiet tal-impjegati tiegħu. Għaldaqstant, matul l-2016 u l-2017, il-ħaddiema tad-Direttorat baqgħu jiġu mħeġġa u megħjuna biex jattendu seminars, konferenzi u taħriġ sabiex ikunu dejjem iżjed sensittivi għal bżonnijiet ġodda u jkunu esposti aħjar għal azzjonijiet li potenzjalment jistgħu jindirizzaw dawn ir-realtajiet filwaqt li jsaħħu ċ-ċrieki formali u informali ta' kordinament li huma tant kruċjali meta wieħed jiġi biex jidentifika u jindirizza ħtiġijiet li jtejbu l-qagħda soċjali.

**Inħarsu 'l quddiem**
Konxju mill-fatt li ċ-ċirkostanzi u l-bżonnijiet qegħdin dejjem jevolvu, id-Direttorat jikkometti ruħu li jżomm aġġornat mal-bixriet dinamiċi sabiex dejjem ikun f'pożizzjoni li jipprovdi opinjonijiet tekniċi relevanti u biex jiżviluppa *policies* u strateġiji li huma pertinenti għall-ħtiġijiet attwali li huma l-iżjed importanti skont il-programm ta' ħidma tal-Gvern.

## DIRETTORAT GĦALL-IŻVILUPP TAL-POLITKA U IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMMI

Fl-2016 u l-2017, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi kien fdat bil-kompitu li jikkordina r-rispons tal-Ministeru fl-Unjoni Ewropea u fil-fora internazzjonali oħra, kif ukoll biex jikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika fir-rigward ta' materji li għandhom x'jaqsmu mal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali, jew kif kien jismu qabel Ġunju 2017, il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Barra minn hekk, id-Direttorat ikkordina il-parteċipazzjoni ta' uffiċjali tal-Ministeru f'konferenzi varji, laqgħat, u avvenimenti oħra, li seħħew barra mill-pajjiż.

Id-Direttorat jinkorpora wkoll fi ħdanu l-Implimentazzjoni tal-Programmi. Dan primarjament jinvolvi l-kordinazzjoni u l-moniteraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea u

programmi u inizjattivi oħra, filwaqt li jikkordina wkoll ma' partijiet interessati oħra biex jiżgura implimentazzjoni bla xkiel ta' dawn il-proġetti u inizjattivi.

**Affarijiet tal-Unjoni Ewropea**

Matul l-2016 u l-2017, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi abbozza jew ikkordina l-abbozzar ta' pożizzjonijiet tal-Ministeru, kif ukoll noti ta' interventi għal-laqgħat tal-Unjoni Ewropea. Fejn kien meħtieġ, id-Direttorat ukoll ipprepara memoranda ta' spjegazzjoni li jiddeskrivu l-pożizzjoni tal-Gvern dwar proposti u komunikazzjonijiet ġodda maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea u li għalihom l-Ministeru kien maħtur bħala l-Ministeru responsabbli għal l-implimentazzjoni tagħhom. Mhux biss, id-Direttorat ukoll kkontribwixxa għall-abbozzar ta' diversi memoranda ta' spjegazzjoni mħejjija minn Ministeri oħra u li għalihom il-Ministeru kien nominat bħala Ministeru parteċipanti.

Barra minn hekk, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni ta-Programmi mmonitorja l-iżviluppi u pprovda l-fehmiet tiegħu rigward l-kontribut ta' Malta lejn id-diskussjonijiet tas-Semestru Ewropew. Id-Direttorat ikkordina wkoll ir-rispons tal-Ministeru fir-rigward tal-formulazzjoni tal-pożizzjoni ta' Malta għat-tmien laqgħat tal-Kunsill EPSCO, kif ukoll t-tmien laqgħat tal-Kunsill Ewropew. li saru tul l-2016 u l-2017.

Fl-2016, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi kkordina ir-rispons tal-Ministeru fir-rigward ta' avviżi ta' ksur tal-infrazzjonijiet li ġejjin:

(a) *Ksur Nru 2009/2161 dwar il-kalkolu tad-drittijiet għall-pensjoni f'Malta, speċifikament fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 46b tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u l-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 fir-rigward ta' persuni li jirċievu pensjoni Maltija statutorja tas-sigurtà soċjali u pensjoni tas-servizz ċivili minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea.* Il-ksur joriġina minn ilmenti magħmula minn ċittadini Maltin, li qabel ħadmu taħt skemi għal ħaddiema taċ-ċivil tar-Renju Unit, fis-sens li l-ammont tal-pensjonijiet tar-Renju Unit li huma jirċievu huma mnaqqsa mill-pensjonijiet tal-irtirar li jieħdu f'Malta. Malta issostni li qed tagħmel applikazzjoni korretta tar-Artikoli msemmija hawn fuq fir-rigward tal-pensjonijiet kollha mħallsa minn kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u li jaqgħu fl-ambitu tar-Regolamenti li qed jiġu ċitati. Għalhekk, fil-fehma ta' Malta, m'hemm l-ebda ksur tad-dritt Komunitarju. Il-każ instema' mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu fis-16 ta' Lulju, 2015 u d-deċiżjoni tal-Qorti ngħatat fil-bidu ta' Marzu 2016 fejn fiha l-Gvern Malti ngħata raġun li qed jagħmel interpretazzjoni korretta tal-Artikoli in kwestjoni;

(b) *Kjarifiki ulterjuri mill-Kummissjoni Ewropea dwar Memorandum ta' Pre-ksur (EU Pilot) rigward it-traspożizzjoni minn Malta tad-Direttiva 2006/54/KE dwar il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid).* Wara skambju ta' korrispondenza mal-Kummissjoni Ewropea dwar l-interpretazzjoni peress li l-pensjonijiet imħallsa mill-Dipartiment tat-Teżor mhumiex ikkunsidrati bħala skemi tal-pensjonijiet okkupazzjonali tas-sigurtà soċjali, Malta impenjat ruħa biex temenda l-Avviż Legali tal-2005 dwar Regolamenti fuq it-Trattament Ugwali fi Skemi Okkupazzjonali tas-Sigurtà Soċjali (A.L 317 tal-2005). Il-Kummissjoni Ewropea aċċettat l-abbozz ta' emendi legali proposti minn Malta u infurmat lill-awtoritajiet Maltin biex jipproċedu bil-pubblikazzjoni tal-imsemmi Avviż Legali mill-31 ta' Jannar 2016. Wara n-notifikazzjoni tal-pubblikazzjoni ta' dawn l-emendi legali fil-bidu tas-sena, il-Kummissjoni Ewropea nnotifikat lil Gvern Malti li dan il-każ ingħalaq fil-21 ta' April 2016.

Fl-2016, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi ħa sehem attiv fil-preparazzjonijiet ta' tħejjija li saru għal meta Malta tieħu f'idejha l-Presidenza ta-Kunsill tal-Unjoni Ewropea minn Jannar 2017. Din il-ħidma kienet tinkludi fost oħrajn:

- il-kontribut tal-Ministeru lejn il-preparazzjoni tal-Programm ta' Malta għal Presidenza;
- in-nomina ta' uffiċċjali tal-Ministeru biex iservu fuq gruppi ta' ħidma tal-Kunsill tul il-perjodu tal-Presidenza;

- il-laqgħat li kellhom isiru f'Malta matul il-Presidenza u li l-Ministeru kellu jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tagħhom.

Kif wieħed jistenna, din il-ħidma laħqet l-apiċi tagħha matul l-ewwel sitt shur tal-2017, fejn id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi kellu rwol primarju fl-organizzazzjoni ta' sitt laqgħat f'Malta relatati mal-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, liema laqgħat kienu jolqtu materji jew formazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru. Dawn il-laqgħat kienu kemm f'livell politiku kif ukoll f'dak tekniku, u seħħew fi Frar, April (tnejn), Mejju (tnejn) u Ġunju 2017 rispettivament. Tul il-Presidenza Maltija, rappreżentat tal-Ministeru ppresjeda ukoll il-laqgħat ta' wieħed mill-Gruppi ta' Ħidma fil-Kunsill, speċifikament, il-Grupp Orizzontali dwar id-Drogi (HDG) u li jagħmel parti mill-Kunsill tal-Ġustizzja u Affarijiet Interni (JHA), filwaqt li kien preżenti b'mod regolari bl-esperti tiegħu għal numru ta' laqgħat ta' Gruppi ta' Ħidma oħra.

Matul l-2016 u l-2017, id-Direttur (Żvilupp tal-Politika u l-Programm ta' Implimentazzjoni) ha sehem f'laqgħat li saru fi Brussell relatati max-xogħol tal-Presidenza Maltija kif ukoll laqgħat oħra tal-Unjoni Ewropea li kienu jolqtu b'mod partikulari lill-Ministeru. Minbarra hekk, uffiċċjali mid-Direttorat, fil-kapaċità tagħhom ta' membri jew membri supplenti nominati minn Malta, attendew regolarment laqgħat fl-Unjoni Ewropea tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, il-Programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), u l-Grupp/Kumitat tal-Esperti tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD).

Matul dawn is-sentejn, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi kkordina wkoll il-parteċipazzjoni ta' delegazzjonijiet Ministerjali f'diversi laqgħat u konferenzi konnessi ma ħidma tal-Unjoni Ewropea, u li saru kemm f'Brussell kif ukoll bliet oħra fl-Ewropa.

**Affarijiet Internazzjonali**
Fl-2016 u l-2017, id-Direttorat ikkordina ukoll ir-rispons tal-Ministeru għat-talbiet għal informazzjoni mibgħuta mill-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet Barranin dwar Konvenzjonijiet u Protokolli tan-Nazzjonijiet Uniti, kif ukoll istituzzjonijiet internazzjonali oħra li tagħhom Malta hija Stat Membru, bħall-*Commonwealth* u l-Kunsill tal-Ewropa, u li għandhom x'jaqsmu ma' kwistjonijiet soċjali, bħad-dispożizzjonijiet tas-sigurtà soċjali, servizzi tal-ħarsien soċjali, diżabbiltà, id-drittijiet tat-tfal, kwistjonijiet tal-familja, it-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali. Bl-istess mod, kull meta ntalab jagħmel dan, id-Direttorat ipprovda r-rispons tiegħu lill-Ministeru responsabbli għall-Affarijiet Barranin dwar avvenimenti li għalihom jattendu rappreżentanti ta' dan Ministeru.

Barra minn hekk, fl-2016, id-Direttorat ipprovda l-appoġġ tiegħu favur diskussjonjiet bilaterali bejn il-Ministeru u l-Ministeri responsabbli għall-affarijiet soċjali fir-Rumanija, l-Olanda u t-Turkija rispettivament, bil-ħsieb li dawn iwasslu għal ftehim ta' koperazzjoni bejn il-pajjiżi involuti. Il-konklużjoni ta' diskussjonijiet bilaterali li saru mat-Turkija wasslu biex jintlaħaq ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u l-Ministeru għall-Familja u Politika Soċjali tat-Turkija. Dan il-ftehim, li kien jikkonsisti f'Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni, ġie ffirmat f'Malta fi Frar 2017. Min-naħa l-oħra, id-diskussjonijiet mar-Rumanija u l-Olanda għadhom s'issa ma tawx l-istess eżitu għalkemm fir-rigward rar-Rumanija, jeżisti qbil bejn iż-żewġ pajjiżi fuq it-test tal-ftehim.

Ħidma oħra ferm importanti li wettaq id-Direttorat matul it-tieni parti tal-2017 kienet il-preparazzjoni tar-rapport perjodiku ta' ħidma ta' Malta dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Dan ir-rapport, li kien jirrikjedi konsultazzjonijiet estensivi, intbagħat lill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal f'Ġinevra, l-Iżvizzera, f'Novembru 2017.

**Żvilupp tal-Politika**
Matul l-2016 u l-2017, it-taqsima tal-iżvilupp tal-politika fi ħdan id-Direttorat ikkordinat ir-rispons tal-Ministeru lejn il-monitoraġġ ta' miżuri inklużi fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali ta' Malta fir-rigward tal-mira nazzjonali għall-Inklużjoni Soċjali u t-Tnaqqis tal-Faqar kif ukoll aġġornamenti ta' rappurtaġġ fuq rakkomandazzjoni speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) li fil-każ tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, kien fuq il-pensjonijiet.

Xogħol ieħor importanti mwettaq minn din it-taqsima matul dawn is-sentejn kien l-aġġornament tar-*Regulatory Database* fejn jidħlu regolamenti, direttivi u deċiżjonijiet tal-Unjoni Ewropea u li jippartjenu lill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, l-akkreditazzjoni ta' uffiċċjali tal-Ministeru għal laqgħat tal-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, u l-preparazzjoni tal-*iStandards Operating Procedures* tad-Direttorat.

**Implimentazzjoni tal-Programmi**
Matul l-2016, l-Unità tal-Implimentazzjoni tal-Programmi fi ħdan id-Direttorat kompliet il-ħidma tagħha fejn għandhom x'jaqsmu s-sottomissjoni ta' applikazzjonjiet għal proġetti min-naħa tal-Ministeru għal kofinanzjament mill-Unjoni Ewropea taħt il-programm tal-Politika ta' Koeżjoni għal perijodu 2014-2020. Din il-ħidma kienet tikkonsisti f'tixrid ta' informazzjoni relatata kif ukoll sapport u għajnuna teknika meħtieġa lid-dipartimenti u entitajiet konċernati fit-tfassil tal-applikazzjonjiet tagħhom. Fejn kien hemm bżonn, saru wkoll laqgħat interni biex il-proċess jiġi faċilitat u jinstabu soluzzjonjiet għal xi problemi amministrattivi, partikolarment f'dawk li huma riżorsi neċessarji. Din il-ħidma wasslet biex fl-2017, wara li saret magħrufa l-għażla tal-proġetti sottomessi mil-Kumitat mwaqqaf mill-Awtorità Maniġerjali biex jagħmel dan, bdiet ukoll il-ħidma min-naħa tad-Direttorat favur l-implimentazzjoni tas-sitt proġetti tal-Ministeru (erba' ERDF u tnejn ESF) li qed jibbenefikaw minn tali kofinanzjament tal-Unjoni Ewropea.

Għan ieħor ewlieni li l-Unità tal-Implimentazzjoni tal-Programmi ħadmet għalih b'mod intensiv fl-2016 u l-2017 kien dak dwar l-implimentazzjoni tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD), strument ta' finanzjament tal-Unjoni Ewropea stabbilit għall-perjodu 2014-2020, bl-għan li b'mod esklussiv tagħti appoġġ lil persuni l-aktar fil-bżonn permezz ta' assistenza materjali. Fil-fatt, il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali hija l-entità intermedjarja fdata bil-kompitu li timplimenta dan il-programm f'Malta. Permezz tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS), l-organizzazzjoni msieħba biex tieħu ħsieb it-tqassim tal-kaxxi tal-ikel madwar Malta u Għawdex lil dawk il-familji eliġibbli li jibbenfikaw minn dan il-programm, skont ukoll il-kriterji stabbiliti fil-Programm Operattiv ta-FEAD kif maqbul bejn Malta u l-Unjoni Ewropea, ingħata bidu għat-tqassim tal-ikel f'Jannar 2016. Tqassim matul l-2016 sar ukoll f'April, Lulju u Ottubru/Novembru rispettivament, fejn ibbenefikaw medjament madwar 4,000 familja. It-tqassim tal-kaxxi tal-ikel lil dawk il-familji eliġibbli li jibbenefikaw minn dan il-programm, ssokta fl-2017 u sar fi Frar/Marzu, Ġunju/Lulju u Ottubru/Novembru rispettivament, fejn in-numru ta' familji li bbenefikaw laħaq medjament madwar 3,100 familja u li jikkomprendu kważi 11,100 persuna.

**Affarijiet Oħra**
Fl-2016 u l-2017, id-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi reġa' ngħata l-kompitu mil-Segretarju Permanenti li jissorvelja l-progress li jkun qed isir fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-baġit li jippartjenu lill-Ministeru. Dan seta jsir permezz tal-kumpilazzjoni ta' aġġornamenti kull xahar ippreparati wara konsultazzjoni mwettqa mad-dipartimenti u l-entitajiet responsabbli għal tali miżuri u wara li tabella ta' previżjoni bil-miżuri tal-baġit tal-Ministeru. li turi wkoll il-miri u r-riżultati mistennija, ġiet ippreparata u sottomessa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

## INFORMATION MANAGEMENT UNIT

Riżorsa fundamentali fi ħdan il-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali (MFCS) hija l-użu tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u Komunikazzjoni – (ICT). L-attenzjoni primarja hija fit-titjib tal-mod ta' kif il-Ministeru juża t-teknoloġija bħala bażi soda u effettiva sabiex jilħaq l-objettivi tiegħu. Il-mod tajjeb ta' kif wieħed iħaddem l-ICT u jinvesti b'mod xieraq f'dan il-qasam jipprovdi l-MFCS bl-opportunità li jittrasforma l-mod ta' kif isir in-negozju. Waqt li wieħed iżomm dan f'rasu, l-għan primarju tal-*Information Management Unit* (IMU) huwa li jagħti direzzjoni strateġika u jamministraha sabiex tiġi aċċertata li d-data tiġi trasformata f'informazzjoni bħala riżorsa strateġika.

**Simplifikazzjoni tal-Burokrazija**

Flimkien mad-Direttorat tas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija kompla l-programm ta' ħidma (Pjan ta' Simplifikazzjoni tal-Burokrazija) dwar simplifikazzjoni tal-burokrazija fil-Ministeru. Dan sar sabiex jisfrutta l-potenzjal tal-ICT biex jissimplifika proċeduri u prattiċi ta' xogħol u sabiex imexxi b'mod strateġiku u ħolistiku, inizjattivi ta' bidla fid-dipartimenti u entitajiet fl-istess Ministeru, b'attenzjoni partikolari fuq simplifikazzjoni ta' proċeduri varji kif ukoll permezz tal-użu tal-ICT.

**Servizzi online**

Id-direzzjoni tal-Ministeru hija li jkompli jtejjeb il-firxa tas-servizzi online għall-pubbliku. L-IMU b'kollaborazzjoni mal-MITA nieda programm ta' ħidma biex jespandi fuq is-servizzi eżistenti kif ukoll inizjattiva ta' simplifikazzjoni tal-burokrazija, fejn il-benefiċjarji ma jkollhomx bżonn japplikaw għall-intitolament tal-benefiċċju tagħhom.

Barra minn hekk, l-impenn tagħna huwa dak li nipprovdu informazzjoni lill-pubbliku. Permezz tas-siti elettroniċi tal-Ministeru, huwa żgurat li l-pubbliku jiġi provdut b'informazzjoni li hija miżmuma tajjeb, aġġornata u ta' standard għoli fi kwalunkwe ħin. Bħala kompitu li għadu għaddej, l-IMU qed ifittex li jidentifika, jtejjeb u jestendi komponenti ta' siti eżistenti, jew ifittex oqsma tan-negozju speċifiċi sabiex joffri servizzi ġodda permezz tas-sit elettroniku.

**Sappport Tekniku u Amminisrattiv**

L-*Information Management Unit* (IMU) joffri l-ewwel linja ta' sapport għal servizzi tal-ICT lill-ħaddiema kollha fi ħdan il-portafoll tal-Ministeru. L-iskop hu li jipprovdi *helpdesk* tal-ICT sabiex jilqa' u jidentifika mistoqsijiet u talbiet mibgħuta mid-dipartimenti.

Barra minn hekk, ix-xiri tat-tagħmir tal-ICT għad-dipartimenti jiġi effetwat ċentralment mill-IMU. Dan il-mekkaniżmu jiżgura aktar kontroll fuq in-nefqa tal-ICT filwaqt li jippermetti li l-IMU jiżgura li l-bejjiegħa jfornu servizzi u prodotti skont l-ispeċifikazzjonijiet, kuntratti ta' servizz, u/jew obligazzjonijiet kuntrattwali.

L-IMU huwa involut ukoll fl-immaniġġjar tal-fornituri u l-kordinazzjoni ta' tiswijiet fuq apparat elettroniku li jitwettaq mill-fornituri partijiet terzi. L-IMU jipprepara l-apparat għall-ġbir mill-fornitur, iżomm kont tiegħu u jiżgura li l-apparat huwa msewwi kif suppost u rritornat lill-utent/i.

Barra minn hekk, sabiex jirrispondi għad-dipendenza dejjem akbar fuq l-ICT, wieħed għandu jipprovdi u jmantni servizz ta' operazzjoni reżiljenti u affidabbli b'sapport tal-objettivi tal-organizzazzjoni. Il-prijorità ewlenija hija għalhekk li jiġi żgurat li l-investiment tal-MFSS fuq soluzzjonijiet tal-ICT huwa protett b'mod xieraq. Dan isir permezz ta' oqsfa kuntrattwali li bħalissa huma għaddejin. Dan jiggarantixxi illi l-provvista tas-servizz miftiehem u tas-sapport jiġu provduti b'mod sigur, effiċjenti u bl-inqas spejjeż.

Arranġamenti kuntrattwali jkopru l-ispettru sħih tas-servizzi tal-ICT inklużi l-immaniġġjar tan-netwerk, is-sapport tad-desktop kif ukoll sapport u żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni. Meta wieħed

jieħu kemm jista' mill-fornituri tas-servizz magħżula u mill-użu effettiv tat-teknoloġija, allura l-effiċjenza tiżdied u l-ispejjeż jonqsu, u b'hekk jinħolqu soluzzjonijiet li jipprovdu l-aqwa valur għall-flus għal żmien fit-tul. Il-formolazzjoni ta' numru ta' kuntratti ta' manteniment u sapport relatati ma *hardware* u/jew sistemi ta' informazzjoni li huma implementati fi ħdan il-Ministeru jew id-Dipartimenti tiegħu jaqgħu wkoll fil-kompetenza tal-IMU.

**Governanza dwar l-ICT**

Il-Governanza dwar l-ICT hija funzjoni kontinwa integrata fl-operazzjonijiet kollha tal-Ministeru. Fl-eżekuzzjoni tal-Governanza dwar l-ICT, l-IMU jipprovdi tmexxija u kontroll permezz tar-regolamenti u proċeduri neċessarji. Fost dawn ir-regolamenti, wieħed isib it-tnehid ta' Qafas tal-Governanza dwar l-ICT għall-adozzjoni u l-użu tat-teknoloġija tal-informazzjoni madwar l-MFCS, li tikkonsisti f'numru ta' Regolamenti tal-Gvern dwar l-ICT. L-IMU, permezz tal-Governanza dwar l-ICT qed ifittex li jipprovdi lid-dipartimenti fi ħdan l-MFSS b'direzzjoni sabiex dawn jimplimentaw il-governanza dwar l-ICT fl-isferi ta' kontabbiltà u responsabbiltà tagħhom.

## DIPARTIMENT GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITÀ

Matul is-sentejn 2016 u 2017 id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità kompla jevolvi u jimmodernizza s-sistemi sabiex ikun f'pożizzjoni li jindirizza l-isfidi relatati mat-tibdil demografiku u t-tibdil soċjali. Dan filwaqt li jippromwovi anzjanità attiva u l-kwalità mtejba tal-ħajja għall-persuni anzjani.

L-istatistika turi biċ-ċar li l-poplu Malti qed jgħix iktar, b'dan is-suċċess jissarraf ukoll f'żieda fl-ammont ta' persuni li jeħtieġu forom differenti ta' appoġġ, kura u servizzi. Fl-istess waqt din is-sitwazzjoni tirrappreżenta opportunità li d-dipartiment jesplora mudelli u servizzi innovattivi li bihom nipprovdu kura u beneficcji lil dawk li verament għandhom bżonn. Servizzi stabbiliti u tradizzjonali ġew imġedda u msaħħa, kif ukoll oħrajn ġodda ġew miżjuda biex b'hekk saret qabża fl-għażla u kwalità tas-servizz offrut lill-anzjan u lil dawk ta' madwaru. Dan kollu kien possibbli bil-ħila, dedikazzjoni u impenn tal-impjegati tad-direttorat u ta' għadd ta' persuni oħra li għandhom dan is-settur għal qalbhom.

Diversi inizjattivi ntlaħqu matul l-2016 u 2017, li jinkludu:-

**2016**

- Ingħata bidu l-proġett pilota *Carer at Home* kif imħabbar fir-riskors tal-baġit 2015;
- Ġie rduppjat in-numru ta' benefiċċjarji għas-servizz ta' *Meals on Wheels* permezz ta' tender ġdid;
- Żieda ta' *Night Shelters* – Malta u Għawdex;
- Żieda fis-sodod għal servizz ta' *Respite,* fejn l-*occupancy* qabżet il-*85%* f'xhur meqjusa *off peak;*
- Żieda fin-numru ta' sodod residenzjali fi djar fil-komunità għal 1970 sodda sa' Diċembru;
- Integrazzjoni ta' *assessmemt* u *review* għal numru ta' servizzi tal-komunità li qed isir mill-professjonisti tal-*CommCare;*
- Tkabbir tal-progamm ta' *Physical Active Ageing* f'Għawdex;
- Programmi u attivitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja f'diversi Ċentri għall-Anzjanità Attiva, ikkordinati mill-*Active Ageing Unit;*
- Tlestew l-assessments għal kull min kellu applikazzjoni għal dħul f'dar tal-anzjani sal-aħħar tas-sena;
- Ingħatat spinta sabiex jonqos l-abbuż mis-servizzi filqawt li r-riżorsi jkunu allokati għal min verament jeħtieġ;
- Għaddej xogħol sabiex is-servizzi fil-komunità jiġu integrati taħt kappa waħda sabiex isir iktar faċli għall-anzjani u l-familji tagħhom sabiex jaċċessaw dawn is-servizzi, filwaqt li min jibbenifika mis-servizzi jkun qed jingħata attenzjoni ħolistika;
- Servizz ta' Allied Health (Physiotherpay, Podology, Occupational).

**2017**
- Żieda fl-ispiża, karigi ġodda, operat ġdid, pjanar għal riforma sħiħa fil-mod kif jinagħtaw servizzi fit-tul;
- Żieda fin-numru ta' sodod residenzjali fi djar fil-komunità għal 2,187 sodda sa' Diċembru;
- Ġie introdott servizz ġdid ta' *Geriatrician* fil-Komunità;
- Ġie introdott servizz ieħor ġdid ta' *Respite* fid-Dar;
- Migrazzjoni tad-Dipartiment;
- Bdiet taħdem il-Homes Matrix Tool.

Fl-2016 ġie aġġornat l-isem tad-Direttorat minn *Anzjani u Kura fil-Komunità* għal *Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità*. Fl-2017 id-Direttorat sar Dipartiment b'hekk l-isem ġie *Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità*. Pemezz ta' din il-bidla l-isem tad-dipartiment isegwi l-politika tal-gvern għal dan is-settur filwaqt li jirrifletti l-mentalità moderna mħaddna mill-amministrazzjoni u l-impjegati fl-għoti ta' servizz.

**Amministrazzjoni: Finanzi**
L-ispiża għas-servizzi mogħtija mid-dipartiment qabżet il-€52m matul is-sena 2016 u is-€60m matul is-sena 2017.

Matul dawn is-sentejn saru diversi talbiet lill-Ministeru tal-Finanzi għal-flus addizzjonali minħabba li l-ammonti allokati ma servewx f'diversi *items*. Fost dawn kien hemm żieda f'*Item 30 – Contractual Services* biex jitħallsu pagamenti tal-kuntratturi li joffri servizzi varji lid-dipartiment u San Vinċenz, fosthom l-ikel u ħasil. Intalbu wkoll fondi iktar għal pagamenti lid-djar tal-anzjani privati li għandhom kuntratt mad-direttorat għal servizzi residenzjali. Żvilupp matul 2017, fejn l-allokazzjoni ta' fondi meħtieġa ngħatat iktar kmieni, bir-riżultat li l-pagamenti saru kif mistenni.

Kien hemm żieda wkoll fejn għandhom x'jaqsmu salarji, *allowances* u *overtime.* Matul l-2016, il-gvern nieda skema bl-isem ta' *Carer at Home,* bil-ħlasijiet tal-benefiċjarji beda jsir minn din is-sezzjoni wkoll. In-numru ta' benefiċjarji għal din l-iskema kien ta' 164 f'Diċembru 2017.

**Rapport dwar Finanzi 2016 - 2017** *(Vot 37, li jinkludi SVP)*

| | **Attwali** | | **Baġit Rivedut** | | **Fondi Extra** | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2016** | **2017** | **2016** | **2017** | **2016** | **2017** |
| | **€** | **€** | **€** | **€** | **€** | **€** |
| **Personal Emoluments** | 41,506,000 | 44,021,000 | 42,904,000 | 46,331,000 | 1,398,000 | 2,310,000 |
| | | | | | | |
| **Operational & Maintenance** | 17,834,000 | 23,033,000 | 22,937,000 | 31,325,052 | 5,103,000 | 8,292,052 |
| | | | | | | |
| **Programmes & Initiatives** | 28,685,000 | 30,785,000 | 26,695,000 | 38,235,975 | 1,990,000 | 7,450,975 |
| | | | | | | |
| **TOTAL** | **88,025,000** | **97,839,000** | **92,536,000** | **115,892,027** | **4,511,000** | **18,053,027** |

**Sezzjoni Xiri**
It-Taqsima tax-Xiri (Procurement) mexxiet attivitajiet ta' xiri fid-Dipartiment għall-Anzjanità u Kura fil-Komunità permezz ta' sistemi u proċeduri li jassiguraw il-provvista fil-ħin u effettiva ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi. Dawn l-attivitajiet ta' xiri u mmaniġjar ta' faċilitajiet jiġu mwettqa skont ir-regolamenti finanzjarji ta' xiri u akkwist pubbliku ekoloġiku;

Wara li twaqqfet matul l-2015, f'Ottubru 2016 din is-sezzjoni ssaħħet bl-impjieg ta' *Senior Procurement Officer.*

Xogħol imwettaq minn din it-taqsima jinkludi:-

- Parteċipazzjoni f'laqgħat organizzati mid-dipartiment fuq bażi regolari fejn jingħata rendikont tal-attivatijiet tax-xiri li jkunu qed isiru jew li huma pjanati għall-futur.
- Tmexxija u kordinament ta' bordijiet tal-evalwazzjoni, irwol ta' Segretarju tal-Kumitat tal-Kuntratti Dipartimentali, kif ukoll kitba tar-rapporti ta' evalwazzjoni.
- Talbiet għal awtorizzazzjoni permessi mill-Uffiċċju tad-*Direct Orders* kif ukoll mid-Dipartiment tal-Kuntratti.
- Rapporti u *procurement returns* li nirċievu mingħand mill-MFSS/MFCS rigward sejħiet għall-kwotazzjonijiet u sejħiet għall-offerti li jkunu saru.
- Rapport fil-ġimgħa mitlub mill-MFSS rigward is-sejħiet għall-offerti li jkunu se jiġu ppubblikati dik il-ġimgħa.

Il-*Manager* attendiet għal konferenza organizzata mid-Dipartiment tal-Kuntratti rigward l-introduzzjoni tar-regoli l-ġodda tax-xiri, filwaqt li f'Settembru attendiet kors bl-għan li d-dipartiment ikun aġġornat rigward r-regoli l-ġodda tax-xiri.

**Rendikont ta' attivitajiet li saru matul is-sena 2016**

| **Proċeduri ta' Xiri** | **Stadju & Nru. ta' *files*** | | **Valur mingħajr VAT miżjud €** | **Total mingħajr VAT miżjud €** |
|---|---|---|---|---|
| Sejħiet għall-kwotazzjonijiet | Ippubblikati | 45 | | 244,814,96 |
| | Fi stadju tal-evalwazzjoni sal-aħħar ta' 2016 | 20 | 135,721.00 | |
| | Mogħtija | 15 | 59,877.48 | |
| | Kanċellati | 10 | 49,216.48 | |
| Sejħiet għall-kwotazzjonijiet bl-ittri | | 11 | 24,827 | 24,827 |
| Sejħiet għall-offerti | Ippubblikati | 17 | | 884,059.40 |
| | Fi stadju ta' evalwazzjoni sal-aħħar ta' 2016 | 10 | 447,498.40 | |
| | Mogħtija | 5 | 408,415.00 | |
| | Kanċellati | 2 | 28,146.00 | |
| Sejħiet għall-offerti maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti | Ippubblikati | 1 | 375,000 | 375,000 |
| | Fi stadju ta' evalwazzjoni sal-aħħar ta' 2016 | 1 | | |
| Espressjoni ta' Interess | Fi stadju li jiġi ffirmat il-kuntratt | 1 | - | - |
| *Direct Orders mingħajr sejħa* | - | 5 | 132,361,40 | 132,361,40 |
| *Direct Orders wara sejħa għall-kwotazzjonijiet* | - | 1 | 6,299,00 | 6,299,00 |
| *Negotiated Procedure* bin-notifika | | 2 | 905,568,62 | 905,568,62 |
| *Negotiated Procedure* mingħajr notifika mid-Dipartiment tal-Kuntratti | - | 10 | 93,738,613.56 | 93,738,613.56 |
| Talba għal-*LPOs/Letter of* | - | 217 | 172,103.33 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Acceptance* | | | | 172,103.33 |
| Evalwazzjonijiet | Laqgħat | 65 | - | - |
| | Kitba ta’ rapporti | 8 | | |
| Iċċekjar ta’ kwotazzjonijiet miġjuba miċ-Ċentri ta’ Matul il-Jum | - | 146 | | |
| *Service Agreements* | - | 8 | 88,061,467.97 | 88,061,467.97 |
| Kitba ta’ Kuntratti | - | 22 | - | - |
| *Addendums ta’ Kuntratti* | - | 1 | - | - |

**Rendikont ta’ attivitajiet li saru matul is-sena 2017**

| **Proċeduri ta’ Xiri** | **Stadju & Nru. ta’ *files*** | | **Valur mingħajr VAT miżjud €** | **Total mingħajr VAT miżjud €** |
|---|---|---|---|---|
| Sejħiet għall-kwotazzjonijiet | Ippubblikati | 24 | | 273,390.13 |
| | Fi stadju tal-evalwazzjoni sal-aħħar ta’ 2017 | 5 | 49,250.00 | |
| | Fi stadju ta’ pubblikazzjoni sal-aħħar ta’ 2017 | 1 | 7,118.64 | |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2017 u ġew mogħtija fl-2017 | 11 | 88,745.06 | |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2016 u ġew mogħtija fl-2017 | 11 | 61,157.79 | |
| | Kanċellati | 7 | 67,118.64 | |
| Sejħiet għall-kwotazzjonijiet bl-ittri | Ippubblikati | 101 | | 195,366.69 |
| | Fi stadju tal-evalwazzjoni sal-aħħar ta’ 2017 | - | | |
| | Fi stadju ta’ pubblikazzjoni sal-aħħar ta’ 2017 | - | | |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2017 u ġew mogħtija fl-2017 | 77 | 108,641.94 | |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2016 u ġew mogħtija fl-2017 | 1 | 774.75 | |
| | Kanċellati | 23 | 85,950.00 | |
| Sejħiet għall-offerti | Ippubblikati | 10 | | 666,896.17 |
| | Fi stadju tal-evalwazzjoni sal-aħħar ta’ 2017 | 1 | 119,500.00 | |
| | Fi stadju ta’ pubblikazzjoni sal-aħħar ta’ 2017 | 1 | 134,988.92 | |
| | Fi stadju ta’ | 1 | 18,000.00 | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | perjodu ta' oġġezzjoni | | | |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2017 u ġew mogħtija fl-2017 | 4 | 114,028.64 | |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2016 u ġew mogħtija fl-2017 | 6 | 262,378.61 | |
| | Kanċellati | 1 | 18,000.00 | |
| Sejħiet għall-offerti maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti | Ippubblikati | 1 | | |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2017 u ġew mogħtija fl-2017 | 1 | 201,380.40 | 201,380.40 |
| | Sejħiet li ħarġu fl-2016 u ġew mogħtija fl-2017 | 1 | 281,025.00 | 281,025.00 |
| *Direct Orders mingħajr sejħa* | - | 12 | 531,426.85 | 531,426.85 |
| *Direct Orders wara sejħa għall-kwotazzjonijiet* | Kwotazzjoni mitluba | 9 | | |
| | Mogħtija | 7 | 175,550.74 | |
| | Kanċellati | 2 | 18,718.00 | 194,268.74 |
| Negotiated Pocedure bin-notifika | | 2 | 905,568.62 | 905,568.62 |
| *Negotiated Procedure* mingħajr notifika mid-Dipartiment tal-Kuntratti | - | 5 | 20,940,934.94 | 20,940,934.94 |
| *Competitive Procedure* bin-negozjar | | 2 | 783,308.00 | 783,308.00 |
| Talba għal-*LPOs/Letter of Acceptance* | - | 453 | 372,299.37 | 372,299.37 |
| Evalwazzjonijiet | Laqgħat | 56 | | |
| | Kitba ta' rapporti | 62 | - | - |
| *Service Agreements* | - | 4 | 99,714.50 | 99,714.50 |
| Kitba ta' Kuntratti | - | 63 | - | - |
| *Addendums* ta' Kuntratti | - | 2 | - | - |

**Sezzjoni tar-Riżorsi Umani**

Matul is-sena 2016 fis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, inbeda x-xogħol biex isir titjib fil-proċeduri ta' proċessi għal aktar effiċjenza. Ingħata bidu għall-Manwal ta' *Standard Operating Procedures,* kif ukoll aġġornament u tiġdid ta' formoli li jintużaw. Inbdew ukoll it-taħditiet biex tiġi introdotta sistema komputerizzata biex jinżammu rekords ta' data fuq il-ħaddiema.

Fost sejħiet li ħarġu matul is-sena 2016, id-Dipartiment ħareġ żewġ sejħiet għal Assistenti Diretturi. Sar ukoll xogħol biex ġew trasferiti numru ta' persuni għal mad-Dipartiment fi gradi differenti biex jissaħħaħ l-operat. Sal-aħħar ta' din is-sena, ġie konkluż ukoll eżerċizzju biex madwar 170 impjegat li minkejja li qegħdin fuq il-kotba tad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qed jagħtu servizz f'entitajiet u Ministeri oħrajn jiġu regolarizzati u jimxu mal-entitajiet rispettivi tagħhom.

Matul is-sena 2017, is-sezzjoni kienet immexxija mingħajr l-*HR Manager*. Din ħolqot pressjoni ta' fuq is-sezzjoni imma x-xogħol importanti dejjem ingħata prijorità u tlesta fil-ħin stipulat. 78 impjegati li kienu fuq il-kotba tagħna imma kienu qegħdin jagħtu servizz f'entitajiet oħra l-iktar RHKGH kienu uffiċjalment trasferiti matul April 2017. Matul is-sena ġew proċessati sejħiet għall-Assistent Direttur (Servizzi fil-Komunità), *Senior Nursing Manager, Charge Nurses, Chief Nursing Manager, HR Manager* u *Allied Health Professionals, Estate & Project Manager.*

Matul is-sena 2016 minkejja sfida kbira li ffaċċja d-Dipartiment fis-sezzjoni tas-Salarji, meta din is-sezzjoni kellha titmexxa minn persuna waħda minħabba ċirkostanzi mhux fil-kontroll tad-Direttorat, is-salarji, *allowances, premiums, eċċ* inħadmu kollha u ħarġu fil-ħin. Dan seta' jsir bil-kollaborazzjoni, sapport u sforz kollettiv tal-membri kollha ta' dan id-Direttorat.
Matul dawn is-sentejn is-sezzjoni pprovdiet informazzjoni għal diversi mistoqsijiet parlamentari u rapporti oħrajn fuq bażi ta' kull xahar jew kif meħtieġ. Ipproċessa appuntamenti, promozzjonijiet, talbiet għall-transferimenti, proċeduri dixxiplinarji, diversi applikazzjonijiet għall-*leave* speċjali u applikazzjonijiet għall-miżuri favur il-familja fost oħrajn. Fl-aħħar tal-2016, id-dipartiment kellu total ta' 695 ħaddiem. Fl-aħħar tal-2017, id-dipartiment kellu total ta' 599. Dawn il-ħaddiema tħallsu skont ma jistipulaw il-ftehim kollettivi rispettivi tagħhom fejn jidħlu salarji, *premiums, allowance,* eċċ.

Fl-2017 sar awditjar mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditur Ġenerali, kif ukoll membri mis-sezzjoni tar-riżorsi umani kienu membri fuq bordijiet ta' evalwazzjoni. Każijiet minuri u serji ta' dixxiplina ma kienx hemm iżda ngħataw seba' ittri bħala twissija. Kien hemm 24 talba għall-trasferiment, 16 ġew trasferiti fid-dipartiment filwaqt li 96 (li jinkludu dawk imsemmija iktar il-fuq) ġew trasferiti barra mid-dipartiment u ħamsa oħra kienu *transfers* interni.

Fl-2017, ġew proċessati 166 applikazzjoni għall-bilanċ bejn xogħol u l-familja li kienu maqsuma sitta *Leave* ta' Maternità, tlieta *Parental Leave,* 101 applikazzjoni għall-sigħat imnaqqsa, 49 *Telework,* waħda kull wieħed għall-*Responsibility Leave, Voluntary Leave* u *Career Break* u erbgħa *Paternal Leave.* Is-sezzjoni rċiviet u pproċessat 293 applikazzjoni għall-*Study Leave* u 11-il applikazzjoni għal *Sports Leave.* Ġew maħduma 63 appuntament, 39 *confirmation of appointment,* 19-il *progression,* 30 *termination* u 14-il *transfer on appointment.*

**Ħaddiema maqsumin f'kategoriji**

| | **2016** | | **2017** | |
|---|---|---|---|---|
| **Gradi** | **Irġiel** | **Nisa** | **Irġiel** | **Nisa** |
| Gradi tas-Servizz Pubbliku / Messaġġiera | 7 | 32 | 8 | 33 |
| Gradi Tekniċi u Superviżjonali | 9 | 28 | 12 | 27 |
| Dipartimentali | 119 | 248 | 104 | 196 |
| Professjonisti | 3 | 2 | 4 | 2 |
| Industrijali | 17 | 222 | 14 | 195 |
| Temporanji/ *Part-timers* | 0 | 0 | 0 | 0 |
| oħrajn | 3 | 5 | 1 | 3 |
| **Total** | **158** | **537** | **143** | **456** |

Is-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani tixtieq li tkun dejjem iżjed effettiva u tilħaq l-għan li jkun hemm iktar ftehim mad-Djar tal-Anzjani u mas-sezzjonijiet fid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-

Komunità. Irridu li nagħtu servizz aħjar u nissapportjaw lill-*Management* u l-impjegati li jaħdmu magħna billi jinżammu l-prinċipji ta' kunfidenzjalità u fiduċja.

**Saħħa u Sigurtà**

L-uffċċjal tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol beda jaħdem f'dan id-dipartiment mill-aħħar ta' Ottubru 2015. L-għan ewlieni bħala uffiċċjal tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol hu li tiġi promossa kultura pożittiva, kif ukoll sistema maniġerjali sigura (safe system of work); dan sabiex tiġi assigurata s-saħħa tal-impjegat u ta' dawk kollha li jistgħu jiġu effetwati bl-attività tax-xogħol. Ovvjament, dan kollu jissaraf f'benefiċċji – kemm mil-lat uman (inqas inċidenti) kif ukoll mil-lat finanzjarju (reputazzjoni, multi, waqfien mix-xogħol eċċ).

Sommarju tax-xogħol li sar matul is-sena 2016:

- Diskussjoni estensiva mad-Direttur li serviet sabiex jiġu stabbiliti l-miri tad-Dipartiment.
- Evalwazzjoni tar-riskju (*risk assessment*): il-*management* ġie mgħarraf sabiex jinnomina nies kompetenti sabiex flimkien mal-Uffiċċjal tas-Saħħa u s-Sigurtà, jiġu ffurmati timijiet sabiex b'mod parteċipattiv issir evalwazzjoni tar-riskju. B'kollox saru żewġ evalwazzjoniet – *task oriented* u *handling of service user*.
- Taħrig lin-nies (referenza għall-punt ta' qabel) fuq kif issir l-evalwazzjoni tar-riskju kif ukoll fuq l-introduzzjoni fis-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.
- Twaqqaf kumitat *Policy Committee* fejn ġejt nominat mid-Direttur sabiex immexxi dan il-kumitat. Il-kumitat lesta l-politika rigwardanti s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà b'mod ġeneriku (residenti); jonqos biss li jingħaqad il-ġeneriku mal-politika rigwardanti l-post tax-xogħol.
- MCAST: Il-*Management* tal-MCAST reġa' ġie mgħarraf sabiex jissottometti rapport tal-evalwazzjoni tar-riskju lil dan id-Dipartiment qabel jintbagħtu l-istudenti. Personalment attendejt sabiex nispjega l-importanza ta` dan kollu lill-amministrazzjoni tal-MCAST.
- Formoli: Ġew ippreżentati formoli sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni bejn min iħaddem u l-ħaddiem. Dawn il-formoli huma rigwardanti r-rappurtar tal-inċidenti u *near-misses* fuq il-post tax-xogħol u rappurtar tal-perikli fost oħrajn. Attendejt personalment f'kull post tax-xogħol sabiex nispjega lill-*managment u* lill-ħaddiema, kemm l-importanza, kif ukoll l-użu tad-dokumenti inkwistjoni.
- Il-ħaddiema għażlu r-rappreżentanti tagħhom fuq il-post tax-xogħol. B'kollox ġew magħżula 29 rappreżentant.

**Summarju tax-xogħol li sar matul is-sena 2017**

- Diskussjoni estensiva mad-Direttur li servit sabiex jiġu stabbiliti l-miri tad-Dipartiment.
- 29 rapreżentant tal-Ħaddiema ngħataw kemm taħriġ estern mill-OHSA u taħriġ intern mill-Uffiċċjal Inkarigat minn din is-Sezzjoni. It-taħriġ intern serva fost affarijieit oħra sabiex jiġu introdotti *checklists* u proċeduri oħra.
- Evalwazzjoni tar-riskju (risk assessment): Flimkien mar-rapreżentanti tas-saħħa u sigurtà tal-post / settur, saru evalwazzjoniet tar-riskju fid-djar tal-anzjani kollha, kif ukoll beda l-proċess ġewwa *day centres* ukoll.
- Taħriġ lin-nies fuq prevenzjoni u tifi tan-nar. Dan it-taħriġ qed jiġi kkordinat mat-taqsima tal-protezzjoni ċivili.
- Iltaqa' l-kumitat tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol; segretarju tal-kumitat ġie approvat ukoll.
- Ġiet preżentata l-politika (*policy*) rigwardanti s-saħħa u sigurtà lid-Direttur; din il-politika ġiet preżentata mid-Direttur lill-*unions* tal-ħaddiema. Il-*unions* li attendew laqgħu din il-politika u apprezzaw il-proattività u l-impenn kollettiv tad-dipartiment tagħna.

**Servizzi: Servizzi ta’ Kura Residenzjali**

**Skop tas-Servizz**
Id-Departiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (DAAKK) huwa kommess li barra s-servizzi fil-komunità jipprovdi wkoll servizz ta’ faċilitajiet residenzjali u kura fit-tul lil dawk l-anzjani li verament jeħtieġuh.

**Kisbiet 2016**
Matul l-2016 id-direttorat kompla bl-inizjattivi tiegħu biex jintlaħqu l-bżonnijiet ta’ dawk li verament jeħtieġu kura residenzjali. Ingħalqu numru ta’ kuntratti li permezz tagħhom kien hemm żieda fin-numru ta’ sodod u l-kwalità ta’ servizzi mogħtija. Sar xogħol ta’ restawr b’diversi djar fosthom xogħol estensiv ta’ restawr f’żewġ swali fid-dar ta’ l-Imtarfa, xogħol infrastrutturali fid-dar tal-Mosta, filwaqt li nbeda r-restawr fid-dar tal-Floriana. Tlestiet l-ewwel fażi tar-rakomandazzjonijiet dwar *Fire Safety* skont kif irrakomandat permezz ta’ *audit* li sar fl-2015.
Id-dipartiment mexxa studju sabiex ikunu stabbiliti l-livelli ta’ kura meħtieġa f’*nursing home*, li permezz tiegħu ġie kkonfermat li l-livelli ta’ kura qed jilħqu l-bżonnijiet tal-anzjani fir-residenzi. L-istess studju kien essenzjali sabiex tiġi stabbilita l-ispiża reali għal anzjani ta’ dipendenza differenti li jibbenifkaw minn sodod pprovduti mid-direttorat. Sar investiment sostanzjali f’apparat kliniku fid-djar kollha sabiex jogħla l-livell tas-servizz offrut, filwaqt li tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati li jaħdmu f’dawn ir-residenzi.

Għall-ewwel darba ġew installati sistemi ta’ IT fir-residenzi kollha li permezz tagħhom tobba u professjonisti għandhom aċċess għal *databases* mediċi bħal iSoft u PACS li permezz tagħhom tingħata kura iktar effettiva fuq il-post. Tkompla s-servizz ta’ *dental screening* u *optometrist,* li issa ġie estiż għal residenzi privati li għandhom kuntratt mad-dipartiment, filwaqt li ssaħħu l-programmi ta’ terapija u anzjanità attiva lir-residenti.

Wara analiżi ta’ *data* miġbura ttieħdu numru ta’ deċiżjonijiet li kienu meħtieġa għal użu effettiv tas-sodod. Fost dawn kien hemm l-introduzzjoni ta’ *time window* sabiex persuna tidħol f’residenza wara li tkun offruta sodda u limitu fuq in-numru ta’ drabi li persuna tista’ tirrifjuta *admission*. Dan wara li kienet innutata żieda fin-numru ta’ sodod mhux użati, filwaqt li kien innutat li iktar min 30% tan-nies jirrifjutaw li jidħlu f’residenza meta jingħataw opportunità li tkun skont il-bżonnijiet tagħhom. Sar ukoll eżerċizzju biex persuni li kienu ilhom fuq il-lista ta’ stennija minn qabel is-sena 2000 ingħataw l-opportunità li jidħlu f’residenza. Għal darboħra kien hemm numru ta’ persuni li rrifjutaw din l-offerta.

Fl-2016 ingħatat spinta lil każi li talbu *relocation* minn residenza għall-oħra, dan filwaqt li qed isir *assessment* professjonali f’kull każ sabiex ikun żgurat li t-talba hija ġenwina, u li r-residenza mitluba hija skont il-bżonn tal-applikant.

Diversi attivitajiet u ħruġ ġew organizzati kull ġimgħa għar-residenti kollha fid-djar. Dawn l-attivitajiet kienu jvarjaw minn ħarga għal Għawdex għal nofstanhar sajd. Għall-ewwel darba, grupp imdaqqas ta’ residenti mid-Dar tal-Mosta ittellgħu għal mawra ta’ ġurnata f’Sqallija.

**Kisbiet 2017**
Matul l-2017 id-Dipartiment kompla bl-inizjattivi tiegħu biex jintlaħqu l-bżonnijiet ta’ dawk li verament jeħtieġu kura residenzjali. Ingħalqu numru ta’ kuntratti li permezz tagħhom kien hemm żieda fin-numru ta’ sodod u l-kwalità ta’ servizzi mogħtija.

Id-Dipartiment din is-sena rċieva 1639 applikazzjoni għall-kura residenzjali, filwaqt li ddaħlu 721 resident ġdid ġewwa djar tal-gvern jew sodod mixtrija. Matul is-sena 2017, id-dipartiment żied 341 sodda bħala parti mill-iskema ta’ xiri ta’ sodod u għalhekk in-numru ta’ sodod li għandu d-Dipartiment tela’ għall-2,187. Fl-2017 diversi proċeduri ddaħlu u oħrajn komplew jiġu implimentati sabiex nassiguraw l-użu effettiv tas-sodod. Fl-2017 ingħatat spinta lil każi li talbu *relocation* minn

residenza għall-oħra speċjalment dawk li kellhom bżonn sodda fin-naħa t'isfel ta' Malta, dan filwaqt li qed isir assessment professjonali f'kull każ sabiex ikun żgurat li t-talba hija ġenwina, u li r-residenza mitluba hija skont il-bżonn ta' l-applikant.

Fl-2017, ġiet żviluppata għodda ġdida msemmija '*Home Profiling Qaulity Matrix'* biex jitkejjel il-livell ta' servizzi pprovdut fid-djar li joffru kura residenzjali. Din l-għodda mistennija tintuża wkoll sabiex id-Dipartiment ikollu informazzjoni koretta fin-negozjar għax-xiri ta' sodod u gradwalment biex id-djar kollha jiġu kklassifikati.

Diversi attivitajiet u ħruġ ġew organizzati kull ġimgħa għar-residenti kollha fid-djar. Dawn l-attivitajiet kienu jvarjaw minn ħarga għal Għawdex għal Betlehem f'Għajnsielem sa mawra fi Sqallija. Fid-dar tal-Imsida ġie mtella' l-proġett pilota '*Lets Make Homes Fun'* bil-għan li kull dar tibda tinvolvi iktar lir-residenti f'attivitajiet li jinteressaw lilhom. Għall-ewwel darba saret l-inizjattiva '*Let's Dance'* organizzata mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u l-Kura fil-Kommunità, fejn id-Dipartment assista fl-organizzar biex kull dar, inkluż dawk privati, jkollhom serata ta' zfin u daqq fi żmien il-Milied.

**Sodod taħt l-Iskema ta' PPP**
Matul is-sena 2016, id-dipartiment żied 233 sodda bħala parti mill-iskema ta' xiri ta' sodod. Matul is –sena 2017, id-dipartiment żied 341 sodda.

**Statistika 2016 u 2017**

| | **2016** | **2017** |
|---|---|---|
| Sodod fi Djar tal-Gvern | 950 | 950 |
| Sodod fuq skema ta' PPP | 1,136 | 1,237 |
| Numru ta' Sodod Totali (Gvern u PPP) | 2,088 | 2,187 |
| Applikazzjonijiet ġodda għad-Dħul fid-Djar tal-Anzjani | 1,489 | 1,639 |
| Dħul fid-Djar tal-Anzjani | 579 | 721 |

**Statistika – Residenti ġewwa Djar tal-Gvern u Djar PPP u Sodod mixtrija mill-Privat**

**2016**

| **RESIDENTI FI DJAR TAL-ANZJANI TAL-GVERN U DJAR PPP FIL-31 TA' DIĊ 2016** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dar** | **Irġiel -60** | **Nisa -60** | **Irġiel +60** | **Nisa +60** | **Total** |
| **Cospicua** | 0 | 0 | 28 | 108 | **136** |
| **Floriana** | 0 | 0 | 12 | 34 | **46** |
| **Mellieħa** | 9 | 2 | 41 | 128 | **180** |
| **Mosta** | 0 | 0 | 22 | 46 | **68** |
| **Msida** | 0 | 0 | 10 | 54 | **64** |
| **Mtarfa** | 4 | 2 | 25 | 92 | **123** |
| **Zammit Clapp** | 0 | 0 | 32 | 97 | **129** |
| **Żejtun** | 1 | 3 | 33 | 167 | **204** |
| **Total** | **14** | **7** | **203** | **726** | **950** |

| **RESIDENTI FI DJAR TAL-ANZJANI FUQ SKEMA TA' XIRI TA' SODOD SAL-31 TA' DIĊ 2016** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dar** | **Irġiel -60** | **Nisa -60** | **Irġiel +60** | **Nisa +60** | **Total** |
| **Casa Leone** | 0 | 0 | 10 | 47 | **57** |
| **Sant Anna** | 0 | 0 | 11 | 17 | **28** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dar Saura** | 0 | 0 | 5 | 18 | **23** |
| **Holy Family** | 0 | 0 | 7 | 17 | **24** |
| **Villa Messina** | 0 | 0 | 18 | 60 | **78** |
| **Roseville** | 0 | 0 | 23 | 70 | **93** |
| **Casa Arkati** | 0 | 0 | 30 | 85 | **115** |
| **St Elizabeth Home** | 0 | 0 | 10 | 40 | **50** |
| **Casa San Paolo** | 0 | 0 | 38 | 96 | **134** |
| **Casa Serena** | 0 | 0 | 15 | 66 | **81** |
| **Central Home** | ***0*** | ***0*** | *14* | *79* | ***93*** |
| **Casa Francesco** | 0 | 0 | 8 | 27 | **35** |
| **Villa San Lawrenz** | 0 | 0 | 5 | 21 | **26** |
| **Total** | **0** | **0** | **194** | **643** | **837** |

| **2016** | **Dħul fi Djar tal-Anzjani minn:** | | | | | | | **Rilokaz-zjonijiet** | **Irrifjutaw** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Komunità** | **Respite** | **MDH** | **RHKG** | **Privat** | **MCH** | **Total** | | |
| **Jannar** | 18 | 0 | 23 | 32 | 7 | 0 | 80 | 2 | 11 |
| **Frar** | 31 | 2 | 21 | 14 | 2 | 0 | 70 | 22 | 26 |
| **Marzu** | 19 | 1 | 4 | 7 | 5 | 0 | 36 | 4 | 14 |
| **April** | 30 | 2 | 3 | 5 | 5 | 0 | 45 | 4 | 19 |
| **Mejju** | 31 | 0 | 3 | 4 | 1 | 0 | 39 | 6 | 20 |
| **Ġunju** | 24 | 0 | 3 | 3 | 9 | 0 | 39 | 3 | 12 |
| **Lulju** | 16 | 1 | 2 | 5 | 3 | 0 | 27 | 10 | 15 |
| **Awwissu** | 21 | 1 | 1 | 4 | 9 | 0 | 36 | 6 | 49 |
| **Settembru** | 30 | 2 | 5 | 10 | 9 | 0 | 56 | 5 | 32 |
| **Ottubru** | 18 | 0 | 13 | 11 | 5 | 1 | 48 | 3 | 10 |
| **Novembru** | 14 | 2 | 2 | 8 | 5 | 2 | 33 | 3 | 11 |
| **Diċembru** | 11 | 3 | 0 | 4 | 6 | 0 | 24 | 3 | 9 |
| **Total** | **263** | **14** | **80** | **107** | **66** | **3** | **533** | **71** | **228** |

**2017**

| **RESIDENTI FI DJAR TAL-ANZJANI TAL-GVERN U DJAR PPP FIL-31 TA' DIĊ 2017** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dar** | **Irġiel -60** | **Nisa -60** | **Irġiel +60** | **Nisa +60** | **Total** |
| **Mellieħa** | 8 | 39 | 2 | 131 | **180** |
| **Mosta** | 0 | 22 | 0 | 46 | **68** |
| **Msida** | 0 | 14 | 0 | 50 | **64** |
| **Mtarfa** | 5 | 21 | 2 | 94 | **122** |
| **Floriana** | 0 | 11 | 0 | 35 | **46** |
| **Bormla** | 2 | 26 | 0 | 107 | **135** |
| **Żejtun** | 0 | 26 | 5 | 168 | **199** |
| **Zammit Clapp** | 1 | 32 | 1 | 95 | **129** |

| RESIDENTI FI DJAR TAL-ANZJANI FUQ SKEMA TA’ XIRI TA’ SODOD SAL-31 TA’ DIĊ 2017 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Dar** | **Irġiel -60** | **Nisa -60** | **Irġiel +60** | **Nisa +60** | **Total** |
| **Casa Leone** | 0 | 0 | 8 | 51 | **59** |
| **Sant Anna** | 0 | 0 | 9 | 21 | **30** |
| **Dar Saura** | 0 | 0 | 4 | 32 | **36** |
| **Holy Family** | 0 | 0 | 13 | 29 | **42** |
| **Villa Messina** | 0 | 0 | 49 | 96 | **145** |
| **Roseville** | 0 | 0 | 28 | 67 | **95** |
| **Casa Arkati** | 0 | 0 | 32 | 95 | **127** |
| **Casa San Paolo** | 0 | 0 | 62 | 129 | **191** |
| **Casa Serena** | 0 | 0 | 20 | 73 | **93** |
| **Central Home** | ***0*** | ***0*** | 16 | 79 | ***95*** |
| **Casa Francesco** | 0 | 0 | 8 | 35 | **43** |
| **Villa San Lawrenz** | 0 | 0 | 6 | 34 | **40** |
| **St.Elizabeth Home** | 0 | 0 | 36 | 97 | **133** |
| **Casa Paola** | 0 | 0 | 16 | 39 | **55** |
| **Total** | **0** | **0** | **307** | **877** | **1184** |

| **2017** | **Dħul fi Djar tal-Anzjani** | | | | | | | | **Rilokazzjonijiet** | | **Irrifju taw** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Komunit** | **Respite** | **MDH** | **RHKG** | **SVP** | **Private** | **MCH** | **Total** | **Djar** | **SVPR** | |
| **Jannar** | 13 | 2 | 16 | 29 | 0 | 2 | 0 | 62 | 5 | 3 | 0 |
| **Frar** | 22 | 0 | 4 | 16 | 0 | 4 | 0 | 46 | 7 | 3 | 8 |
| **Marzu** | 15 | 4 | 8 | 14 | 0 | 6 | 0 | 47 | 6 | 4 | 9 |
| **April** | 16 | 0 | 14 | 16 | 0 | 8 | 1 | 55 | 5 | 3 | 8 |
| **Mejju** | 60 | 2 | 17 | 31 | 0 | 20 | 0 | 130 | 15 | 2 | 6 |
| **Ġunju** | 28 | 2 | 16 | 17 | 2 | 7 | 0 | 72 | 9 | 3 | 18 |
| **Lulju** | 21 | 2 | 7 | 12 | 0 | 10 | 0 | 52 | 4 | 1 | 17 |
| **Awwissu** | 23 | 0 | 9 | 6 | 1 | 6 | 0 | 45 | 2 | 1 | 7 |
| **Settembru** | 21 | 0 | 8 | 9 | 0 | 2 | 0 | 40 | 4 | 0 | 6 |
| **Ottubru** | 19 | 2 | 7 | 15 | 0 | 1 | 0 | 44 | 4 | 2 | 5 |
| **Novembru** | 49 | 0 | 15 | 15 | 1 | 1 | 0 | 81 | 19 | 2 | 3 |
| **Diċembru** | 23 | 0 | 17 | 7 | 0 | 0 | 0 | 47 | 7 | 7 | 4 |
| **Total** | **310** | **14** | **138** | **187** | **4** | **67** | **1** | **721** | **87** | **31** | **91** |

***Management* tal-Infermiera fid-Djar Residenzjali**

Matul is-sena 2016 id-Djar tal-Anzjani u l-*management* komplew jiffaċjaw numru ta’ sfidi sabiex itejbu l-kwalità ta’ kura u servizzi li qegħdin jingħataw fl-istess djar. Ġiet assigurata li s-sistema fejn kull infermier u *carer* ikunu allokati ma’ numru ta’ residenti għadha fis-seħħ u tiffunzjona kif suppost għall-fatt li peress li din is-sistema kienet ġdida, kien hemm xi diffikultajiet sa kemm indrat. Din is-sistema wriet li hija waħda effettiva u tagħti riżultati pożittivi, sew fl-interess tar-residenti, kif ukoll tal-impjegati. Sabiex jiġi assigurat servizz ta’ infermiera tul erba’ u għoxrin siegħa kuljum mit-Tnejn

sal-Ħadd fid-Djar tal-Gvern kollha u biex jiġu kkontrollati w utilizzati aħjar il-finanzi tad-Direttorat, imtlew xi *rosters* vakanti u ġiet imsaħħa r-'*relievers' pool* magħmul minn infermiera.

Din is-sena nxtraw numru sostanzjali ta' sodod mekkanizzati u saqqijiet apposta biex ikunu jistgħu jiġu kkurati anzjani b'dipendenza għolja. Dawn is-sodod ġew imqassma skont il-bżonnijiet tad-djar. Inxtraw ukoll *trolleys* biex jiffaċilitaw medikaturi minn infermiera fid-djar tal-Gvern. Bla dubju ta' xejn ma naqasx ukoll li din is-sena jinxtraw strumenti u apparat mediku mitluba mill-kapijiet tad-Djar għall-ħtiġijiet tar-residenti. Saru diversi viżti u awditjar, kemm fil-Djar tal-Gvern, kif ukoll f'dawk id-djar fejn il-gvern għandu xiri ta' sodod. Bħal dejjem, l-iskop ewlieni huwa dak li naraw titjib fil-kura u servizzi li jingħataw lir-residenti.
Fl-2016 ġiet impjegata *Practice Nurse*. Tkompla t-taħriġ tal-istaff bħalma huwa l-BLS/AED waqt li sar taħriġ ġdid ukoll, per eżempju, 'Kura Preventiva u Iġene fil-Ħalq'. Għall-ewwel darba, bis-saħħa tal-UE nxtraw kotba ta' tagħlim għall-professjonisti kollha, partikolarment infermiera.

Il-*management* kompla jintroduċi għodod ġodda ta' awditjar, SOPs u dokumenti ġodda. Ta s-sehem tiegħu ukoll f'numru ta' kuntratti li saru din is-sena għal djar privati li jakkomodaw anzjani mibgħuta mill-gvern u fit-twaqqif ta' skemi ġodda ta' servizzi f'Malta u Għawdex.

Matul dawn is-sentejn saru numru ta' laqgħat mal-istaff u l-Kapijiet tad-Djar. Il-*Management* li jagħmel parti mill-*Quality Care Team* ippartecipa f'awditjar sabiex titjeb il-kwalità ta' kura, kif ukoll is-servizzi li jingħataw fid-djar tal-anzjani.

Il-fatt li n-numru ta' residenti fl-iskema PPP kompla żdied, kompla jġib miegħu sfidi maniġerjali. Ilmenti dwar ikel, nuqqas ta' komunikazzjoni fil-lingwa u distanzi twal ta' vjaġġar għal qraba biex iżuru r-residenti tagħhom fid-djar kienu fost dawn l-ilmenti. Dawn l-ilmenti ġew investigati u azzjonijiet korrettivi ttieħdu.

In-numru ta' infermiera mitlub biex isostni bżonnijiet mitluba mis-servizzi qatt ma ġie onorat kompletament. Din is-sena nfetħu l-postijiet ta' *Senior Nursing Managers* u *Charge Nurses,* fosthom wieħed biex jieħu ħsieb is-servizzi ta' Għawdex.

Matul is-sena 2017, il-*management* tal-infermiera kompla jtejjeb il-kwalità tal-kura u s-servizzi li qegħdin jingħataw fid-Djar tal-Anzjani u fil-Komunità. It-tim tal-*management* tal-Infermiera ġie msaħħaħ bir-reklutaġġ ta' tliet *Senior Nursing Managers*. Il-postijiet vakanti ta' *Charge Nurses* fid-Djar tal-Anzjani u l-Commcare ġew mimlija u r-riżultati għas-sejħa tad-*Deputy Charge Nurses* ġew ippubblikati u qedin fil-proċess biex jintlew il-postijiet vakanti. Ħarġu wkoll sejħiet għal tliet P*ractice Nurses* fil-qasam tat-*tissue viability*, fil-qasam tad-dimensia u kif ukoll fl-*infection control*. Ġie introdott il-Pjan ta' Kura (*Careplan*) ġdid għar-residenti fid-Djar tal-Anzjani fejn il-*carers* jagħtu rendikont għal kull attività ta' kuljum li r-residenti għandhom bżonn. Ir-*relieving pool* tal-infermiera ġie msaħħaħ b'aktar riżorsi umani u minn din is-sena bdew jiġu koperti postijiet vakanti kemm fid-Dar tal-Mellieħa kif ukoll fid-*Dementia Day Centre* ta' Għajnsielem, Għawdex.

Ġew mixtrija numru akbar ta' sodod tal-elettriku, fejn tqassmu fid-Djar tal-Anzjani skont il-bżonn tar-residenti. Id-Djar tal-Anzjani governattivi kollha ġew magħmra b'numru sostanzjali ta' *lifters* u saqqijiet mediċi tal-arja. Aparti minn dawn, ma naqasx ukoll li din is-sena inxtraw strumenti u apparat mediku li ġew mitluba mil-kapijiet tad-Djar tal-Anzjani u l-Commcare għal użu tar-residenti u l-klijenti fil-komunita'. Inxtraw ukoll tmien deffibrillaturi esterni awtomatiċi (AED) li tqassmu fid-Djar tal-Anzjani u entitajiet oħra. L-impjegati kollha ta'dawn l-entitajiet, kliniċi u mhumiex, ġew imħarġa kif jużaw dan l-apparat. Saru numru ta' spezzjonijiet kif ukoll awditjar fid-Djar tal-Anzjani Governattivi, kif ukoll fid-Djar tal-Anzjani li jaqaw taħt l-iskema tal-*public private partnership* jew li qegħdin f'kuntratt mal-Gvern għal xiri ta' sodod.

Il-*Practice Nurse* kompliet bit-taħriġ għal-istaff biex dejjem intejbu s-servizzi lejn il-klijenti. It-taħriġ kien fuq *Stoma Care, Tissue Viability, Basic Life Support* u kif tintuża d-defibrillatur estern

awtomatiku (AED), teħid ta' kampjuni tad-demm u komunikazzjoni aħjar mar-residenti u l-klijenti fil-komunità.

Il-*management* tal-infermiera kompla jintroduċi għodod ġodda tal-awditjar, *standard operating procedures* (SOPs) u dokumenti ġodda. Ta s-sehem tiegħu f'numru ta' kuntratti li saru din is-sena għal djar privati li jakkomodaw anzjani fl-iskema tal-*public private partnership* u fit-twaqqif ta' skemi ġodda ta' servizzi f'Malta u Għawdex.

Bħal dejjem, ma jonqos qatt li t-tim tal-infermiera flimkien mat-tim tal-Awditjar jagħtu pariri kif meħtieġ għal aktar avvanz fil-kura tar-residenti fejn l-iskop ewlieni huwa dak li naraw titjib fil-kura u s-servizzi li jingħataw lir-residenti u lill-klijenti fil-komunità.

**Servizzi tal-*Allied Health***

**Sena 2016**

Is-servizzi tal-*Allied Health* jinkorporaw servizzi domiċiljari kif ukoll servizzi fi djar residenzjali (21 dar, li jinkludu dawk tal-Gvern kif ukoll dawk bl-iskema ta' PPP, Privati u tal-Knisja).

L-2016 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' ħidma, minn mindu dawn il-*units* bdew jiffunzjonaw separatament minn San Vinċenz, taħt id-direzzjoni tad-Dipartiment kif ukoll tal-*Allied Health Service Manager*. B'sodisfazzjoni, illum dan il-*unit* jirrikonoxxi 13-il terapista (3 *Occupational Therapists* (OT), 4 Podoloġisti u 6 Fiżjoterapisti) impjegati direttament mill-AACCD.

Għalkemm is-Servizzi Domiċiljari tat-tliet dixxiplini tjiebu ħafna, madankollu l-problema prinċipali tibqa' n-numru limitat ta' terapisti fil-*units* kollha. It-terapisti kommessi ħafna għal-xogħlhom u d-dedikazzjoni hija kbira, madankollu minħabba n-numru żgħir ta' terapisti qed tibda tinħass l-għejja f'dawn il-professjonisti. U din hija ta' konċern mhux żgħir.

**Sena 2017**

S-servizzi tal-*Allied Health* fil-komunità (speċifikament servizzi fid-Djar tal-Anzjani u dawk domiċiljari) baqgħu jiżviluppaw b'mod konsistenti. Għaliex illum it-terapisti jikkonċentraw biss fuq l-anzjani fil-komunità, qed naraw żieda sostanzjali fit-trattamenti li dawn il-professjonisti jagħtu. Matul din is-sena n-numri ta' *Allied Health* żdiedu bi ftit. Sfortunatament, meta ħarġu s-sejħiet, id-Dipartiment spiċċa jikkompeti ma' dipartimenti oħra u mas-settur privat u allura ż-żieda ma kinitx kif misthoqqha. In-numri ta' *Allied Health* għadhom iridu jissaħħu. Minħabba ż-żieda marġinali fin-numri *rotations* kważi nqatgħu.

Kompożizzjoni ta' Terapisti fid-DAAKK

| Fiżjoterapisti | *Occupational Therapists (OT)* | *Podiatrists* |
|---|---|---|
| | | |
| 5 fil-komunità (+1 bil-leave tal-maternità) | 2 fil-komunità | 3 fil-komunità (+1 bil-*leave* tal-maternità) |
| 6 fl-LTC (2 minn dawn qegħdin fuq *reduced hours* + (1 minn dawn tagħti servizz fil-Quality *Assurance Team* + 1 *rotating staff*)) | 4 fl-LTC (1 minn dawn tagħti servizz fil-*Quality Assurance Team* ukoll) | 2 fl-LTC |

LTC=*long term care*

Sommarju tat-terapija fid-Djar tal-Anzjani u Servizzi Domiċiljarji mit-tliet dixxiplini prinċipali

| | **Numru ta' sezzjonijiet fid-Djar tal-** | **Numru ta' sezzjonijiet fis-Servizzi** |
|---|---|---|

| | Anzjani | | Domiċiljarji | |
|---|---|---|---|---|
| | **2016** | **2017** | **2016** | **2017** |
| **Fiżjoterapija** | 5143 | 4872 | 2511 | 2754 |
| **OT** | 5533 | 5407 | 1509 | 3685 |
| **Podoloġija** | 6779 | 4951 | 2228 | 3894 |
| **Total** | **17,455** | **15,230** | **6,248** | **10,333** |

**Servizzi fil-Komunità**

**Servizz tal-Ispeċjalista tal-Anzjani fil-Komunità**
Dan huwa servizz ġdid li beda fis-sena 2017. Is-servizz tal-Ispeċjalista tal-Anzjani fil-komunità mhux dipartiment jew sezzjoni fih innifsu, iżda is-servizz ta' speċjalista wieħed li jiddedika parti mill-iskeda tiegħu għal viżti fid-djar ma' membri tal-*Commcare Assessment Unit* u *d-Dementia Intervention Team*.

**Għan tas-servizz**
Is-servizz jimmira li jtejjeb l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa għall-anzjani li mhumiex kapaċi joħorġu minn djarhom. Problemi mediċi jiġu indirizzati fid-dar tal-anzjan sa fejn hu possibbli.

**Kisbiet**
Is-servizz beda f'April 2017 wara numru ta' laqgħat fid-dipartiment. Ir-riferti, il-maġġoranza tagħhom mingħand il-*Commcare* u *Dementia Intervention Team* u ftit mit-tobba tal-familja u konsulenti fil-ġerjatrija daħlu matul is-sena u numru ta' anzjani bbenefikaw minn viżti fejn ġew indirizzati primarjament problemi relatati mad-dimensja u komplikazzjonijiet tagħha.

**Statistika**
25 persuna bbenefikaw minn 30 viżta tul is-sena. 17-il viżta saru mad-*Dementia Intervention Team*, u 13 mal-*Commcare*. F'sitt każijiet ma saritx viżta fid-dar, iżda l-pazjent kien ammess direttament l-isptar jew inviżtat fi klinika. Saru viżti konġunti ma' spettur tas-sanità kif ukoll ma' *social workers* mid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

**Diffikultajiet**
Kien hemm diffikultà fejn pazjenti inviżtati kellhom bżonn il-kura ta' psikjatra u ma kienx possibbli li ssir viżta ta' psikjatra fid-dar, għax dan is-servizz mhux pprovdut mill-gvern.

Diffikultà oħra nstabet fejn kien hemm sitwazzjonijiet soċjali diffiċli ħafna, li ma jħallux il-possibbiltà li tiġi mtejba l-kundizzjoni tas-saħħa u l-kwalità tal-ħajja tal-pazjent riferut. F'dawn il-każijiet, il-qraba u s-servizzi tas-*social workers* ma kinux effettivi biex jiġu solvuti il-problemi.

**Suġġerimenti**
Qed ikun rakkomandat (u ppjanat) li 'l quddiem ikun hemm iktar sinerġija bejn professjonisti fil-qasam tas-saħħa u dawk soċjali. Is-servizzi għall-anzjani għandhom bżonn iktar sostenn min-naħa ta' *social workers* effettivi.

Hemm bżonn ukoll tal-possibbiltà li jkun hemm psikjatra li jista' jagħmel viżti fid-djar tan-nies bħala parti mill-impjieg tiegħu mal-gvern.

**Carer at Home**
Permezz ta' dan is-servizz, il-persuna anzjana tista' timpjega *Carer* kwalifikat/a sabiex tkun assistita fil-bżonnijiet tagħha. Il-Gvern ser ikun qed jgħin finanzjarjament biex ikun ta' sostenn għal dawn l-anzjani u b'hekk jibqgħu fil-komunità.

**X'sar matul l-2016**

- Fl-introduzzjoni tiegħu, dan is-servizz kien jirrikjedi li l-persuna anzjana tkun applikat sabiex tidħol f'*Home* sal-15 ta' Novembru, 2015. Din il-kundizzjoni nbidlet matul is-sena u sal-aħħar tas-sena inqatgħet għal kollox.
- Dawk li ma għandhomx applikazzjoni għall-*Home*, qed jiġu assessjati mill-*CommCare.* B'hekk il-proċess tħaffef, u qed jieħu anqas żmien.
- Inbidel l-isem minn *Live-in Carer* għal *Carer at Home* għaliex xi nies kienu qed jaħsbu li dan huwa l-uniku mod ta' impjieg, meta fil-fatt dan jista' jsir anke fuq bażi *part-time.*
- Ġew riveduti r-rekwiżiti u qed jiġu aċċettati l-kwalifiki rikonoxxuti kollha. Barra minn hekk, qed jiġu aċċettati wkoll ċertifikati ta' kompetenza maħruġa mill-*JobsPlus.*
- Qed tinżamm lista ta' *Carers* kwalifikati biex nipprovduha lill-dawk li jsibu diffikultà sabiex isibu *Carers*
- Ġie fformulat ukoll forma ta' kuntratt ta' impjieg sabiex ikun ukoll ta' assistenza għal min jinħtieġ.

**X'sar matul l-2017**
- Ġie ffurmat tim sabiex jevalwa kull *assessment* li jsir mill-*Commcare* għal dan is-servizz. B'hekk id-deċiżjoni jekk l-applikant jingħatax din l-assistenza tittieħed b'mod aktar ħolistiku.
- Is-sussidju massimu din is-sena żdied minn €4500 għal €5200.
- Wara diversi laqgħat u diskussjonijiet, ġiet konkluża l-*policy* li tirregola dan is-servizz.
- Dan is-servizz m'għadux meqjus aktar bħala proġett pilota iżda huwa issa servizz stabbilit bħall-oħrajn li jipprovdi d-Dipartiment.
- In-numru ta' benefiċjarji tela' minn 57 fl-aħħar tal-2016 għal 164 fl-aħħar tal-2017.

**Statistika**

| | **2016** | **2017** |
|---|---|---|
| Numru ta' applikazzjonijiet irċevuti matul is-sena | 184 | 305 |
| Numru ta' benefiċjarji | 57 | 164 |
| Pendenti mingħajr *Carer* | 81 | 6 |
| Waqqaf is-servizz | 1 | 27 |

**Respite at Home**
Ir-Respite at Home tipprovdi sostenn formali għall-*carer* fir-residenza tal-persuna anzjana stess. Il-mistrieħ fis-servizz tad-dar joffri *carers* kwalifikati li jibqgħu fid-dar mal-persuna anzjana, sabiex il-kustodju informali jista' jinħeles mill-piż tal-kura. Il-mistrieħ fis-servizz tad-dar għandu jipprovdi: kumpanija, soċjalizzazzjoni u / jew kura personali fir-residenza tal-persuna anzjana. Dan is-servizz iżomm milli l-persuna li tieħu ħsieb, tiġi dipendenti potenzjalment innifisha , minħabba l-istress tal-kura.

Dan is-servizz huwa offrut lill-persuni 'l fuq minn 60 sena, iżda każijiet oħra jistgħu jiġu kkunsidrati fuq il-merti tagħhom stess. Qed tingħata prijorità lil dawk il-persuni anzjani li qed jgħixu weħidhom, li mhumiex involuti f'attivitajiet soċjali u li jistgħu jkunu f'riskju meta jagħmlu sigħat twal waħedhom.

Is-servizz ta' mistrieħ fid-dar beda f'Mejju 2017 u dan is-servizz ġie pprovdut lil 93 klijent minn dakinhar. In-numru totali ta' sigħat mogħtija kien ta' 6642.5 siegħa.

**Tipi ta' pakketti ta' kura mogħtija:**
L-applikant jista' jagħżel wieħed mill-pakketti ta' kura taħt il-kura li jissodisfa l-bżonnijiet ta' mistrieħ tagħhom.

Pakkett ta' kura i. (Ġimgħa sħiħa: It-Tnejn sal-Ħadd - 24 siegħa)
Pakkett ta' kura ii. (Ġimgħa sħiħa: mit-Tnejn sal-Ħadd 8am - 5pm)

Pakkett ta' kura iii. (jumejn fil-ġimgħa)
Pakkett ta' kura iv. (ġurnata fil-ġimgħa)

| **Tip ta' pakkett ta' kura** | **Numru ta' klijenti** |
|---|---|
| Pakkett ta' kura i | 3 |
| Pakkett ta' kura ii | 3 |
| Pakkett ta' kura iii | 94 |
| Pakkett ta' kura iv | 7 |

Kull każ li qed jiġi offrut is-servizz qed jiġi rivedut minn *Assistant Care Workers*. Dawn il-ħaddiema qed jagħmlu rwol ta' superviżjoni, jimplimentaw il-pjan ta' kura pprovdut lil klijent biex is-servizz għandhom isegwu. Il-ħaddiema tal-*CommCare* huma obbligati li jżuru kull klijent tliet darbiet matul il-proċess tas-servizz; qabel il-bidu tas-servizz, matul is-servizz u meta s-servizz jiġi mitmum. Żjara oħra ġiet inkluża waqt is-servizz, meta l-kuntrattur ma jkunx preżenti, sabiex jekk ikun hemm ilmenti dwar is-servizz, dawn jistgħu jinstemgħu u jintbagħtu kif xieraq.

In-numru totali ta' żjarat magħmula minn *Commcare Carers* – 363 vista.

**Sezzjoni *CommCare***
Il-*CommCare* jassigura li l-pazjenti kollha li jirċievu kura fil-komunità jkunu mgħejuna kif inhu xieraq, filwaqt li jaġixxi wkoll bħala konnessjoni bejn is-servizzi tas-saħħa u l-kura soċjali. It-tim ta*l-CommCare* huwa magħmul minn infermiera, fiżjoterapisti, *occupational therapists, carers, social workers* u persuni amministrattivi.

Dan it-tim jassigura li flimkien jagħti s-sapport neċessarju lil dawk kollha li għandhom bżonn l-għajnuna fid-djar tagħhom u li bl-ebda mod ma jistgħu joħroġu minn djarhom. It-tim kollu flimkien kapaċi jindirizza l-ħtiġijiet tal-individwu b'mod effettiv.

Il-*CommCare* bħalissa qed tirċievi talbiet u referenzi mill-entitajiet tal-Gvern kollha kif ukoll dawk volontarji bħal: sptarijiet, ċentri tas-saħħa, tobba privati, entitajiet ta' kura soċjali, organizzazzjonijiet mhux governattivi u oħrajn. It-tim iwettaq valutazzjonijiet ġewwa d-djar tal-individwi wara li tgħaddi minn proċess ta' ivvetjar fil-unit. Dawn iż-żjarat jiddeterminaw kif l-assistenza meħtieġa tiġi pprovduta lil kull individwu. It-tim jiddiskuti u jappoġġja lil xulxin f'dan ir-rigward. Il-proċess jiddetermina wkoll jekk il-kura meħtieġa għandhiex tiġi riferita għal interventi ta' 'domicilliary care' li jiġi mogħti lis-*service provider*. Il-*CommCare* din is-sena beda jieħu ħsieb ukoll l-assessjar ta' servizzi oħra mogħtija fil-komunità bħal *Respite, Meals on Wheels, Carer at Home, Night Shelter* u *Dementia Activity Centre.*

**Statistika 2016 u 2017**

| | **2016** | **2017** |
|---|---|---|
| Talbiet ġodda rċevuti mill-*CommCare* | 2875 | 3155 |
| Talbiet segwiti rċevuti mill-*CommCare* | 6396 | 6230 |
| Reviżjonijiet bit-telefonati (*telephone reviews*) | 3789 | 3893 |
| Żjarat fid-djar | 1861 | 2385 |
| Żjarat fid-djar mis-*Social Worker* | 201 | 205 |
| Interventi li saru mis-*Service Provider* | 752,281 | 801,250 |

**Miri li ntlaħqu matul is-sena 2016:**

- Kull infermier ġie gwidat aħjar fuq is-servizzi li jingħataw fil-komunità. B'hekk kulħadd ikun infurmat tajjeb dwar dawn is-servizzi, biex waqt l-assessjar tingħata mill-ewwel.
- Saret reviżjoni tad-dokumentazzjoni li tiġi wżata mis-sezzjonijiet kollha tad-Dipartiment, biex b'hekk kulħadd juża' l-istess dokumentazzjoni waqt l-assessjar tal-klijenti. Saret ukoll reviżjoni ta' kull applikazzjoni li tintuża biex b'hekk issir applikazzjoni waħda għal kull servizz.
- Ġie pprovdut servizz ta' *Freephone* li jista' jintuża mill-klijenti tal-*CommCare* li jieħdu servizz ta' infermiera u *carers* fid-dar, biex jikkanċellaw iż-żjara tal-ġurnata.
- Sar infurzar għall-użu ta' COCF fl-isptar KGH, kif sar mal-isptar MDH u GGH.
- Ingħataw żewġ vetturi ġodda lill-*CommCare,* biex b'hekk ikunu jistgħu jsiru aktar żjarat. Il-karozzi qed ikunu wżati ukoll mill-*Allied Health Team* u *Dementia Intervention Team.*
- Laqgħat li jirrigwardjaw l-infrastruttura ta' IT nbdew sabiex tiġi introdotta sistema ta' 'database' effettiva.
- L-infermiera tal-*CommCare* bdew isegwu dawk l-applikanti li applikaw għar-*Respite, Meals on Wheels, Carer at Home, Dementia Day Centre, Night Shelters* u lil dawk li applikaw biex jidħlu fid-Dar tal-Anzjani.
- Staff mill-*CommCare* komplew iżuru wkoll individwi Għawdxin li qed jgħamlu użu mis-servizz.
- Ġie stipulat post ġdid fejn se jimxi l-*CommCare.* Bdew isiru xi laqgħat biex b'hekk ikun hemm pjan biex inkunu nistgħu nimxu fil-post il-ġdid.
- Infermieri ġodda bdew jaħdmu mal-*CommCare* bl-għan li jsiru aktar viżti u assessjar.
- Żewġ rappreżentanti tal-*Health & Safety* ġew innominati mill-istaff tal-*CommCare.*

**Miri li ntlaħqu matul is-sena 2017**

- Il-ħtieġa li jiġi estiż is-servizz tar-*Respite at Home* ġiet diskussa mal-*management* u ngħatat proposta u ġiet approvata. Sar pjan ta' riżorsi umani u ġie stabbilit li s-servizz se jiġi pprovdut permezz ta' sejħa għall-offerti. *Apex Community Care* ingħata s-servizz wara l-proċess ta' *procurement,* u s-servizz inbeda f'Mejju 2017. Kordinatur tar-respite beda jaħdem fi ħdan *CommCare*, jikkordina dan is-servizz.
- L-staff tal-*CommCare* beda jaħdem mill-bini l-ġdid f'Awwissu 2017. Il-migrazzjoni tal-bini mill-Isptar ta' St.Lukes għal Qormi kienet ta' suċċess. Ukoll is-*social workers* mistennija li jibdew jaħdmu minn Ħal Qormi minn Jannar 2018.
- Il-formola l-ġdida tal-applikazzjoni tal-AACCD u l-mudell tal-evalwazzjoni tal-AACCD qed tintuża b'suċċess mill-professjonisti kollha għat-tipi kollha ta' servizzi. Il-formoli ta' applikazzjoniet il-qodma ġew eliminati u formola ta' applikazzjoni waħda biss qed tintuża għas-servizzi kollha.
- L-iżvilupp kontinwu tal-professjonisti huwa importanti u appoġġjat f'kull ħin. Dan huwa nnutat li jimmotiva l-istaff kif ukoll iżommhom aġġornati. It-tim japprezza l-opportunità li jattendi korsijiet CPD u avvenimenti simili. Tliet membri mit-tim tal-infermiera huma fil-mument jaqraw korsijiet f'livell ta' Grad Degree u żewġ infermiera oħra qed jaqraw kors tal-Masters.
- L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ġew ipprovduti sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti. L-offerta ngħatat. Barra minn hekk, l-istaff qed jiġu pprovduti *lockers* għall-użu personali tagħhom.
- L-infermiera studenti qed iżuru l-*CommCare* regolarment. Apparti minn dan, 'module' elettiv offrut lill-istudenti fl-FHS għandu l-bażi prattika tiegħu stabbilita fuq *CommCare*.
- Ħdimna fuq politiki u proċeduri ta 'kura u mogħdijiet ta' kura implimentati biex jiddefinixxi aktar ir-rwol distint tal-*CommCare*.
- Ġie maħtur rappreżentant għas-saħħa u s-sigurtà għal *Commcare*, u bdew laqgħat dwar il-kwistjonijiet tas-Saħħa u s-Sigurezza fi ħdan id-Dipartiment.

**Tim ta' Intervent għad-Dimensja - *Dementia Intervention Team***

**Skop tad-*Dementia Intervention Team* (DIT)**
Id-*Dementia Intervention Team* ġie mwaqqaf din is-sena, biex jilħaq rakkomandazzjoni mitluba fis-Strateġija Nazzjonali għad-Dimensja fil-Gżejjer Maltin (2015-2023). Dan it-tim joffri servizz fil-komunità lil persuni bid-dimensja, u dawk li jieħdu ħsiebhom. Il-membri ta' dan it-tim għandhom esperjenza u għarfien fil-kura tad-dimensja. Valutazzjoni ħolistika tal-persuna bid-dimensja, u ta' dawk li jkunu qed jieħdu ħsiebha, tiġi mwettqa fir–residenza fejn tkun qed tgħix. Wara, il-*carers* tal-persuna jiġu pprovduti b'informazzjoni u edukazzjoni dwar il-kundizzjoni tad-dimensja skont il-bżonn. L-għan ewlieni ta' dan it-tim jiffoka, sabiex kemm jista' jkun, il-persuna bid-dimensja tkompli tgħix b'mod attiv fil-komunità.

**Kisbiet ta' matul is-sena 2016**
Matul din is-sena d-*Dementia Intervention Team*, ġie stabbilit u nħadem il-qafas tal-għanijiet tiegħu u kif dan is-servizz ġdid, ser jopera fil-komunità. Fil-bidu tas-sena ġew reklutati l-membri tat-tim; li jinkludu *Dementia Care Coordinator, Practise Nurse* u *Occupational Therapist*. Is-servizz beda bħala proġett pilota u ġie introdott lill-konsulenti tal-ġerjatrija, li bdew jirreferu l-każijiet mal-ewwel. Total ta' 146 każ ġew referuti lit-tim din is-sena. Minn dawn, it-tim għadu qed jaqdi 109 każ fuq bażi regolari. It-tim issa qed iservi bħala l-punt ewlieni għall-għajnuna għal persuni bid-dimensja u dawk li jindukrawhom.

**Kisbiet ta' matul is-sena 2017**
Din is-sena d-*Dementia Intervention Team*, ta servizz lil 302 każ ġdid. It-tim fl-aħħar tas-sena 2017 kien qed isegwi 318-il każ. It-tim issa qed iservi bħala l-punt ewlieni għall-għajnuna għal persuni bid-dimensja u dawk li jindukrawhom. Fl-2017, it-tim irnexxilu jgħin lil dawn il-familji biex ikomplu jieħdu ħsieb lil persuni bid-dimensja ġewwa d-djar tagħhom. It-tim zgħir ta' tliet professjonisti (*Dementia Care Coordinator, Practise Nurse u Occupational Therapist*) irnexxilu isegwi l-każijiet kollha, u ġew evitati numru ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi. Sar investiment ta' risorsi umana fit-tim u fis-sena 2018, se tiżdied *Practise nurse* li se tgħin biex ngħinu lil aktar familiji li qed jissiltu mal-problema tad-dimensja.

Il-figuri ta' hawn taħt qed juru n-numru ta' każijiet u interventi li saru fl-2016 u 2017:

| | Numru ta' Każijiet - | |
|---|---|---|
| Sena | **2016** | **2017** |
| Numru ta' każijiet ġodda | 146 | 302 |
| Numru ta' każijiet fejn kellu jitwaqqaf is-servizz (eż. Imwiet u dħul f'residenzi għal-anzjani) | 37 | 95 |
| Numru ta' persuni li bħalissa qed jibbenifikaw mis-servizz | **109** | **318** |
| | Numru ta' interventi | |
| Numru totali ta' visti fid-djar | 392 | 686 |
| Numru totali ta' interventi bit-telefon | 1705 | 2835 |

**Ċentri ta' Matul il-Jum għall-persuni bid-Dimensja**
F'Malta u Għawdex jeżistu żewġ ċentri ta' matul il-jum li huma speċjalizzati għal persuni li qed jgħixu bid-dimensja. Paul Cuschieri - *Dementia Actvity Centre* f'San Vincent de Paul, residenza għall-kura fit-tul, u l-ieħor f'Dar Padova, Għajnsielem, Għawdex. F'dawn iċ-ċentri jsiru attivitajiet speċjalizzati matul il-jum, filwaqt li l-persuni li ssoltu jieħdu ħsiebhom jkunu jistgħu jkollhom ftit mistrieħ.

**Ċentru ta' Matul il-Jum għall-persuni bid-Dimensja – Dar Padova, Għajnsielem, Għawdex**
Is-sena 2016 kienet l-ewwel sena għaċ-ċentru ta' Dar Padova. F'din is-sena ċ-ċentru rnexxielu jilħaq il-kapaċità massima ta' 12-il klijent kuljum. Bħalissa s-servizz qed jiġi utilizzat min 13-il persuna. Fl-2016 ġew miżjuda wkoll in-numru ta' *carers* li qed jaħdmu fiċ-ċentru u saru wkoll xogħlijiet biex titjieb is-sigurtà fil-ġonna. Beda wkoll is-servizz tat-trasport għaċ-ċentru minn Għawdex kollu. Dan kien ta' suċċess għax bħalissa qed jiġi utilizzat minn kull min qed jattendi ċ-ċentru. Il-figuri ta' hawn taħt qed juru l-attendenza medja fost il-ġimgħa u nhar ta' Sibt u Ħadd.

Fis-sena 2017 iċ-ċentru rnexxielu jagħmel estensjoni biex iżid il-kapaċità massima tiegħu għal 24 klijent kuljum. Bħalissa s-servizz qed jiġi utilizzat minn 19-il persuna. Is-sena d-dieħla mistenni jiżdied it-trasport għax bħalissa laħaq il-kapaċità massima. Il-figuri ta' hawn taħt qed juru l-każijiet ġodda li żdiedu din is-sena.

| | Total Registered Service Users | Average attendance Week days | Average attendance Weekends |
|---|---|---|---|
| 2016 | **13** | 12 | 8 |
| 2017 | **12** | 6 | 19 |

**Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Persuni bid-Dimensja – Paul Cuschieri, SVP**
Iċ-ċentru ta' matul il-jum Paul Cuschieri, għall-persuni bid-dimensja, għalaq disa' snin minn meta beda s-servizz. Fl-2016 iċ-ċentru żied il-ħinijiet tal-ftuħ tiegħu b'siegħa (06:30-17:00), biex ikun jista' jaqdi aħjar lill-klijenti tiegħu. Dan iċ-ċentru wkoll qed jopera fuq il-kapaċità massima tiegħu. Is-servizz għandu bħalissa 37 klijent li qed jibbenifika minnu u jattendu 16-il klijent kulljum. 18-il klijent bħalissa qed jistennew biex jibbenifikaw mis-servizz.

Qiegħed jinħass biċ-ċar li jeżisti l-bżonn għal aktar ċentri ta' dawn it-tip f'Malta. Id-domanda għaċ-ċentri ta' matul il-jum għall-persuni bid-dimensja qiegħda dejjem tiżdid.

Fis-sena 2017, 38 klijent qed jibbenefika mis-servizz, b'16-il klijent kuljum. 24 klijent bħalissa qed jistennew biex jibbenifikaw mis-servizz. Matul din is-sena kien hemm 48 applikazzjoni ġdida għal dan is-servizz.

***Helpline* Nazzjonali fuq id-Dimensja**
Il-*Helpline* Nazzjonali fuq id-dimensja tiprovdi għajnuna prattika fuq il-kundizzjoni tad-dimensja. Il-*helpline* hija disponibbli 24 siegħa kuljum inkluż Ħdud u festi. Il-linja hija operata minn infermiera mħarrġa fil-qasam tad-dimensja.

Fl-2016 il-*helpline* irċiviet 619 telefonata. Minn dawn 6 kienu emerġenzi, 30 *non-urgent,* 68 *Fake calls* u 515 telefonati informattivi.

Fl-2017 il-*helpline* irċiviet 398 telefonata. Minn dawn 6 kienu emerġenzi, 40 *non-urgent,* 37 *Fake calls* u 315 telefonati informattivi.

Fl-2018 il-*Helpline* ser tkompli tintegra aħjar mas-servizzi relatati bħal dawk tad-*Dementia Intervention Team* u servizzi oħra pprovduti mid-Dipartimentt għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità.

**Servizz *Respite***
Is-servizz *Respite* huwa wieħed mis-servizzi tal-komunità offruti mill-gvern f'attentat kontinwu biex jappoġġja persuni anzjani li jgħixu fil-komunità u jiffaċilita l-ħajja, kemm tal-anzjani u kif ukoll ta' dawk li jieħdu ħsiebhom.

Is-servizz *respite* huwa offrut sabiex jipprovdi, kemm lill-*carers* u lill-anzjani, opportunità li jieħdu ħin ta' mistrieħ. Dan jintuża spiss f'okkażjonijiet fejn il-*carers* ikollhom bżonn jieħdu ħin għalihom għal xi raġuni jew oħra.

Is-servizz *respite* jiġi offrut f'Casa Leone f'San Ġiljan, f'Villa San Lawrenz f'Għawdex u f'St. Elizabeth, Rabat, Malta.

**Kisbiet fl-2016**
Is-servizz ta' *respite* żdied drastikament fuq dak li kien disponibbli matul is-sena ta' qabel. Għall-ewwel darba s-servizz kien introdott din is-sena f'St. Elizabeth, Rabat, Malta. *Respite* qed jiġi pprovdut f'St.Elizabeth permezz ta' ftehim iffirmat fil-5 ta' Awwissu 2016.

Is-servizz *respite* żdied fil-popolarità u laħaq livelli massimi ta' okkupanza; f'Casa Leone 80% - f'St. Elizabeth 59% u f'San Lawrenz, Għawdex 128%.

F'din is-sena kien hemm tentattiv kontinwu biex titjieb is-sistema u b'hekk jiġi pprovdut servizz aktar sigur u effiċjenti. Ġiet inkluża wkoll il-possibbiltà li jiġi pprovdut trasport għall-anzjani li huma fil-bżonn ta' servizz ta' trasport professjonali minħabba raġunijiet ta' saħħa.

**Kisbiet fl-2017**
Is-servizz ta' respite kompla jiżdid drastikament fuq dak li kien disponibbli matul is sena ta' qabel.
Is-servizz *respite* żdied fil-popolarità u l-prenotazzjonijiet għal dan is-servizz kienu ta' 86.87% f'Casa Leone, 79.5% f'St. Elizabeth u 95.2% f'San Lawrenz Għawdex.

**Statistika**

**Casa Leone**

| | **Applikazzjonijiet Ġodda** | **Numru ta' ġranet li applikaw fihom** | **Kanċellazzjoni (ġranet)** | **Estensjoni (ġranet)** | **Persentaġġ ta' sodod okkupati** |
|---|---|---|---|---|---|
| **2016** | 336 | 4,448 | 1,885 | 562 | 60,51% |
| **2017** | 297 | 3,517 | 1,210 | 922 | 86.87% |

**St. Elizabeth**

| | **Applikazzjonijiet Ġodda** | **Numru ta' ġranet li applikaw fihom** | **Kanċellazzjoni (ġranet)** | **Estensjoni (ġranet)** | **Persentaġġ ta' sodod okkupati** |
|---|---|---|---|---|---|
| **2016** | 20 | 252 | 94 | 102 | 39.21% |
| **2017** | 66 | 1,041 | 290 | 409 | 79,5% |

**Villa San Lawrenz Gozo (minn Frar 2016)**

| | **Applikazzjonij -iet Ġodda** | **Numru ta' ġranet li applikaw fihom** | **Kanċellazzjo ni (ġranet)** | **Estensjoni (ġranet)** | **Persentaġġ ta' sodod okkupati** |
|---|---|---|---|---|---|
| **2016** | 38 | 428 | 82 | 26 | 50.96% |
| **2017** | 53 | 596 | 60 | 135 | 95.2% |

**Applikazzjonijiet**
Fis-sena 2016 kien hemm total ta' 394 applikazzjonijiet (Casa Leone, St. Elizabeth u San Lawrenz)
Fis- sena 2017 kien hemm total ta' 416 applikazzjonijiet (Casa Leone, St. Elizabeth u San Lawrenz)

**akkomandazzjonijiet biex jitjieb is-Servizz tar-*Respite***

- Tkompli titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimentt u entitajiet li joffru dan is-servizz

**Servizz ta' Għajnuna fid-Dar – *Home Help***
Matul is-sena 2016, is-servizz ta' Għajnuna fid-Dar kien qiegħed jiġi pprovdut minn Assistenti Soċjali tad-Direttorat għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, u helpers mill-kumpanija *Health Mark (Support Services Ltd*). Sa l-aħħar ta' Diċembru 2016 kien hemm 2763 residenza u 3791 benefiċjarju li kienu qed jibbenefikaw minn dan is-servizz.

**Sigħat ta' Servizz ipprovdut fil-Ġimgħa**

| | |
|---|---|
| Bil-*helpers* tal-kuntrattur | 4435 |
| Bl-Assistenti Soċjali tad-Dipartiment | 2712 |
| **Total** | **7147** |

Minn Ġunju 2016, bdiet tiġi infurzata l-klawsola li tispeċifika li jekk is-servizz ma jibdiex jingħata sa data partikulari minn meta l-kuntrattur jiġi infurmat jibda jħallas penali d-doppju tar-rata kull siegħa għal kull ġimgħa li tgħaddi. Filfatt, bejn il-perjodu ta' Ġunju u Diċembru 2016 ħareġ total ta' penali li jammonta għal **€3966.00.**

**Iċċekjar ta' Kull Attendenza ta' Kull Helper tal-Kuntrattur**
Sa minn Jannar 2016, is-sezzjoni tas-Servizz Għajnuna Fid-Dar, ħadet ir-respnsabbiltà tiċċekja l-attendenza għand kull klijent mill-impjegati tal-kuntrattur. Madwar 2000 attendenza jiġu ċċekjati kull xahar. Dan isir biex niżguraw li s-sigħat ta' servizz li jitlob ħlas għalihom il-kuntrattur verament ġew ipprovduti. Wara li sar dan l-eżerċizzju, fil-perjodu bejn Jannar u Ottubru 2016 intalab kreditu ta' **€1217.61**.

**Superviżjoni bit-Telefon**
Wara diversi rapporti minn klijenti dwar *helpers* li ma jżommux mal-ħin tas-servizz u kif ukoll li jitilqu qabel, ittieħdet id-deċiżjoni li jibdew isiru superviżjonijiet bit-telefon. Din l-inizjattiva bdiet fl-24 ta' April 2017. Ftit wara ġie nnotat li ħafna abbużi waqfu. Saru total ta' **3235** telefonati.

**Servizz ta' *Reliever***
Biex inżidu l-effiċjenza tas-servizz, u wara diskussjonijiet mal-kuntrattur intlaħaq ftehim dwar is-servizz ta' *reliever* lill-klijenti li jirċievu servizz minn Assistenti Soċjali tad-Dipartimet. Peress li d-Dipartiment ma kellux *relieving pool* kien qiegħed jirriżulta li xi klijent kienu qed jibqgħu bla servizz meta l-Assistenta Soċjali tagħhom tkun *leave* jew *sick leave*. Din is-sistema ġiet introdotta fil-5 ta' Awwissu 2016.

**Żieda ta' *Supervisors***
Sa Diċembru 2016 in-numru ta' *Supervisor* fis-Sezzjoni Għajnuna fid-Dar kien ta' 14. Kien evidenti li l-pressjoni ta' xogħol li kien hemm fuq kull *supervisor* peress li kellhom madwar 200 residenza kull wieħed. Għaldaqstant, wara rakkomandazzjoni fir-rapport annwali tas-sena 2015 u biex tittaffa ftit din il-pressjoni n-numru ta' *supervisor* żdied għal 17. Fil-preżent kull *supervisor* għandha medja ta' 160 residenza.

**ICT**
Matul is-sena 2016 ġew installati 8 laptops fl-uffiċċju tas-*Supervisors*. Qabel ma ġew installati dawn il-*Laptops*, 14-il *supervisor* kienu qed jinqdew b'5 PCs. Minħabba din il-limitazzjoni kienet qed tinħoloq kunfużjoni peress li s-*supervisors* ma setgħux jagħmlu użu ta' kompjuter x'ħin iridu. Peress

li dawn is-17-il *supervisor* jolternaw bejniethom, xogħol fl-uffiċċju u żjajjar fid-djar, sar possibbli li kull min ikun xogħol fl-uffiċċju jkollu kompjuter għad-dispożizzjoni tiegħu.

Matul is-sena 2017, is-Servizz ta' Għajnuna fid-Dar kien qiegħed jiġi pprovdut minn Assistenti Soċjali tad-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, u *helpers* mill-kumpanija *Health Mark (Support Services Ltd*). Sa l-aħħar ta' Diċembru 2017 kien hemm 2657 residenza u 3640 benefiċjarju li kienu qed jibbenefikaw minn dan is-servizz.

**E-mail Ġeneriku**
Matul l-2017, ġie stabbilit e-mail ġeneriku għal dan is-servizz li huwa: homehelpservice.mfcs@gov.mt

Sar ukoll taħriġ għal supervisors. Matul Ottubru 2017 ħames *supervisors* attendew għal 5 lezzjonijiet f'taħriġ fuq l-użu bażiku tal-kompjuter.

F'Novembru 2017 seba' *supervisors* attendew għal żewġ lezzjonijiet f'taħriġ biex itejbu l-abbiltajiet tagħhom meta jikkomunikaw bit-telefon.

Tabella hawn taħt tispjega dan it-taqsim għal 2016 u 2017:

| **Reġjun** | **2016 – 2017** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **RESIDENZI** | | | **BENEFIĊJARJI** | | |
| | **Dipartiment** | **Health Mark** | **Total** | **Dipartiment** | **Health Mark** | **Total** |
| **2016** | **959** | **1804** | **2763** | **1290** | **2501** | **3791** |
| | **Total - 2763** | | | **Total – 3791** | | |
| **2017** | **783** | **1874** | **2657** | **1068** | **2572** | **3640** |
| | **Total - 2657** | | | **Total – 3640** | | |

**Sigħat ta' Servizz Provduti fil-Ġimgħa**

| | |
|---|---|
| Bil-*helpers* tal-kuntrattur | 4570 |
| Bl-Assistenti Soċjali tad-Dipartiment | 2168 |
| **Total** | **6738** |

**Il-Kuntratt tas-Servizz Għajnuna fid-Dar f'Malta**

Wara li ġie mġedded, issa dan il-kuntratt se jiskadi fil-6 ta' Jannar 2018 imma qiegħed fil-proċess ta' reviżjoni.

**Infurzar tal-Kuntratt Sezzjoni 4-Klawsola 4.4**
Bejn il-perjodu ta' Jannar u Diċembru 2017 ħareġ total ta' penali li jammonta għal **€62,862.20.**

**Uniformijiet Ġodda**
F'Settembru żżanżnu uniformijiet ġodda mill-impjegati kollha tas-sezzjoni Servizz Għajnuna fid-Dar.

**Bord tal-Allokazzjoni tas-Servizz Għajnuna fid-Dar**
Fl-2016, il-Bord ġie maħtur fl-1 ta' Frar, bl-ewwel laqgħa saret fl-10 ta' Marzu. Dakinhar, wara r-riżenja taċ-*Chairperson*, waħda mill-membri ġiet maħtura *Acting Chairperson* mill-istess membri sakemm jinħatru membru floku u *Chairperson* ġdid.

Fl-14 ta' Lulju inħatru żewġ membri ġodda u ċ-*Chairperson* il-ġdida. Il-Bord iltaqa' kważi kull ġimgħa minħabba l-ammont ta' talbiet għas-servizz u anke minħabba li kien hemm akkumulazzjoni ta' każijiet li nġemgħu sakemm iltaqa' l-Bord il-ġdid u ammont ta' każijiet li ntirtu mill-Bord ta' qabel. Waqt dawn il-laqgħat iċ-*Chairperson* tilqa' wkoll telefonati minn persuni li jkunu jridu

jikkontestaw/jiddiskutu d-deċiżjoni tal-Bord. Meta l-Bord għal xi raġuni ma jiltaqax, membru mill-istess Bord jattendi biex dejjem ikun hemm xi ħadd iwieġeb għat-telefonati tan-nies.

Il-Bord kellu xi laqgħat mad-direttur li matulhom ġew diskussi numru ta' problemi, fosthom dawk relatati ma' *assessments*. Fuq direzzjoni u bl-assistenza tad-direttur il-membri tal-bord ħadmu fuq dokument ta' linja gwida għall-*assessment* li wara ġie diskuss mas-*social workers* u *s-supervisors* tal-*Home Help*.

Din is-sena l-Bord iltaqa' 25 darba fejn b'kollox għaddew 830 każ li minnhom ġew approvati 1036 siegħa ta' servizz. F'waħda mil-laqgħat tal-Bord, saret żjara mill-Ministru Dr Michael Farrugia.

Fl-2017, il-Bord beda is-sena bir-riżenja tal-*Occupational Therapist* iżda seta jkompli jiffunzjona bil-kumplament tal-membri l-oħra li kienu maħtura s-sena ta' qabel, eżattament fl-14 ta' Lulju 2016. Dan l-istess Bord baqa' għaddej bix-xogħol sa l-aħħar ta' Mejju. Wara l-elezzjoni ġenerali li saret fil-bidu ta' Ġunju, kien hemm bidla tal-Ministru u għaldaqstant il-membri tal-Bord bagħtu r-riżenja tagħhom. Għalkemm ir-riżenji ma ġewx aċċettati, l-Bord xorta ma setax jiffunzjona minħabba li tlieta mill-membri ma baqgħux impjegati u għalhekk ma kienx hemm membri biżżejjed għal kworum.
Fl-4 ta' Settembu 2017 inħatar Bord ġdid iċċerjat mill-istess *Chairperson* ta' qabel fejn żammew posthom ukoll it-tabib u s-Segretarju. Fost l-erba membri ġodda maħtura kien hemm żewġ pensjonanti li sfortunatamnet attendew biss tliet darbiet u wara tefgħu r-riżenja tagħhom. Għaldaqstant, il-Bord kellu jerġa' jieqaf sakemm jinħatru membri ġodda.

Fl-14 ta' Ottubru 2017 inħatru tliet membri ġodda; *Occupational Therapist*, persuna bi bżonnijiet speċjali, membru mill-bord tas-sena ta' qabel.

Minn dakinhar, il-Bord iltaqa' regolarment kull ġimgħa minħabba li kien hemm *backlog* kbira ta' każijiet li kienu nġemgħu sakemm il-Bord il-ġdid beda jiffunzjona. Sadanittant, it-talbiet ġodda għas-servizz baqgħu deħlin kontinwament f'ammonti konsiderevoli.

Lejn nofs is-sena, is-*Social Workers* bdew jagħmlu użu minn l-*assessment sheets* f'format ġdid.

Il-Bord kellu laqgħa mad-Direttur biex bħas-sena ta' qabel jiddiskutu xi problemi l-aktar dawk relatati mal-kwalità fqira tal-*assessments* li qed jiġu ppreżentati lill-Bord mis-*Social Workers* (fit-talbiet ta' każijiet ġodda) u mis-*Supervisors* tal-*Home Help* (fil-każijiet ta' estensjoni ta' sigħat tas-servizz).

Mill-bidu ta' Settembru is-*Social Workers* ingħataw direzzjoni biex jibdew jimlew *assessment form* ta' persuna waħda f'kull *household* minflok għal kull persuna (60+) jew persuna b'diżabbiltà. Din id-deċiżjoni kompliet żiedet il-problemi għall-Bord minħabba li b'*assessment* wieħed, il-Bord qed ikollu ħafna anqas informazzjoni minn qabel dwar dik il-*household.* Dan il-fatt, flimkien ma' rapporti fqar u kultant mhux kompluti, qed itellfu ħafna fix-xogħol u fid-deċiżjonijiet tal-Bord. Minħabba f'hekk, il-Bord talab għal laqgħa mad-Direttur.

Din is-sena l-Bord iltaqa' 30 darba fejn b'kollox għaddew 1033 każ li minnhom ingħataw 1147 siegħa.

**Taqsima tas-Servizz *Handyman***

**Skop tas-Servizz**
L-iskop ta' din is-sezzjoni huwa illi tiprovdi xogħol ta' *handyman* lill-anzjani u persuni b'diżabbiltà li jgħixu fil-komunità. Dan jinkludi xogħol fid-djar residenzjali tad-Dipartiment, u fiċ-Ċentri ta' Anzjanità Attiva. Isir ukoll xogħol meħtieġ fid-Dipartiment stess. Dan is-servizz jipprovdi l-kumdità ta' servizz tas-snajja', jiddependi jekk il-persuna għandhiex il-kartuna r-roża jew jekk il-persuna jkollhiex l-*ispecial card*.

Matul 2016 it-Taqsima *Handyman* kompliet taħdem fil-komunità għall-anzjani, fejn permezz ta' riformi konsiderevoli tnaqqas il-ħin ta' stennija minn medja ta' tliet ġimgħat għal medja ta' 24 siegħa.

Fl-2016 is-sezzjoni kienet komposta minn 16-il ħaddiem, tlieta fuq amministrazzjoni tas-sezzjoni, sebgħa ħaddiema li jmorru jagħmlu xogħol għand l-anzjani u s-sitta l-oħra jagħmlu xogħol kontinwu ta' proġetti fid-Djar tal-Anzjani tal-Gvern u fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum.

Is-seba' ħaddiema għamlu 1321 żjara ta' xogħlijiet għand l-anzjani matulhom saru 1963 biċċa xogħol [*jobs*]. Dawn ix-xogħlijiet kienu hekk: mastrudaxxa – 453; elettriku – 468; *plumber* – 1026; ġarr – 51; bajjad – 96*; railing* – 65.

Fis-sena 2017 t-tim ikkonsista fi 17-il ħaddiem, tlieta fuq l-amministrazzjoni tas-sezzjoni, sitt ħaddiema li jagħmlu xogħol għand l-anzjani fil-komunità, u s-sitta l-oħra jagħmlu xogħol ta' proġetti fid-Djar tal-Anzjani tal-Gvern kif ukoll fiċ-Ċentri ta' Anzjanità Attiva.

Is-sitt ħaddiema għamlu 1335 żjara għand l-anzjani li matulhom saru 1985 biċċa xogħol [*jobs*]. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu: xogħol ta' mastrudaxxa – 444, elettriku – 437, *plumbing* – 888, ġarr – 39 u *plastering* – 130. Għal dan ix-xogħol, is-sezzjoni tħallset is-somma ta' €3221.02. Kienu 701 li ħallsu għas-servizz, 59 bl-*ispecial card* u 479 bil-kartuna r-roża.

Din it-Taqsima ma twettaqx xogħol biss fil-komunità iżda jsir ukoll xogħol ta' manutenzjoni fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum, Djar tal-Anzjani tal-Gvern kif ukoll fl-Amministrazzjoni tad-Dipartiment.

Fl-2016 saru 181 biċċa xogħol fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum. Il-ħtiġiet fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum jikkonsistu wkoll fit-trasferiment ta' apparat u trasport ta' għamara minn Ċentru ta' Matul il-Jum għall-ieħor. Ix-xogħlijiet kienu mqassmin hekk: mastrudaxxa: 46; tibjid: 22; *plumbing:* 48; elettriku: 63; ġarr: 2. Għal dan ix-xogħol is-sezzjoni tħallset is-somma ta' €2,679.16. Kienu 655 li ħallsu għas-servizz; 70 bl-*ispecial card*; 720 bil-kartuna r-roża.

Din it-Taqsima għamlet ukoll 152 biċċa xogħol inkluż ukoll xogħol ta' kostruzzjoni li kienu mitluba mill-amministrazzjoni tad-Dipartiment ġewwa ċ-Ċentru Ħidma Soċjali, Ċentru Servizz Anzjan, Sezzjoni *Active Ageing* u Ċentru tat-*Telecare*.

Is-Sezzjoni għamlet ukoll numru ta' proġetti filwaqt li rċeviet 18-il sejħa minn Djar tal-Anzjani tal-Gvern. Ix-xogħlijiet fid-Djar huma differenti minn dawk imsemmija hawn fuq minħabba l-fatt li xi kultant il-manutenzjoni tiegħu xhur biex issir. Per eżempju fid-Dar tal-Furjana ssejħu 13-il darba fejn sar xogħol ta' dawl u ilma; fid-Dar tal-Imsida fejn sar xogħol ta' kostruzzjoni; fid-Dar tal-Mosta fejn sar xogħol ta' kostruzzjoni li ħa ġimgħat u ta' mastrudaxxa u xogħol ieħor ta' kostruzzjoni fid-Dar tal-Imtarfa fejn proġett ta' refurbishing dam iktar minn tliet xhur u nofs biex ġie finalizzat.

Fl-2017 saru 29 biċċa xogħol fiċ-Ċentri ta' Anzjanità Attiva. Il-ħtiġijiet fiċ-Ċentri ta' Anzjanità Attiva jikkonsistu f'diversi xogħlijiet. Ix-xogħol kien maqsum hekk:- mastrudaxxa – 8, *plastering* – 1, *plumbing* – 12, eletriku – 7, ġarr – 1. Din is-sezzjoni għamlet 40 biċċa xogħol li kienu mitluba mill-amministrazzjoni tad-Dipartiment. Din is-sezzjoni għamlet ukoll 16-il sejħa minn Djar tal-Anzjani tal-Gvern. Dawn ix-xogħlijiet kienu simili bħal dawk li saru fl-amministrazzjoni tad-Dipartiment.

Mill-20 ta' Frar 2017, sar ħafna xogħol fuq il-bini l-ġdid tad-Dipartiment. Sebgħa mill-impjegati ħadmu fuq dan il-proġett. Sar xogħol ta' *gypsum*, eletriku, installazzjoni ta' Network ta' IT, tqegħid ta' madum, sistemi ta' *plumbing* u xogħol fuq id-*drains* tal-post. Il-Unit qiegħed ukoll jaħdem l-iskrivaniji tal-ħaddiema, kif ukoll qed jaħdem fuq bibien u twieqi ġodda. Sar ukoll tqegħid tal-internet u tnaddif tal-post.

**Anzjani li qed jagħmlu użu mis-Servizz**

| | Bi Ħlas | Ammont Imħallas | Mingħajr Ħlas | Total | Xogħlijiet |
|---|---|---|---|---|---|
| | Numru ta' Persuni | € | Numru ta' Persuni | Numru ta' Persuni | |
| **2016** | 655 | 2,679.16 | 790 | 1445 | 1963 |
| **2017** | 701 | 3,221.02 | 638 | 1335 | 1985 |

**Servizz *Meals on Wheels***
Is-Servizz tal-*Meals on Wheels* ilu fis-seħħ mill-24 ta' Mejju 1990 bil-għan li jgħin persuni eleġibbli sabiex jibqgħu jgħixu fi djarhom. Is-servizz hu maħsub għal persuni minn 60 sena 'il fuq u persuni bi bżonnijiet speċjali rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità.
Kull applikant ġdid isirlu *assessment* minn professjonisti biex ikun żgurat li dan is-servizz jingħata lil persuni li għandhom bżonn. L-istess *assessment* jista' jintuża biex isiru rakkomandazzjonijiet għal servizzi oħrajn.

**Kisbiet fl-2016**
Permezz ta' riforma f`dan is-servizz kien possibbli li tinqata' l-lista' ta' stennija għal dan is-servizz. Ġiet introdotta sistema ġdida li ġabet magħha titjib fil-kwalità tal-ikel. Fost l-oħrajn dan jinkludi għażla aktar wiesa' ta' ikel addattat għal persuni anzjani u ikel li jkun ħieles mill-glutina u mill-lattosju.

Il-menu l-ġdid joffri għażla ta' ikel differenti għal 14-il ġurnata. Kull ikla tinkludi tliet platti, jiġifieri; l-ewwel platt, it-tieni platt u deżerta. Hemm tliet għażliet kull wieħed, kemm għall-ewwel u t-tieni platt. Id-deżerta tikkonsisti minn frott frisk jew ħelu tal-ġurnata.

Kull menu ġie offrut skont il-bżonnijiet tal-klijent. Hekk kien hemm għażliet normali, tip *diabetic, low salt*' jew *soft food.* L-għażla inkludiet ukoll ingredjenti differenti biex jaqdu l-bżonnijiet ta' persuni li għalihom hu rrakkomandat ikel tip; *gluten free, lactose free, nuts free* u anke bħala ikla veġitarjana.

L-ikel twassal fi stat imkessaħ, f'kontenituri ġodda biex ikun jista' jittiekel f'ħin li jkun komdu għall-individwu. Ġiet introdotta sistema ta' reċipjenti tat-tip *single use* li biha l-klijent jingħata reċipjenti ġodda għal kull ikla. Wara li l-ikel jissaħħan, l-istess kontenituri jintremew.

**Kisbiet fl-2017**
Din is-sena baqa' jsir l-assessjar tal-applikazzjonijiet tal-applikanti, ħalli s-servizz jingħata' lil min għandu bżonnu. Il-*meals on wheels* kompla jingħata mill-istess kuntrattur, fejn in-nies b'mezz ta' menu jagħżlu l-ikla tagħhom. L-ikel huwa ta' kwalita' tajba fejn qed jitqassam ġo kontenituri nodfa. Id-Dipartiment baqa' jirċievi l-ilmenti u kummenti mingħand l-applikanti. Matul is-sena saru diversi laqgħat mal-kuntrattur ħalli is-servizz li jingħata jitjieb skont l-ħtieġa tal-persuni li jagħmlu użu mis-servizz.

Id-Dipartiment qiegħed jagħżel ammont ta' applikanti kull xahar, u qed jiċċekja magħhom x'servizz qed jingħata. Saru ukoll *policies* ħalli s-servizz jitjieb u sar *file* fejn qed jinżammu l-ilmenti tan-nies. It-tim tal-*Meals on Wheels* flimkien mal-Assistent Direttur qed jippjanaw li s-sena li ġejja jagħmlu *audits* ma' xi persuni li jagħmlu użu mis-servizz ħalli jkollna idea ta' x'hemm tajjeb u x'hemm bżonn li jitjieb fis-servizz.

**Statistika**
Matul l-2016 tqassmu madwar 350 ikla kuljum f'46 lokalità madwar Malta. Sal-aħħar ta' Diċembru 2016 in-numru ta' ikliet imqassma qabeż l-106,000. Il-lista ta' stennija matul is-sena 2016, li kienet tammonta għal madwar 297, ġiet solvuta, u l-klijenti kollha fl-istess lista ta' stennija ġew moqdija kollha sa Novembru 2016**.**

| Sena | Total ta' Lokalitajiet | Ikliet kuljum | Numru ta' ikliet mogħtija |
|---|---|---|---|
| 2016 | 46 | 350 | 106,000 |
| 2017 | 55 | 386 | 141,267 |

**Kisbiet**
Fl-2015 kien hemm 338 utent tas-servizz, fl-2016 kien hemm 419 bl-użu tas-servizz; fl-2017 dan in-numru kiber għal 775. Ġie mfassal menu ġdid u aktar inklussiv li jinkludi ikliet mingħajr lattożju, mingħajr glutina u għad-dijabetiċi.
Il-*logo* nbidel għalkemm għadu jżomm l-isem preċedenti tiegħu dak ta' *Meals on Wheels*. Mill-1 ta' Ġunju 2017, l-ikla ta' filgħaxija bdiet tiġi offruta b'tariffa addizzjonali.

**Servizz tal-Inkontinenza**

**Skema A**
Sal-aħħar tal-2015 f'Malta u f'Għawdex, kien hemm 2049 persuna li qed jagħmlu użu minn din l-iskema. Matul is-sena 2016, kien hemm 545 applikazzjoni ġdida, filwaqt li 235 waqqfu dan is-servizz. Dan ifisser li sal-aħħar tal-2016 kien hemm total ta' 2359.

Matul is-sena 2017, kien hemm 729 applikazzjoni ġdida, filwaqt li 211 waqqfu dan is-servizz. Dan ifisser li sal-aħħar tal-2017 kien hemm total ta' 2877.

**Skema B**
Sal-aħħar tal-2015 f'Malta u f'Għawdex, kien hemm 2967 persuna li qed jagħmlu użu minn din l-iskema. Matul din is-sena, daħlu 984 applikazzjoni ġdida, filwaqt li 883 waqqfu dan is-servizz. Dan ifisser li sal-aħħar tal-2016 kien hemm total ta' 3068.

Matul is-sena 2017, daħlu 976 applikazzjoni ġdida, filwaqt li 855 waqqfu dan is-servizz. Dan ifisser li li sal-aħħar tal-2017 kien hemm total ta' 3189.

**Statistika**

**Skema A** – Perjodu 2016 sa 2017

| | **Malta** | **Għawdex** | **Total** |
|---|---|---|---|
| Applikanti sal-31.12.15 | 1867 | 182 | 2049 |
| Waqqfu is-servizz | 206 | 29 | 235 |
| Applikazzjonijiet ġodda 2016 | 448 | 97 | 545 |
| Applikanti sal-31.12.16 | 2109 | 250 | 2359 |
| Waqqfu is-servizz 2017 | 157 | 54 | 211 |
| Applikazzjonijiet ġodda 2017 | 561 | 168 | 729 |
| Applikanti sal-31.12.17 | 2513 | 364 | 2877 |

**Skema B** - Perjodu 2016 sa 2017

| | Malta | Għawdex | Total |
|---|---|---|---|
| Applikanti sal-31.12.15 | 2520 | 447 | 2967 |
| Waqqfu is-servizz 2016 | 717 | 166 | 883 |
| Applikazzjonijiet ġodda 2016 | 904 | 80 | 984 |
| Applikanti sal-31.12.16 | 2707 | 361 | 3068 |
| Waqqfu is-servizz 2017 | 795 | 60 | 855 |
| Applikazzjonijiet ġodda 2017 | 931 | 45 | 976 |
| Applikanti sal-31.12.17 | 2843 | 346 | 3189 |

**Servizz ta' Roħs fuq il-Linja tat-Telefon (*telephone rebate)***
Dan is-servizz beda f'Jannar tal-1996, fejn il-klijenti jistgħu japplikaw għar-roħs fuq il-linja tat-telefon meta jkollhom Kartanzjan kif ukoll il-Karta r-Roża maħruġa mid-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali.

**Kisbiet fl-2016**
Wara li fl-2015 beda fis-seħħ il-programm *Sabsweb* tħaffef l-operat u ġew evitati ċertu burokraziji żejda li xi drabi kienu joħolqu ċertu inkonvenjenzi għall-anzjani.

**Statistika**

| | 2016 | 2017 |
|---|---|---|
| Applikazzjonijiet Ġodda | 75 | 101 |
| Kanċellazzjonijiet | 494 | 575 |
| Numru Totali ta' klijenti li għamlu użu mis-servizz | 2842 | 2368 |

**Sezzjoni Ħidma Soċjali - *Social Work***
Taqsima speċjalizzata ta' ħaddiema soċjali mħarrġin li jagħmlu interventi soċjali diversi li jikkonċernaw il-kura ġenerali u benesseri ta' klijenti anzjani u familji u nies sinifikanti f' ħajjithom.

Għan prinċipali hu l-ammeljorament tal-kwalità tal-ħajja billi persuni anzjani jiġu megħjuna jieħdu deċiżjonijiet importanti f'sitwazzjonijiet li jikkawżawlhom disgwid. Każijiet jiġu riferuti minn diversi sorsi u aġenziji.

Jiġu ppjanati visti flimkien ma' ħaddiema professjonali minn aġenziji oħra relatati. Għan ieħor hu li niffaċilitaw il-proċessi biex persuni anzjani li jimmerithom, jiġu allokati servizzi komunitarji biex ikomplu jgħixu fil-komunità.

Dan biex jillimita għażliet ta' kura residenzjali li għandha tkun l-aħħar alternattiva meta jkun hemm deterjorament qawwi u support informali inadegwat. Xogħol ieħor hu l-kumpilazzjoni ta' *assessments* għas-servizz ta' kura u għajnuna fid-dar biex jiggwida lill-Bord ta' Allokazzjonijiet li dan is-servizz jingħata lil min l-aktar jeħtieġ. F'dawn l-*assessments* jista' jiġi identifikat li klijenti jkollhom bżonn għajnuna soċjali ġenerali u akkumpanjament intensiv.

**Ħaddiema Soċjali Fi Ħdan Din It-Taqsima**
Fis-sena 2016 kien hemm seba' ħaddiema soċjali kwalifikati. Għaxar sigħat ta' interventi soċjali jiġu mogħtija lill-AACCD minn ħaddiema soċjali f'SVP. Wieħed irid jirrimarka li tliet ħaddiema soċjali *full-time* se jirtiraw sa' nofs 2017. Reklutaġġ prospettiv għalhekk irid jiġi kkunsidrat.

Fis-sena 2017 kien hemm kap tat-taqsima, sitt ħaddiema Soċjali u *Youth Worker*. Għaxar sigħat ta' interventi soċjali jiġu mogħtija lill-AAKK kull ġimgħa minn ħaddiema Soċjali f'SVDP. Il-kap tas-

sezzjoni ħa jirtira fil-bidu tas-sena 2018 u l-Youth Worker ser toħroġ bil-*leave* tal-maternità. Reklutaġġ prospettiv għalhekk irid jiġi kkunsidrat.

**Xogħol li sar matul is-sena 2017**
Bħala *Unit* komplejna nassistu lill-anzjani b'kull tip ta' problema soċjali. Komplew isiru l-visti fid-djar fejn l-anzjani jsibu ruħhom komdi. L-assistenti soċjali komplew jagħmlu xogħolhom maqsumin b'reġjonijiet ħalli ix-xogħol ikun maqsum sew. Din is-sena sar iktar xogħol mal-professjonisti tal-*CommCare*, ħalli l-anzjani nofrulhom servizz aħjar.

Sar manwal ta' proċeduri biex b'hekk il-*Unit* għandu linja gwida tax-xogħol li jrid isir. Dan il-manwal ukoll jinkludi l-formoli li jridu jiġu wżati mill-assistenti soċjali. L-assistenti soċjali bdew jużaw formola waħda ta' assessjar. B'din il-formola isir l-ewwel assessjar tal-familja, imbgħad jiġu wżati l-formoli ta' assessjar speċifiku mill-Assistenti Soċjali. Saru wkoll taħditiet fuq ir-radju u mezzi oħra ta' komunikazzjoni, biex inkomplu inżidu l-għarfien dwar l-għan ta' dan il-*Unit*. F'din is-sena l-*Unit* ta' possibbiltà lil żewġ studenti li qed jistudjaw biex isiru Assistenti Soċjali. Dan kien ta' benefiċju għall-*Unit* kemm biex inżidu l-għarfien ta' x'isir bħala xogħol fis-sezzjoni tal-Assistenti Soċjali, kif ukoll ġabu magħhom ideat ġodda biex il-*Unit* jaħdem aħjar għal persuni anzjani. Il-*Unit* ukoll organizza sezzjonijiet fejn l-Assistenti Soċjali li jaħdmu mal-anzjani qed jiltaqgħu u jiddiskutu problemi li jkollhom fix-xogħol tagħhom. Il-benefiċċju ta' dawn l-laqgħat hu li qed ikun hemm iktar kollaborazzjoni bejn l-Assistenti Soċjali li jaħdmu mal-anzjani kif ukoll qed ikunu hemm tqassim ta' informazzjoni fuq kif nistgħu ngħinu lill-anzjani.

Din is-sena l-intervent li kien qed isir fil-kunsilli lokali ġie terminat wara li ġie evalwat li ma kienx hemm konkorrenza ta' nies li jagħmlu użu minn dan is-servizz. Minflok sar iktar iffukar fuq il-gruppi ta' anzjani li qed isiru fid-djar residenzjali, fejn ikunu jistgħu jesprimu ruħhom fuq dak li jixtiequ jsir fil-post fejn qed jgħixu.

**Statistika**

| | **Każijiet Soċjali** | ***Home Help*** |
|---|---|---|
| **2016** | 369 | 905 |
| **2017** | 419 | 884 |

**Taqsima Anzjanità Attiva**

**Xogħol li sar matul is-sena 2016**
L-għan prinċipali tat-Taqsima Anzjanità Attiva huwa li tikkordina l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Politika Nazzjonali għal Anzjanità Attiva 2014-2020. Din it-taqsima għandha wkoll taħt ir-responsabbiltà tagħha l-kordinazzjoni tal-attivitajiet kollha li jsiru fiċ-Ċentri ta' Anzjanità Attiva madwar Malta u Għawdex. Barra minn hekk it-Taqsima Anzjanità Attiva tieħu ħsieb il-kordinazzjoni ta' attivitajiet u inizjattivi li jikkonċernaw l-anzjani.

Fis-sena 2016 saru diversi inizjattivi. Infetħu Ċentri ta' Anzjanità Attiva ġodda f'ħames lokalitajiet b'kollaborazzjoni ma' kunsilli lokali u organizzazzjonijiet mhux governattivi. It-Taqsima Anzjanità Attiva estendiet is-sezzjonijiet ta' tagħlim tul il-ħajja fiċ-ċentri kollha.

Sar ukoll ftehim mad-Direttorat għat-tagħlim tul il-ħajja fejn bdiet kollaborazzjoni fi tliet ċentri dwar dawn is-sezzjonijiet bil-pjan li jiġu estiżi f'iktar ċentri. Ġew introdotti diversi taħditiet informattivi fiċ-ċentri, kompetizzjonijiet kreattivi, taħriġ fuq l-użu tal-internet u ħruġ kulturali. Kull sena issir *sports day* għal membri taċ-ċentri.

**Xogħol li sar matul is-sena 2017**

Din is-sena is-servizz irnexxilu jbiddel il-mod kif inhuma mmexxija ċ-ċentri. Iċ-ċentri qed jużaw il-proċedura tal-*procurement* biex jixtru l-affarijiet li jkollhom bżonn. Is-superviżuri wkoll qed jippjanaw iktar l-attivitajiet li jsiru fiċ-ċentri, skont il-ħtieġa tal-anzjani. Il-*Unit* qiegħed ukoll jipprovdi sezzjonijiet informattivi lill-membri li jattendu iċ-ċentri. F'proġett pilota f'dar residenzjali tal-Imsida, l-anzjani ikontribwixxu f'programmi ta' attivitajiet għalihom stess. B'hekk f'dawn is-sezzjonijiet għamlu użu mill-abbiltajiet tagħhom.

Entitajiet differenti offrew il-ħin tagħhom biex jipprovdu informazzjoni neċessarja lill-membri li jattendu ċ-ċentri, ħalli jħeġġuhom jgħixu ħajja iktar attiva. Fost dawn kien hemm il-professjonisti tal-*Allied Health*, il-*Waste Serve*, il-professjonisti li jaħdmu fil-libreriji pubbliċi, d-Dipartiment tas-Saħħa u l-Awtorità tal-Komunikazzjoni. Is-servizz ukoll jaħdem mal-Kunsilli Lokali, fejn permezz ta' din is-sħubija kien hemm diversi proġetti ta' interġenerazzjoni. Dawn il-proġetti varji li saru ma' skejjel u entitajiet differenti kienu kollha ta' suċċess, fejn kemm l-anzjani kif ukoll l-istudenti tgħallmu ħafna minn xulxin.

Is-sezzjoni ħadmet ukoll għall-ġid tal-persuni vulnerabbli, bħal proġett tad-*Dementia Memory Café*. L-għan ta' din l-attività kien li joffri post ta' serħan għal dawn in-nies li jieħdu ħsieb persuna li tbati mid-dimensja, kif ukoll provdew attività għall-persuna bid-dimensja nnifisha. Il-Unit ħa joffri wkoll servizz ta' proġett pilota għall-persuni vulnerabbli li għandhom bżonn l-għajnuna. L-anzjani li huma attivi ser joffru l-ħin tagħhom biex jgħinu lil dawn il-persuni fil-bżonn. Dan il-proġett ġie ppjanat u ħa jkun implimentat fis-sena 2018.

Numru ta' Membri li jattendu fiċ-Ċentri ta' Anzjanità Attiva:

| **Ċentri ta' Anzjanità Attiva** | **Numru ta' Membri** | **Numru ta' Membri** |
|---|---|---|
| | **2016** | **2017** |
| Mellieħa AAC | 108 | 115 |
| San Pawl il-Baħar AAC | 103 | 83 |
| Ħamrun AAC | 116 | 90 |
| Bormla AAC | 50 | 61 |
| B'Kara AAC | 110 | 111 |
| Sta.Venera AAC | 65 | 48 |
| Msida AAC | 35 | 33 |
| Dingli A.A.C. | 110 | 108 |
| Siġġiewi A.A.C. | 102 | 104 |
| Mosta AAC | 40 | 38 |
| Mġarr AAC | 25 | 31 |
| Żejtun AAC | 94 | 91 |

| | | |
|---|---|---|
| Birżebbuġia AAC | 66 | 66 |
| Naxxar AAC | 90 | 96 |
| Sliema AAC | 35 | 24 |
| Qormi AAC | 70 | 58 |
| Luqa AAC | 25 | 21 |
| St. Luċija AAC | 30 | 33 |
| Zurrieq AAC | 92 | 83 |
| Kirkop AAC | 40 | 45 |
| Safi AAC | 26 | 25 |
| **Active Ageing Centres (Mudell Ġdid)** | | |
| Paola Active Ageing Centre | 164 | 60 |
| Swieqi Active Ageing Centre | 50 | 35 |
| Gżira Active Ageing Centre | 47 | 15 |
| Xewkija Active Ageing Centre | 180 | 17 |
| Taċ-Ċawla Active Ageing Centre | 10 | 6 |
| Floriana Senior Citizens Active Ageing Centre | 15 | 8 |
| Sannat Active Ageing Centre | - | 21 |

It-Taqsima Anzjanità Attiva hija responsabbli wkoll minn skeda ta' tagħlim tul il-ħajja fid-djar residenzjali. Din l-iskeda infirxet fi tminn djar residenzjali tal-gvern. Jiġu organizzati wkoll avvenimenti għar-residenti bħall *sports day,* parteċipazzjoni f'kunċerti, pantomima u ħruġ kulturali għar-residenti fis-siti ta' *Heritage Malta.*

It-Taqsima Anzjanità Attiva qed tikkordina *working group* li qed jaħdem fuq proġett pilota għas-sena d-dieħla: *Making homes fun!* bil-għan li jiżdiedu l-attivitajiet organizzati fid-djar tal-anzjani. Ġew ikkordinati wkoll diversi sezzjonijiet bejn tfal/żgħażagħ u anzjani.

It-Taqsima Anzjanità Attiva ikkordinat programm ta' taħriġ fuq il-pjattaforma diġitali mużikali MELUDIA. Ġie kkordinat ukoll taħriġ dwar *food handling* għall-istaff taċ-ċentri ta' Anzjanità attiva.

Fis-sena 2016 saru diversi inizjattivi oħra. Fosthom saret konferenza b*'workshops* għall-kapijiet tat-taqsimiet kollha tad-dipartiment inkluż kapijiet tad-djar tal-anzjani dwar l-isfidi eżistenti relatati mà problemi ta' saħħa mentali fl-anzjani.

Waqt il-*workshops* ġew imressqa diversi suġġerimenti u wara twaqqaf *working group* biex jiġu implimentati. Ġew introdotti wkoll sezzjonijiet ta' qari b'kollaborazzjoni mal-*Malta Libraries* fid-djar tal-Mellieħa u tal-Mosta.

Ġiet imwaqqfa librerija fid-dar tal-Mellieħa u beda proġett ta' qari mal-kulleġġ ta' San Alwiġi fejn studenti qed imexxu gruppi ta' qari fid-djar tal-Imsida u Dar Saura. Beda wkoll programm biex jiżdied l-għarfien dwar kif wieħed jibqa' attiv filwaqt li jevita l-waqgħat, *Nibqgħu Attivi Matul Ħajjitna.*

Dan sar fi 3 ċentri b'suċċess u se jiġi estiż. Saru *workshops* mill-kumpanija taż-żfin nazzjonali mal-anzjani fiċ-ċentri li wieħed minnhom kien tant suċċess li l-parteċipanti għamlu esebizzjoni dwar dan waqt l-i*Sports Day.*

It-Taqsima Anzjanità Attiva introduċiet programm dwar Anzjanità Attiva għall-istudenti tal-MCAST fil-programm tal-istudju tagħhom dwar *Media*, fejn l-istudenti wara sezzjonijiet informattivi, sar *placement* biex jiltaqgħu mal-anzjani u saret riċerka, kif ukoll ipproduċew filmati qosra dwar is-suġġett. Dawn il-filmati qed jiġu wżati waqt PR tad-direttorat.

**Servizz tat-*Telecare***

Is-servizz tat-*Telecare* huwa mmirat għall-anzjani bħala serħan tal-moħħ f'każ ta' emerġenza. Dan ukoll huwa servizz fejn l-anzjan, permezz tiegħu jista' jibqa' fil-komunità.

**X'inhu t-*Telecare Plus?***

It-*Telecare* huwa wieħed minn ħafna servizzi li jingħataw lill-anzjani biex kemm jista' jkun jibqgħu joqgħodu fi djarhom u fil-komunità.

Dan is-servizz huwa apparat li jitwaħħal ma' linja fissa tat-telefon tal-Go. Miegħu jingħata wkoll pendent biex jintlibes mil-anzjan. F'każ ta' inċident fid-dar dan jiġi magħfus u jitla' mal-operaturi taċ-ċentru Telecare.

Dawn minn naħa tagħhom jaraw x'għandu bżonn l-anzjan u jaġixxu skont il-bżonn. Kull każ ikun differenti u l-operaturi jistgħu jagħtu għajnuna permezz li jikuntattjaw it-tabib, l-ambulanza, ġirien tiegħu/tagħha jew jikkuntattjaw il-qraba għall-ewwel għajnuna.

L-operaturi jieħdu azzjoni fil-pront kif meħtieġ u kull każ jiġi trattat individwalment. Dawn l-operaturi jaħdmu erbgħa u għoxrin siegħa kuljum fuq bażi ta' *shift* biex ikunu dejjem lesti biex jagħtu l-ewwel għajnuna.

Dan is-servizz ilu iżjed minn ħamsa u għoxrin sena jopera, iżda dan l-aħħar, f'Novembru ta' 2013 sar *upgrade* fl-apparat u sar jissejjaħ *Telecare Plus*. Ma' *Telecare Plus* jistgħu jinxtraw u jitwaħħlu xi *devices* oħra fosthom *on-wrist fall alert*, *smoke detector* jew *intruder alarm*. Ukoll l-apparat jista' jiġi programmat biex lill-anzjani jfakkru biex jieħu xi mediċini fil-ħin.

Bħal kull sistema jiġi żmien li jkun hemm bżonn ta' manutenzjoni. Fl-2016 wkoll kien hemm xi ġranet meta minħabba maltemp jew affarijiet li m'għandniex kontroll fuqhom is-servizz waqaf jaħdem minn fuq xi *workstations*. Però bis-saħħa ta' tekniċi tal-Go u l-EmCare dejjem instab il-mod kif is-sistema tibqa' għaddejja xorta waħda u s-servizz baqa' jingħata l-ewwel prijorità.

**Statistika 2016 u 2017**

| | **2016** | **2017** |
|---|---|---|
| Numru ta' klijenti b'kollox | 8424 | 8133 |
| *Telecare Plus* Malta: | 4535 | 5029 |
| Għawdex: | 304 | 352 |
| Klijenti bil-Karta r-Roża | 2033 | 1755 |
| Numru ta' Reġistrazzjonijiet | 681 | 915 |
| Numru ta' Kuntratti | 673 | 709 |

| | | |
|---|---|---|
| Numru ta' Installazzjonijiet | 525 | 482 |
| Talbiet ta' Emerġenza | 8314 | 8832 |

**Servizz ta' *Night Shelter***

**L-Għan tas-Servizz**
*Night Shelters* huwa servizz ieħor għall-Anzjani sabiex ikompli jgħinhom jibqgħu jgħixu fil-komunità. L-Għan ta' dan is-servizz huwa li joffri kenn sigur għal dawk l-Anzjani li jgħixu waħedhom u li matul il-lejl ma jħossuhomx siguri li jorqdu waħedhom minħabba diversi raġunijiet.

**Lokalitajiet**
Preżentament hawn erba' *Night Shelters* li jinsabu, tlieta f'Malta u wieħed f'Għawdex. In-*Night Shelters* jagħtu sapport, kemm lill-benefiċjarji, kif ukoll li dawk il-persuni li jieħdu ħsiebhom.

**Dawn in-*Night Shelters* bdew jiffunzjonaw mis-sena 2010:**

**Żejtun *Night Shelter* -** Jipprovdi tmien sodod u s-servizz huwa għan-nisa biss.

**Mellieħa *Night Shelter* -** Hemm tmien sodod u s-servizz huwa kemm għall-irġiel u anke għan-nisa.

**SVP *Night Shelter*** – tmien sodod u s-servizz jingħata lill-irġiel u anke lin-nisa.

**Għajnsielem *Night Shelter* -** Għandu 13-il sodda u s-servizz huwa għall-irġiel u anke għan-nisa.

**Statistika**

| *Night Shelters* | **Anzjani Jattendu 2016** | | **Anzjani Jattendu 2017** | | **Lista ta' Stennija 2016** | **Lista ta' Stennija 2017** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Rġiel** | **Nisa** | **Rġiel** | **Nisa** | | |
| Żejtun (Nisa biss) | - | 8 | - | 6 | Nil | Nil |
| Mellieħa | - | 3 | 3 | - | Nil | Nil |
| SVPR | 3 | 5 | 3 | 5 | 40 | 42 |
| Għajnsielem | 5 | 1 | 3 | 3 | 1 | 3 |
| Ħamrun ***ingħalaq fil-31/10/16** | 1 | - | 1 | - | Nil | Nil |
| **Total** | **9** | **17** | **16** | **8** | **41** | **45** |

**Applikazzjonijiet:** Fl-2016 daħlu 47 applikazzjonijiet ġodda**.** Fl-2017 daħlu 53 applikazzjonijiet ġodda.

**Trasport**
Inizjattiva oħra li ttieħdet matul is-sena 2016 kienet l-introduzzjoni ta' servizz ta' trasport għall-Għajnsielem *Night Shelter.* Dan beda fis-seħħ mill-31 ta' Mejju 2016. Filwaq li n-*Night Shelter* ta' SVPR kompla jgħati servizz limitat lill-membri li jgħixu fil-viċinanzi ta' SVPR.

## DIRETTORAT GĦALL-GOVERNANZA FINANZJARJA U PPJANAR

L-oġġettiv ewlieni tal-Uffiċċju tad-Direttorat għall-Governanza Finanzjarja u Ppjanar huwa li jagħti sapport u pariri lis-Segretarju Permanenti, lid-Direttur Ġenerali (Osservanza u Investigazzjonijiet), lid-Dipartimenti u Entitajiet li jaqgħu taħt dan il-Ministeru f'dak li għandu x'jaqsam fuq Finanzi, Awditjar u Regulatur tal-iproċessar *tat-Tenders.*

Ir-responsabbiltà ewlenija tad-Direttorat hija li jkun effettiv u effiċjenti f'dak li huma riżorsi finanzjarji disponibbli għall-Ministeru, kordinament relatat mal-imaniġġjar ta' mistoqsijiet magħmula mill-Awditur Ġenerali lil Ministeru, Dipartimenti, Entitajiet u l-Aġenziji tagħna, u kif ukoll kontrolli f'dak li huma *Tendering Procurement.* Dawn jinkludu l-ġbir u preparazzjoni tal-*Business Plans* tal-Ministeru, estimi tal-Finanzi, rapporti annwali, rapporti finanzjarji ta' kull xahar, pagamenti ta' xogħlijiet u servizzi, pproċessar ta' rapporti tal-Awditur u pproċessar ta' *tenders* kollha tal-Ministeru kollu. Ħafna mix-xogħlijiet tal-Direttorat huma kollha bid-*deadlines* u jiddependu minn miri li ġejjin mill-Gvern Ċentrali. Id-Direttorat huwa effettiv billi jagħmel kordinament fuq il-finanzi bejn id-Dipartimenti tal-Ministeru u l-Ministeru tal-Finanzi, l-Awditur Ġenerali, l-IAID u d-Dipartiment tal-Kuntratti. Sa l-aħħar tas-sena 2017, id-Direttorat ħeles ħafna mill-każijiet li kellhom x'jaqsmu mal-finanzi, l-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali u kif ukoll numru mdaqqas li għandhom x' jaqsmu mal-*Procurement.*

L-immaniġġjar tal-finanzi ngħata importanza kbira għall-Governanza tajba. Kull xahar issir reviżjoni tal-estimi għal dak li hu l-vot tal-Ministeru u l-*Cost Centres* tiegħu. Kif ukoll isir monitoraġġ u evalwazzjoni tal-finanzi tad-Dipartimenti l-oħra li jiffurmaw parti mill-Ministeru qabel dawn jingħataw lill-Ministeru tal-Finanzi. Saret ukoll il-kitba u konsolidazzjoni tal-Estimi tal-Baġit tad-Dipartimenti li jagħmlu parti mill-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

Il-voti Rikorrenti u Kapitali tal-Ministeru jiġu segwiti kontinwament biex jekk jiġu utilizzati totalment dawk li huma risorżi finanzjarji, jittieħdu miżuri korrettivi fejn jidher li estimi finanzjarji ma jkunux suffiċjenti.

Id-Direttorat jagħmel ukoll xogħol biex jara lir-Rapporti tal-Awditur Ġenerali li jikkonċernaw Dipartimenti, Entitajiet u Aġenziji tal-Ministeru jiġu risposti fil-ħin u li jsir it-tibdil rakkomandat fejn hu possibbli. Fiir-rigward tat-*tenders*, it-taqsima tal-MPU għamlet li setgħet biex il-volum kbir ta' *tenders* li ħarġu minn dan il-Ministeru ntbagħtu fil-ħin fejn dan kien possibbli.

**Taqsima tal-Finanzi**

Is-Sezzjoni tal-Finanzi hija responsabbli mill-ammistrazzjoni tad-dħul, tal-ispiża rikorrenti u tal-ispiża kapitali għall-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali, għad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali u għad-Dipartiment tal-Benefiċċji Soċjali.

Din is-sezzjoni wkoll tikkordina u tagħti assistenza fejn ikun meħtieġ lil tliet Dipartimenti l-oħra, li huma: id-Dipartment fuq l-Ammistrazzjoni tal-Pensjoni tas-Servizz, id-Dipartiment għall-Istandards fil-Ħarsien Soċjali u id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Servizzi fil-Komunità. Dan tal-ewwel ingħaqad mal-Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u s-Solidarjetà Soċjali matul is-sena 2017.

Fl-aħħarnett, din is-Sezzjoni tagħti kontribuzzjonijiet u assistenza teknika lill-entitijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali. Matul is-sena finanzjarja 2017, Aġenzija Appoġġ u Aġenzija Sedqa ngħaqdu taħt il-kappa tal-Fondazzjoni għas-Servizzi fil-Ħarsien Soċjali, kif ukoll inħolqu żewġ entitajiet oħra li huma: l-Aġenzija għall-Ħarsien tat-Tfal u l-LEAP.

**Ipproċessar tal-Pagamenti**

Is-Sezzjoni tal-Finanzi għamlet pagamenti kif kien approvat mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi u mis-Segretarju Permanenti. Il-pagamenti saru b'ċekk jew b'depożitu bankarju. It-tabella numru D turi n-numru taċ-ċekkijiet/depożiti bankarji u l-ammonti mħallsa rispettivament li saru matul is-sena finanzjarja 2017 u 2016. It-tabella turi wkoll ammont li tħallas fi flus kontanti u transferimenti ta' ħlas bejn dipartiment u ieħor.

**Statistika fuq Pagamenti**

| **Isem tad-Dipartiment** | **Numru tat-Transazzjonijiet** | **Ammont ta' Pagamenti f'€** |
|---|---|---|
| | **2017 and 2016** | |
| **Ministeru tal-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali** | | |
| - Ċekkijiet maħruġa | 8,183 | 28,090,876 |
| - Depożiti Bankarji | 1,181 | 78,556,085 |
| - Flus Kontanti | - | 21,540 |
| - Transferimenti ta' ħlas bejn dipartiment u ieħor | 328 | 7,639,378 |

| **Isem tad-Dipartiment** | **Numru tat-Transazzjonijiet** | **Ammont ta' Pagamenti f'€** |
|---|---|---|
| | **2017 and 2016** | |
| **Dipartiment tas-Sigurita Soċjali** | | |
| - Ċekkijiet maħruġa | 5,779 | 2,752,762 |
| - Depożiti Bankarji | 482 | 1,277,320 |
| - Transferimenti ta' ħlas bejn dipartiment u ieħor | 310 | 8,756,134 |

Il-pagamenti tal-benefiċċji tad-Dipartiment tal-Benefiċċji Soċjali saru ħafna minnhom minn Sezzjoni oħra tad-Dipartiment ħekk imsejħa IMU u DAMP. Dan minħabba l-volum kbir ta' beneffiċjarji u l-importanza li jsiru fil-ħin stipulat. L-ipproċessar tal-pagamenti hu b'mod awtomatiku kemm jista' ikun. Madankollu s-sezzjoni tal-Finanzi fuq dan il-Vot ħadmet ħafna mill-qrib mat-Teżor u mal-Uffiċċju tal-Baġit biex tassigura li jkun ħemm allokazzjoni biżżejjed biex il-pagamenti jsiru fil-ħin u kif stipulat. Għaldaqstant l-istatistika tal-pagamenti fuq dan il-Vot tidħer taħt is-sezzjoni tal-IMU u DAMP. Din is-sezzjoni għamlet ukoll pagamenti oħra b'ċekk, b'depożiti bankarji u trasferrimenti ta' ħlas lid-Dipartimenti oħra.

**Rikonċiljazzjoni**
Din is-Sezzjoni ġiet imwaqqfa għax il-pagamenti (ċekkijiet jew *'Direċt Debits'*) tas-Sigurità Soċjali ma jsirux mit-Teżor bħal pagamenti oħra imma jsiru mill-Ministeru stess minn żewġ kontijiet bankarji apposta. Għaldaqstant inħasset il-ħtieġa li t-transazzjonijiet li jgħaddu minn dan il-kont jiġu analizzati. Jekk pagamenti jibqgħu ma' jissarfux wara sentejn dawn jiġu mogħtija lura lit-Teżor. Din is-Sezzjoni wkoll tieħu ħsieb il-ħlasijet lill-*Arms* fuq il-beneffiċċju relatat mal-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

**Rapporti**
Din is-sezzjoni hija magħmula minn diversi rapporti li huma rikjesti mill-Uffiċċju tal-Baġit, it-Teżor, l-Awditur Ġenerali u entitijiet oħra. Dawn ir-rapporti huma ta' rutina u dejjem intbagħtu fil-ħin kif stipulat minnhom. Din is-sezzjoni tinkludi ukoll rapporti ġenerati internament biex jiġu użati għal rapportaġġ intern jew għall-Mistoqsijiet Parlamentari.

**Rapporti rikjesti mid-Direttorat tal-Baġit**
Hemm diversi rapporti li jiġu rikjesti mill-Uffiċċju tal-Baġit. Dawn jinkludu:

- Rapporti fuq l-andament tal-Baġit;
- Rapporti fuq l-Att dwar ir-Responsibbiltà Fiskali; u
- Rapporti dwar id-dħul mill-Bolla.

F'dan ir-rigward, il-Ministeru, id-Dipartiment tas-Sigurità Soċjali u d-Dipartiment fuq id-Dħul u il-Ħruġ mis-Sigurità Soċjali rnexxielhom iżżommu mal-miri finanzjarji kif stabiliti mill-Uffiċċju tal-Baġit.

**Rapporti rikjesti mit-Teżor**

- Rapporti tal-*'Accrual Accounting';*
- Previżjonijiet fuq il-Ħlasijiet li ser isiru matul ix-xahar;
- Rapport fuq il-bilanċ fil-kontijiet bankarji tad-Dipartiment;
- Rapport dwar l-Arretrati *(Dawn jiġu awditjat mill-Uffiċċju tal-Awditur Ġenerali).*

**Rapporti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni**

L-pagamenti mis-Sigurtà Soċjali ssir lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, b'kordinament mat-Teżor imma jiġi muri għall-iskop ta' rappurtaġġ finanzjarju fuq id-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, id-dipartiment tat-Taxxi Interni jitlob informazzjoni fuq id-dħul ta' kull xahar u d-dħul tas-sena. Dan ir-rapurtaġġ isir b'mod regolari u kif mitlub.

**Rapporti lill-Uffiċċju tal-Istatistika**

- Rapport fuq beneffiċċji soċjali lil beneffiċjarji li mhumiex residenti Malta;
- Rapport fuq nefqa Kontributorja;
- Rapport fuq nefqa mhux Kontributorja;
- Rapport fuq pensjonijiet mnaqqsa lir-residenti li jgħixu fid-djar tal-gvern;
- Rapport fuq pensjonijiet mnaqqsa lir-residenti li jgħixu f'residenzi privati/pubbliċi *('private public partnership'); u*
- Rapport fuq taxxi miżmuma mill-pensjoni tal-beneffiċċjari u mgħoddija lid-dipartment tat-taxxi interni.

**MINISTERIAL PROCUREMENT UNIT (MPU)**

**Twaqqif tal-Unit**

Wara l-amendi li saru fi Skeda 16 tar-regolamenti prinċipali (Avviz Legali – 352/2016), ippubblikati permezz tal-Avviż Legali 155/2017 fit-30 ta' Mejju 2017, il-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, kif kien imsejjaħ f'din id-data, beda jamministra il-*procurement* pubbliku tiegħu sa valur ta' €250,000 skont ir-regolamenti prinċipali. Minħabba f'hekk u skont l-Artiklu 79 tar-regolamenti prinċipali kellu jibda jiffunzjona *Procurement Unit* Ministerjali fi ħdan dan il-ministeru.

**Reklutaġġ**

Sabiex dan il-Unit seta' jibda jopera kien ħemm bzonn li jkun assenjat staff ġdid b'esperjenza fil-*proċurement* pubbliku. Iżda wara diversi sejħiet għall-pożizzjonijiet speċifiċi u relatati ma' dan it-tip tax-xogħol, il-Unit beda jopera f'nofs ix-xahar ta' Lulju 2017, b'Assistent Direttur u *Senior Procurement Officer* biss. Kien wara proċess ta' aktar sejħiet, li f'Novembru 2017 żewġ *Support Procurement Officers* bdew jaħdmu f'dan il-Unit. Wara xahrejn, *Support Procurement Officer* minn dawn it-tnejn ma komplietx taħdem f'dan il-Unit.

**L-Uffiċċju tal-MPU**

Ġie identifikat il-post minn fejn kellu jopera l-MPU. Saru l-arranġamenti għal dak kollu neċessarju sabiex il-Unit ikun funzjonabbli. Dan kien jinkludi bżonnijiet ta' għamara u IT, il-ftuħ ta' email *account* ġeneriku (mpu.mfcs@gov.mt) għall-korrispondenza kollha, allokazzjoni ċentrali fejn il-*files* eletroniċi kollha jkunu jistgħu jiġu aċċessati mill-istaff tal-Unit kif u meta jkun hemm bżonn. Ġew stampati *files* apposta sabiex tinżamm id-dokumentazzjoni għal kull sejħa għall-offerti u bdiet tinżamm *database* li tinkludi informazzjoni dwar l-istadji importanti għal kull sejħa li tiġi ipproċessata minn dan il-Unit

**Laqgħat u Gwida**

L-MPU kellu laqgħat mal-*Procurement Reform Unit* fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kif ukoll mad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex jiġu diskussi proċeduri ġodda li kellhom jiġu implimentati. Saru laqgħat oħra bejn l-MPU u uffiċċjali li jaħdmu fis-sezzjonijiet tal-*procurement* fid-Dipartimenti /

Aġenziji / Entitajiet fi ħdan il-Ministeru sabiex ikun spjegat dak li hu mitlub u li jrid jibda jsir fid-dawl tal-liġi l-ġdida.

**Statistika**
Matul l-aħħar sitt xhur tas-sena 2017 u li matulhom opera l-MPU, waslu 34 sejħa għall-offerti sabiex jiġu vvettjati u pproċessati u li minnhom 11 kienu koffinanzjati mill-UE. Dawn is-sejħiet għall-offerti kienu qed isiru mid-dipartimenti / entitajiet kif muri hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 10 sejħiet għall-offerti: | Direttorat Servizzi Korporattivi |
| 2 sejħiet għall-offerti: | Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità |
| 2 sejħiet għall-offerti: | Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà |
| 6 sejħiet għall-offerti: | Awtorità tad-Djar |
| 6 sejħiet għall-offerti: | Aġenzija Sapport |
| 8 sejħiet għall-offerti:: | San Vinċenz de Paule |

Minn dawn is-sejħiet għall-offerti, 23 kienu ppubblikati matul is-sena li qed ikopri dan ir-rapport, filwaqt li tmienja oħra ġew ippubblikati matul l-ewwel xahrejn tas-sena ta' wara. Ma tkompliex il-proċess biex jiġu ppubblikati tliet sejħiet għall-offerti.

Fost is-sejħiet għall-offerti li kienu ppubblikati matul l-2017, ingħataw żewġ kuntratti, filwaqt li kuntratt ieħor ingħata sa dakinhar li kien qed jitħejja dan ir-rapport.

## DIRETTORAT TAS-SIMPLIFIKAZZJONI TAL-BUROKRAZIJA

Id-Direttorat tas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija twaqqaf f'Ġunju 2015 sabiex jipprovdi pariri strateġiċi lis-Segretarju Permanenti u finalment lill-Ministru, dwar materji li jikkonċernaw is-simplifikazzjoni tal-proċeduri fi ħdan id-dipartimenti u entitajiet fl-istess Ministeru. Id-Direttorat jaħdem ukoll fil-qrib mal-kapijiet tad-dipartimenti u entitajiet tal-Ministeru sabiex jifformula u jissottometti rakkomandazzjonijiet dwar reviżjoni ta' proċeduri u jsegwu inizjattivi li jwasslu għal simplifikazzjoni.

Id-Direttur ta' dan id-Dipartiment huwa l-aġent tal-bidla fil-Ministeru tal-Famija u Solidarjetà Soċjali, biex imexxi b'mod strateġiku u ħolistiku, inizjattivi ta' bidla fid-dipartimenti u entitajiet fl-istess Ministeru, b'attenzjoni partikolari fuq simplifikazzjoni ta' proċeduri varji kif ukoll permezz tal-użu tal-ICT. B'mod ġenerali, id-Direttur jaġixxi bħala punt ta' riferenza fil-Ministeru f'dak li għandu x'jaqsam simplifikazzjoni, speċjalment f'dawk l-oqsma tas-servizzi li għandhom x'jaqsmu direttament mal-operat tad-diversi dipartimenti u entitajiet kif ukoll tal-klijenti tal-istess Ministeru.

Id-Direttorat flimkien mal-*Information Management Unit* fl-istess Ministeru jħejji u jmexxi programm ta' ħidma (Pjan ta' Simplifikazzjoni tal-Burokrazija) dwar simplifikazzjoni tal-burokrazija fil-Ministeru. Id-Direttorat jaħdem ukoll fil-qrib maċ-*Chief Information Officer* fl-istess Ministeru u l-MITA sabiex jisfrutta l-potenzjal tal-ICT biex jissimplifika proċeduri u prattiċi ta' xogħol.

Fl-istess waqt id-Direttorat jimmonitorja d-dipartimenti u l-entitajiet rispettivi sabiex jassigura li jkunu konformi mal-obbligi u l-impenji kif maqbula fil-programm ta' ħidma ħa jiżgura implimentazzjoni fil-ħin. Għan importanti ieħor tad-Direttorat huwa li jassisti l-Ministeru u d-dipartimenti u entitajiet itejbu u jżommu *standards* ta' servizz ta' kwalità għolja permezz ta' simplifikazzjoni ta' proċeduri.

Minn żmien għal żmien, id-Direttorat flimkien mal-IMU fl-istess Ministeru, jikkummissjona rapporti mingħand entitajiet jew aġenziji tal-Gvern, kif ukoll jirrakkomanda azzjoni li twassal għal kisbiet fl-effiċjenza kif ukoll servizz aħjar u aktar sempliċi għad-diversi klijenti tal-Ministeru.

Fis-sena 2016, il-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali wettaq 23 miżura ta' simplifikazzjoni bl-akbar miżura tkun dik implimentata mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fejn tneħħa l-bżonn li persuna, malli tagħlaq is-sittax-il sena, tapplika għan-numru tas-sigurtà soċjali u minflok jinħarġilha awtomatikament ċertifikat ta' reġistrazzjoni taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. B'din il-miżura bbenefikaw madwar 4,000 ruħ.

Inizjattiva oħra importanti kienet l-introduzzjoni tal-mServices fejn persuna tkun tista' tfittex informazzjoni dwar is-servizzi offruti minn dipartimenti jew entitajiet ta' dan il-Ministeru permezz tal-mobajl. L-mServices jikkonsistu f'erba' *benefit calculators* fejn persuna tkun taf x'rata ta' *Allowance* tat-Tfal, *In-Work Benefit*, Benefiċċju tal-Mard u Benefiċċju ta' Diżimpieg jista' jkollha dritt għalihom. Apparti l-*benefit calculators*, żewġ mServices oħra juruk ir-rati tal-benefiċċji kollha tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali kif ukoll skeda tal-pagamenti (ħlasijiet) kollha tal-benefiċċji offruti mill-istess dipartiment.

Matul l-2017, id-Direttorat kompla jintroduċi għadd ta' inizjattivi ta' simplifikazzjoni, bl-aktar tnejn sinifikanti jkunu ż-żewġ Key Performance Indicators tal-istess Ministeru. Waħda minn dawn l-inizjattivi kienet simplifikazzjoni ta' proċess fejn persuna fuq mard fit-tul ma jkollhiex l-obbligu li tissottometti ċertifikat tal-mard darba fil-ġimgħa biex tkompli tingħata l-Benefiċċju tal-Mard jew krediti ta' kontribuzzjoni.
Huwa ttamat li b'din il-miżura d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali se jiffranka madwar 10,000 ċertifikat mediku ta' kontinwazzjoni jew nofs l-ammont li kienu jiġu ppreżentati qabel ma ddaħlet fis-seħħ din il-KPI. L-istess Dipartiment qed jiffranka sigħat twal ta' xogħol fil-proċess ta' dawn iċ-ċertifikati filwaqt li l-benefiċjarju qed jiffranka l-ispejjeż taċ-ċertifikati u li jibgħathom bil-posta kif ukoll l-iskariġġ li jissottometti l-istess ċertifikati fl-uffiċini distrettwali.

Il-KPI l-oħra kienet simplifikazzjoni ta' proċess fejn persuna ma jkollhiex għalfejn tmur fil-fergħat tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali biex iġedded l-Għajnuna Medika Bla Ħlas (Karta Roża). Il-Karta Roża bdiet tiġġedded b'mod awtomatiku f'każ ta' dawk il-Kapijiet ta' Familja li huma wkoll benefiċjari tal-Benefiċċji Mhux Kontributorji.

Qed ikun ittamat li fl-ewwel sena mis-seħħ ta' din il-miżura, id-Dipartiment se jiffranka 80% minn madwar 13,000 viżita li ta' kull sena daqs 6,000 kapijiet ta' familja, b'numru konsiderevoli minnhom anzjani, kienu jmorru fl-uffiċini distrettwali biex iġeddu l-Karta Roża. L-istess Dipartiment qed jiffranka sigħat twal ta' xogħol ta' verifiki kif ukoll iffullar fl-istess fergħat.

Marbuta ma' din il-miżura m'għadhiex aktar tiġi pprintjatha d-*Drug Control Card* għall-benefiċjari tal-Karta Roża minħabba li l-Unit tal-Ispiżjar tal-Għazla Tiegħek (POYC) qegħdin iqassmu *card* elettronika (POYC Membership Card Scheme) bil-għan li 'l quddiem il-preskrizzjonijiet tal-mediċni jsiru b'mod elettroniku. L-ammont iffrankat ta' *Drug Control Cards* stampati jlaħħaq il-25,000.

Żewġ miżuri oħra ta' ċerta importanza kienu t-tnedija ta' prototipi ta' Reġistru Mingħajr Karti fl-Uffiċċji tas-Segretarju Permanenti u l-Uffiċjal Ewlieni tal-Informazzjoni. Dan ser iwassal biex fis-snin li ġejjin issir il-qalba għall-*files* elettroniċi fl-entitajiet u d-dipartimenti kollha tal-Ministeru.

L-2017 rat ukoll it-tkomplija tal-eżerċizzju ta' reviżjoni sabiex aktar formoli ta' servizzi li joffri l-Ministeru jkunu aktar sempliċi u faċli biex jimtlew mill-utenti li japplikaw bl-e-ID. Apparti minn dan sar ukoll simplifikazzjoni ta' proċess ta' kif persuna tista' tapplika għal ċerti servizzi biex dan jista' jibda jsir *online*. Fost il-formoli li saru elettroniċi kien hemm dawk tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, id-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità u l-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali.

Għas-sena 2018, hemm maħsuba miżuri oħrajn ta' simplifikazzjoni bl-aktar tlieta sinifikanti relatati maċ-ċertifikati mediċi u l-karta roża.